IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.3.2022
COM(2022) 142 final

2022/0095 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2022) 165 final} - {SWD(2022) 81 final} - {SWD(2022) 82 final} - {SWD(2022) 83 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-objettivi ewlenin ta' dan ir-Regolament huma li jitnaqqsu l-impatti ambjentali negattivi taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti u li jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern. Dawn l-objettivi jaraw li jsolvu l-problemi u l-kawżi tagħhom analizzati fil-valutazzjoni tal-impatt. Dawn jirriflettu l-fatt li fis-suq intern hemm prodotti li jiġġeneraw impatti ambjentali negattivi bla bżonn. Dan ir-Regolament jikkontribwixxi wkoll għall-objettivi tal-politika industrijali tal-UE biex tingħata spinta lill-provvista u d-domanda għal oġġetti sostenibbli, biex jinkisbu r-riżultati fejn tidħol il-produzzjoni sostenibbli u jkun żgurat ambjent ekwu għall-prodotti mibjugħa fis-suq intern. L-industrija teħtieġ rekwiżiti armonizzati applikabbli b'mod ġenerali, mezzi effiċjenti biex tikkonforma magħhom, infurzar xieraq, sorveljanza tas-suq imsaħħa, u kontrolli doganali bbażati fuq analiżi tar-riskju[1].

Il-prodotti jaqdu rwol vitali fil-ħajja taċ-ċittadini tal-UE, u l-għadd, il-firxa u l-varjetà tal-prodotti offruti għalina qed jiżdiedu b'mod kostanti. Bl-avvanzi teknoloġiċi li saru fl-aħħar deċenji, żdiedet ukoll id-dipendenza tagħna fuqhom: mill-prodotti tal-ICT li kkollegawna tul il-kriżi tal-COVID-19, sal-għamara u l-apparat li jgħinuna mmexxu darna kuljum. Iċ-ċirkolazzjoni libera tal-prodotti hi essenzjali biex ikun żgurat il-funzjonament tas-suq intern, li jibqa' l-pedament għall-kompetittività tal-kumpaniji tal-UE u għall-għażla tal-konsumaturi.

Bit-tħaddim tal-approċċ tal-Ekodisinn għal firxa wiesgħa ħafna ta' prodotti u billi dan ikun jista' jistabbilixxi firxa wiesgħa ta' rekwiżiti ta' prodotti mmirati, dan ir-Regolament jara li jindirizza l-aktar impatti ambjentali detrimentali tal-prodotti. Għalhekk, jistabbilixxi qafas għall-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn ibbażati fuq l-aspetti tas-sostenibbiltà u taċ-ċirkolarità elenkati fil-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari[2], bħad-durabbiltà tal-prodotti, l-użu mill-ġdid, it-titjib tal-kwalità u l-possibbiltà ta' tiswija, il-preżenza ta' sustanzi ta' tħassib fil-prodotti, l-enerġija tal-prodott u l-effiċjenza fir-riżorsi, il-kontenut riċiklat tal-prodotti, ir-rimanifattura tal-prodotti u r-riċiklaġġ ta' kwalità għolja, u biex jonqsu l-impronti tal-karbonju u ambjentali tal-prodotti.

B'dan il-mod, se jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet ġenerali tal-UE dwar il-klima, l-ambjent u l-enerġija, u se jappoġġa t-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tax-xogħol u l-inklużjoni soċjali. Billi jiżgura li l-materjali jservu għal żmien itwal, li l-valur tagħhom jinżamm kemm jista' jkun fit-tul u jsaħħaħ l-użu tal-kontenut riċiklat fil-prodotti, dan se jippromwovi d-diżakkoppjar tal-iżvilupp ekonomiku mill-użu tar-riżorsi naturali, u t-tnaqqis tad-dipendenzi materjali, u b'hekk se jrawwem awtonomija u reżiljenza strateġiċi miftuħa tal-UE. Dan l-aħħar ġraw bosta avvenimenti li fakkruna fil-vulnerabbiltajiet possibbli tal-ktajjen tal-provvista dinjin.

Dan ir-Regolament hu parti minn pakkett ta' inizjattivi li qed tippreżenta l-Kummissjoni dwar il-prodotti sostenibbli biex trawwem għażliet sostenibbli tal-prodotti. Il-pakkett jinkludi inizjattivi settorjali mmirati dwar it-tessuti[3] u l-prodotti tal-kostruzzjoni[4], li jindirizzaw prodotti bl-aktar impatti sinifikanti fuq l-ambjent u l-klima, u inizjattiva li tagħti s-setgħa lill-konsumaturi fit-tranżizzjoni ekoloġika bi protezzjoni aħjar mill-prattiki inġusti u

[1] Kif previst fl-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 dwar il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.
[2] COM(2020) 98 final.
[3] COM(2022) 141 final.
[4] COM(2022) 144 final.

b'informazzjoni aħjar[5]. Fl-aħħar nett, sakemm jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament, il-Kummissjoni se tiżgura li tissokta l-ħidma skont id-Direttiva eżistenti dwar l-Ekodisinn, inkluż bl-adozzjoni ta' Pjan ta' Ħidma ġdid dwar l-Ekodisinn u t-Tikkettar tal-Enerġija għall-perjodu 2022-2024, filwaqt li tindirizza prodotti ġodda relatati mal-enerġija u taġġorna u żżid l-ambizzjoni ta' dawk diġà regolati.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Dan ir-Regolament se jwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-**Direttiva dwar l-Ekodisinn** kemm mil-lat ta' prodotti kif ukoll fit-tipi ġodda ta' rekwiżiti. Għal raġunijiet ta' ċarezza legali, għalhekk, id-Direttiva dwar l-Ekodisinn jenħtieġ li titħassar. Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tar-Regolament propost, jeħtieġ li sa fejn ikun possibbli jiġi definit kif dan għandu x'jaqsam mal-leġiżlazzjoni eżistenti applikabbli għall-prodotti koperti, u ma' inizjattivi oħra marbuta mal-għanijiet tiegħu jew rilevanti għalihom. Dan bil-għan li tkun evitata d-duplikazzjoni ħalli jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv għan-negozji u għall-awtoritajiet.

L-approċċ ġenerali hu li dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti meta l-leġiżlazzjoni eżistenti ma tkunx tindirizza biżżejjed l-aspetti tas-sostenibbiltà ambjentali. Għalhekk se japplika l-prinċipju ġenerali tal-liġi, *lex specialis derogat legi generali,* (meta jkun hemm regoli aktar speċifiċi li jipprevalu fuq ir-regoli aktar ġenerali). Biex ikun aktar speċifiku, l-approċċ ikopri żewġ kategoriji: il-leġiżlazzjoni speċifika għall-prodotti u l-leġiżlazzjoni li tindirizza l-aspetti orizzontali.

Il-leġiżlazzjoni speċifika għall-prodotti tirreferi għal-leġiżlazzjoni ffukata fuq xi prodott speċifiku jew fuq xi grupp ta' prodotti li jkun definit sew, u li ħafna drabi tkun tirregola l-aktar l-aspetti tas-sikurezza (eż. dwar **il-batteriji, il-ġugarelli, id-deterġenti u l-imballaġġ**). Mhux fattibbli li jingħataw speċifikazzjonijiet għal kull biċċa leġiżlazzjoni eżistenti speċifika għall-prodotti fil-livell ġenerali ta' dan ir-Regolament. Iżda qabel ma tistabbilixxi rekwiżiti konkreti fil-livell speċifiku għall-prodotti permezz ta' miżuri skont dan ir-Regolament, il-Kummissjoni se tivvaluta fid-dettall kull sovrapożizzjoni jew kunflitt potenzjali mal-leġiżlazzjoni eżistenti biex tevita d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti u li tpoġġi piż eċċessiv fuq in-negozji. Bħala kwistjoni ta' prinċipju, dan ir-Regolament se japplika biss għal prodotti li mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni eżistenti, jew meta l-leġiżlazzjoni ma tkunx tindirizza biżżejjed is-sostenibbiltà ta' dawk il-prodotti. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti speċifiċi għall-prodotti skont dan ir-Regolament se jiġu inklużi f'atti delegati u bħala tali ma jistgħux jieħdu post ir-rekwiżiti stabbiliti permezz ta' atti leġiżlattivi bħad-direttivi jew ir-regolamenti (għalkemm jistgħu jkunu aktar speċifiċi), skont il-prinċipju tal-ġerarkija tan-normi.

B'mod partikolari fir-rigward tal-prodotti tal-kostruzzjoni, filwaqt li dawn se jkunu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, minħabba l-ħtieġa li jiġu ġestiti r-rabtiet qawwija bejn il-prestazzjoni ambjentali u strutturali tagħhom, inkluż is-saħħa u s-sikurezza tagħhom, ir-rekwiżiti tal-ekodisinn se jiġu stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 rivedut[6] (ir-Regolament dwar il-Prodotti tal-Kostruzzjoni), ħlief għall-prodotti tal-kostruzzjoni relatati mal-enerġija, li diġà huma regolati skont id-Direttiva eżistenti dwar l-Ekodisinn.

---

5 COM(2022) 143 final.

6 Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kundizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5).

Il-leġiżlazzjoni li tirregola l-aspetti orizzontali tirreferi għal-leġiżlazzjoni li tindirizza jew li tista' tindirizza l-aspetti orizzontali skont dan ir-Regolament ta' firxa wiesgħa ta' prodotti, bħar-regoli tar-**REACH** li jirregolaw is-sustanzi kimiċi u l-għoti tas-setgħat fir-rigward tas-sustanzi kimiċi fil-prodotti. Meta l-leġiżlazzjoni tkun diġà tindirizza jew tista' tindirizza aspetti speċifiċi koperti minn dan ir-Regolament b'mod aktar orizzontali, hemm il-ħtieġa ċara u l-possibbiltà li jiġi speċifikat kif dan għandu x'jaqsam ma' dan ir-Regolament f'livell aktar ġenerali. Bl-istess mod, dan ir-Regolament se jibni wkoll fuq il-qafas ġenerali stabbilit għas-sorveljanza tas-suq fir-**Regolament dwar is-Sorveljanza tas-Suq**, filwaqt li jfassal id-dispożizzjonijiet meta meħtieġ għall-għanijiet speċifiċi tal-Inizjattiva.

Għal dettalji dwar kif l-Inizjattiva tinteraġixxi u hija konsistenti mal-leġiżlazzjoni eżistenti u emerġenti, ara **t-Taqsima 7.9** u **l-Anness 14** tal-valutazzjoni tal-impatt.

Fl-aħħar nett, **ir-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija** se jibqa' japplika b'mod paralleli mar-Regolament propost għall-prodotti relatati mal-enerġija. Il-koerenza se tkun żgurata. Dan ifisser, pereżempju, li bħala prinċipju, tali prodotti jrid ikollhom biss it-tikketta tal-enerġija speċifikata skont ir-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Dan ir-Regolament jibni fuq diversi politiki tal-Unjoni.

Il-bażi ta' din l-inizjattiva hi **l-Patt Ekoloġiku Ewropew**[7], l-istrateġija tat-tkabbir maħsuba biex tittrasforma l-UE f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva mingħajr emissjonijiet netti tal-gassijiet serra fl-2050 u b'diżakkoppjar tat-tkabbir ekonomiku mill-użu tar-riżorsi. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew ħabbar ukoll l-istrateġija industrijali l-ġdida għall-Ewropa u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari, ippubblikati flimkien f'Marzu 2020.

L-istrateġija industrijali tal-2020 tal-Kummissjoni Ewropea għall-Ewropa[8] tistabbilixxi l-ambizzjoni ġenerali tal-UE li trawwem "tranżizzjoni doppja" għan-newtralità klimatika u għat-tmexxija diġitali. Din tirrifletti l-Patt Ekoloġiku Ewropew għax tisħaq fuq ir-rwol ewlieni li l-industrija tal-Ewropa trid taqdi f'dan, billi tnaqqas l-impronta tal-karbonju u tal-materjali tagħha u billi tintegra ċ-ċirkolarità fl-ekonomija kollha. Tenfasizza l-ħtieġa li nimxu lil hinn mill-mudelli tradizzjonali u nwettqu rivoluzzjoni fil-mod kif infasslu, nagħmlu, nużaw u narmu l-prodotti. Fl-2021, il-Kummissjoni ppubblikat **aġġornament tal-istrateġija industrijali**[9] li jsaħħaħ il-messaġġi ewlenin tal-istrateġija tal-2020 u jipprovdi firxa ta' għodod ta' implimentazzjoni addizzjonali.

Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari (CEAP) għandu l-għan, fost aspetti oħra, li jistimula l-iżvilupp ta' swieq ewlenin għal **prodotti** newtrali għall-klima u sostenibbli, fl-UE u lil hinn minnha. Għal dan il-għan, dan jistabbilixxi qafas ta' politika sostenibbli dwar il-prodotti, inkluż miżuri fi tliet oqsma wiesgħa: it-trawwim ta' disinn sostenibbli tal-prodotti; l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi u lix-xerrejja pubbliċi; u l-promozzjoni taċ-ċirkolarità fil-proċessi tal-produzzjoni[10].

---

7 COM(2019) 640 final.
8 COM(2020) 102 final.
9 COM(2021) 350 final.
10 F'sinerġija wkoll ma' azzjonijiet tal-Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Żero, COM(2021) 400 final.

Filwaqt li t-tliet oqsma tal-qafas ta' politika dwar il-prodotti sostenibbli huma sinerġetiċi bejniethom, dan ir-Regolament jiffoka primarjament fuq il-miżuri stabbiliti fl-ewwel qasam (disinn sostenibbli tal-prodotti) bil-għan li jagħmlu l-prodotti adattati għal ekonomija newtrali għall-klima, effiċjenti fir-riżorsi u ċirkolari, inaqqsu l-iskart u jiżguraw li l-prestazzjoni ta' dawk li jinsabu fuq quddiem fis-sostenibbiltà ssir progressivament in-norma. Kif tħabbar fis-CEAP, l-element ewlieni ta' din l-inizjattiva leġiżlattiva hu li l-kamp ta' applikazzjoni tad-**Direttiva dwar l-Ekodisinn** jiġi estiż lil hinn mill-prodotti relatati mal-enerġija biex ikun ikopri l-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' prodotti u jgħin fil-kisba tal-ekonomija ċirkolari.

Ir-rekwiżiti tal-prodott stabbiliti f'din il-leġiżlazzjoni jenħtieġ li jikkumplimentaw u jsaħħu r-rekwiżiti stabbiliti f'inizjattivi oħra tas-CEAP. B'mod partikolari, ir-rekwiżiti tal-prodott stabbiliti f'din il-leġiżlazzjoni jenħtieġ li jgħinu biex jintlaħqu l-objettivi u jkunu konformi ma' miżuri oħra dwar il-ktajjen tal-valur ewlenin definiti fl-implimentazzjoni tas-CEAP, bħall-**istrateġija tal-UE għal tessuti sostenibbli u ċirkolari**. Barra minn hekk, **l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għall-inizjattiva tat-tranżizzjoni ekoloġika** se jtejjeb l-informazzjoni dwar il-prodotti waqt il-bejgħ b'mod partikolari dwar id-durabbiltà u l-possibbiltà tat-tiswija tagħhom, u se jgħin fil-prevenzjoni tal-greenwashing u tal-obsolexxenza qabel iż-żmien. L-inizjattiva li jmiss tal-Kummissjoni dwar **l-Asserzjonijiet Ambjentali** se tikkumplimenta wkoll il-miżuri f'din il-leġiżlazzjoni, billi żżid l-affidabbiltà, il-komparabbiltà u l-verifikabbiltà tal-asserzjonijiet ambjentali dwar il-prodotti, permezz ta' rekwiżiti li tali asserzjonijiet jiġu sostanzjati u verifikati b'metodi ta' analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja, inkluż bil-metodu tal-Impronta Ambjentali tal-Prodott[11]. Barra minn hekk, l-objettivi ta' din il-leġiżlazzjoni se jiġu appoġġati aktar bil-leġiżlazzjoni dwar **id-Diliġenza Dovuta Sostenibbli Korporattiva**[12], b'mod partikolari bir-regoli dwar id-diliġenza dovuta ambjentali li din tistabbilixxi għall-kumpaniji.

Fl-aħħar nett, ir-rekwiżiti se **jikkontribwixxu** wkoll **biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi tal-UE**: dawn se joħolqu sinerġija mal-istrumenti u jikkumplimentawhom b'enfasi klimatika aktar diretta[13] billi jmorru lil hinn mill-produzzjoni ta' materjali bażiċi jew komponenti materjali bażiċi, u jkunu jkopru l-prodotti finali nfushom. B'hekk se tkun tista' tittieħed azzjoni dwar l-impatti negattivi ġġenerati tul il-katina tal-valur kollha (inkluż l-emissjonijiet inkorporati ta' prodott tul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu, jew konsegwenzi negattivi oħra), b'appoġġ dirett għall-objettivi tal-Patt Ekoloġiku u b'mod konsistenti mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti".

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jrid jintuża għal miżuri li għandhom l-għan li jistabbilixxu u jiżguraw il-funzjonament tas-suq intern. Id-Direttiva dwar l-Ekodisinn (li l-Kummissjoni qed tipproponi li tirrevoka b'dan ir-Regolament) kienet ibbażata hija stess fuq l-Artikolu 95 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (issa l-Artikolu 114 tat-TFUE).

---

11 Stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2279 tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-użu tal-metodi tal-Impronta Ambjentali għall-kejl u l-komunikazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti u tal-organizzazzjonijiet.

12 COM(2022) 71 final.

13 Bħall-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55%": https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_21_3541

Il-kwistjonijiet indirizzati minn din l-inizjattiva huma relatati mas-suq intern, inkluż il-kundizzjonijiet mhux ekwi għall-kumpaniji li qed jippruvaw iħaddmu approċċi aktar sostenibbli jew il-fatt li r-regoli attwali tal-UE jkopru biss parzjalment l-aspetti tas-sostenibbiltà tal-prodotti. Dan ifisser li m'hemm l-ebda sett komprensiv ta' rekwiżiti li jiżgura li l-prodotti kollha mqiegħda fis-suq tal-UE jsiru dejjem aktar sostenibbli. Għalhekk, l-Istati Membri bdew jadottaw bosta approċċi fil-livell nazzjonali, li jwasslu għal frammentazzjoni tas-suq intern, filwaqt li l-infurzar tar-regoli attwali dwar l-Ekodisinn mhuwiex biżżejjed u mhuwiex uniformi.

In-nuqqas ta' regoli suffiċjenti u komprensivi tas-suq intern iħalli lok biex l-Istati Membri jew l-industriji jiżviluppaw l-inizjattivi tagħhom, u dan ixekkel il-funzjonament tas-suq intern għax joħloq ostakli potenzjali, frammentazzjoni u approċċi mhux koerenti. Barra minn hekk, minħabba n-nuqqas ta' sett komprensiv ta' rekwiżiti li jiddefinixxu s-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti, jew rekwiżiti tal-ekodisinn, prodott meqjus sostenibbli fi Stat Membru partikolari jaf ma jkunx meqjus sostenibbli fi Stat Membru ieħor. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni nazzjonali adottata dan l-aħħar aktarx li tobbliga lill-manifatturi (u lill-bejjiegħa bl-imnut) li joperaw bejn il-fruntieri tal-UE biex jikkonformaw ma' firxa ta' obbligi nazzjonali differenti li jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor.

Dawn l-obbligi nazzjonali ġodda, li jvarjaw mir-rekwiżiti tal-informazzjoni dwar l-operazzjonijiet tekniċi mwettqa fuq l-apparati elettroniċi msewwija, dwar id-durata tal-kompatibbiltà tas-software fi Franza, għar-rapportar tal-obbligi dwar l-immaniġġar tal-prodotti durabbli mhux mibjugħa fil-Ġermanja, jagħtu indikazzjonijiet ċari ta' xejra li tittieħed azzjoni regolatorja billi jiġu stabbiliti rekwiżiti tal-ekodisinn dwar il-prodotti. Minħabba f'hekk, mingħajr azzjoni tal-UE, inevitabbilment se jiżdiedu l-obbligi nazzjonali u l-frammentazzjoni tas-suq.

Il-problemi deskritti hawn fuq huma r-raġuni għalfejn din il-proposta qed tiġi bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-TFUE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

It-test tan-neċessità jistħarreġ jekk l-objettivi tal-proposta jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti b'azzjoni meħuda mill-Istati Membri waħedhom. F'dan it-test, hu essenzjali li jiġi stabbilit sett armonizzat ta' regoli biex jinkiseb suq intern armonizzat u li jiffunzjona tajjeb għall-prodotti sostenibbli fl-Istati Membri kollha, u għalhekk biex jinħoloq ambjent ekwu għan-negozji li joperaw fis-suq intern. Dan jinkludi r-rekwiżiti tal-prodotti u l-obbligu li tingħata informazzjoni affidabbli lill-utenti.

L-Istati Membri waħedhom ma jistgħux jippromulgaw miżuri ta' dan l-ambitu mingħajr ma joħolqu diverġenzi fir-rekwiżiti għan-negozju u ostakli għall-moviment liberu tal-prodotti, piż regolatorju u kostijiet eċċessivi għan-negozju. Barra minn hekk, azzjoni meħuda mill-Istati Membri waħedhom inevitabbilment twassal għal għodod differenti li jikkumplikaw aktar l-għażliet tal-konsumaturi. Għalhekk, hemm riskju qawwi li azzjoni individwali min-naħa tal-Istati Membri twassal biex jinħolqu sistemi kompetituri differenti li jkunu bbażati fuq metodi u approċċi differenti, speċjalment għall-prodotti nnegozjati fis-suq intern. Dan jifframmenta s-suq u aktarx li jwassal għal livelli differenti ta' għarfien u informazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti madwar l-UE u kostijiet addizzjonali għall-kumpaniji li jinnegozjaw minn Stati Membri differenti tal-UE.

It-test tal-effettività jivverifika jekk l-azzjoni fil-livell tal-UE hix aktar effettiva minn azzjoni fil-livell nazzjonali. Dwar dan it-test, azzjoni fil-livell tal-UE biss tista' tistabbilixxi rekwiżiti armonizzati tal-prodott u rekwiżiti ta' informazzjoni dwar aspetti ta' sostenibbiltà applikabbli

madwar l-UE, tiżgura l-moviment liberu tal-merkanzija u tipprovdi informazzjoni rilevanti u affidabbli lill-konsumaturi dwar il-karatteristiċi sostenibbli u l-karatteristiċi ċirkolari tal-prodotti fi kwalunkwe Stat Membru li jkunu qed jinxtraw minnu. L-istabbiliment tar-rekwiżiti fil-livell tal-UE jipprovdi valur miżjud ċar għax joħloq suq intern armonizzat u li jiffunzjona tajjeb fl-Istati Membri kollha u għalhekk joħloq ambjent ekwu għan-negozji li joperaw fis-suq intern. L-istabbiliment ta' rekwiżiti minimi u ta' informazzjoni armonizzati fil-livell tal-UE, se jiġu promossi prodotti sostenibbli u prattiki ċirkolari fl-Istati Membri kollha, u b'hekk jinħoloq suq akbar u aktar effiċjenti, li jipprovdi inċentivi akbar lill-industrija biex tiżviluppahom. Fl-aħħar nett, id-daqs tas-suq intern jipprovdi massa kritika li tippermetti lill-UE tippromwovi s-sostenibbiltà tal-prodott u tinfluwenza d-disinn tal-prodott u l-ġestjoni tal-katina tal-valur madwar id-dinja.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jiġi pprovdut qafas regolatorju għall-iżvilupp ta' rekwiżiti tal-ekodisinn għall-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' prodotti.

Il-Kummissjoni se tkompli tħaddem l-approċċ użat għad-Direttiva dwar l-Ekodisinn biex jinħarġu miżuri ta' implimentazzjoni, abbażi ta' valutazzjonijiet tal-impatt imwettqa f'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar. Għalhekk se twettaq analiżi tal-impatti ekonomiċi u ambjentali ta' alternattivi differenti għal kull sett ta' rekwiżiti. Dan se jippermetti li tinżamm il-proporzjonalità.

Il-proposta tfasslet bħala qafas flessibbli biex tiżgura l-proporzjonalità. Għal din ir-raġuni, mhix se tistabbilixxi kriterji jew miri għar-rekwiżiti sakemm ma jkunux ġustifikati abbażi ta' valutazzjoni minn qabel. Biex tkun żgurata l-proporzjonalità, kull rekwiżit individwali jeħtieġ jiġi ġustifikat qabel ma jiġi applikat għal xi grupp ta' prodotti. L-istabbiliment ta' rekwiżiti, kriterji jew miri fil-livell ta' gruppi ta' prodotti definiti sew se jippermetti valutazzjoni bir-reqqa tal-impatti. Dan se jippermetti lill-Kummissjoni tqis il-valur miżjud u l-proporzjonalità tal-istabbiliment ta' rekwiżiti, miri jew kriterji skont il-karatteristiċi inerenti tal-prodotti, il-proċessi tal-manifattura tagħhom u s-sitwazzjoni tas-suq tagħhom.

- **Għażla tal-istrument**

Regolament se jistabbilixxi rekwiżiti diretti għall-operaturi kollha, u b'hekk jipprovdi ċ-ċertezza legali meħtieġa u l-ambitu għall-infurzar ta' suq kompletament integrat madwar l-UE. Regolament jiżgura wkoll li l-obbligi jiġu implimentati fl-istess ħin u bl-istess mod fis-27 Stat Membru kollha.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

F'Marzu 2019, il-Kummissjoni ppubblikat dokument ta' ħidma tal-persunal bl-isem *Prodotti Sostenibbli f'Ekonomija Ċirkolari - Lejn Qafas ta' Politika tal-UE dwar il-Prodotti li jikkontribwixxi għall-Ekonomija Ċirkolari*[14]. Dan eżamina l-estent sa fejn il-politiki tal-UE li jaffettwaw il-prodotti jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, u fejn hemm potenzjal ta' kontribut aktar b'saħħtu. Dan sab li m'hemm **l-ebda strument politiku ġenerali u integrat tal-UE li jkopri l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli tal-prodotti kollha u/jew**

[14] SWD(2019) 92 final.

id-disponibbiltà u l-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar dawn il-prodotti għall-konsumaturi.

Għalkemm evalwazzjonijiet suċċessivi[15] tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn ikkonfermaw li hija rilevanti u effettiva b'mod ċar bħala għodda regolatorja, dawn identifikaw il-potenzjal ta' titjib fl-implimentazzjoni u fl-infurzar. Dawn l-evalwazzjonijiet, pereżempju, innotaw li "filwaqt li hu rikonoxxut b'mod wiesa' li l-aspetti tal-effiċjenza enerġetika tal-pjan ta' azzjoni SCP/SIP[16] u tal-politika tal-UE dwar l-effiċjenza fir-riżorsi jistgħu jinqdew bid-Direttiva dwar l-Ekodisinn u bil-miżuri ta' implimentazzjoni, xi rappreżentanti tal-Istati Membri u NGOs ambjentali jissuġġerixxu li ntilfu bosta opportunitajiet minħabba limitazzjonijiet fil-kopertura tal-miżuri ta' implimentazzjoni ta' aspetti ambjentali oħra"[17]. L-evalwazzjoni enfasizzat ukoll il-potenzjal mhux sfruttat tad-Direttiva li jiġu indirizzati ċerti aspetti lil hinn mill-effiċjenza enerġetika, u kkonkludiet li "seta' sar xi titjib mhux fl-enerġija li ma kienx indirizzat mill-ambitu tal-prodott, mill-għażliet ta' politika jew mill-analiżi teknika sottostanti".

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

F'konformità mal-linji gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, saru diversi attivitajiet ta' konsultazzjoni.

– Konsultazzjoni dwar **valutazzjoni tal-impatt tal-bidu** bejn l-14 ta' Settembru u s-16 ta' Novembru 2020[18]. Waslu 193 rispons.

– **Konsultazzjoni pubblika miftuħa** bejn is-17 ta' Marzu u d-9 ta' Ġunju 2021. Waslu 626 rispons.

– Serje ta' **sessjonijiet ta' ħidma** bejn April u Lulju 2021, dwar suġġetti differenti relatati mal-Inizjattiva dwar Prodotti Sostenibbli, li għalihom attendiet firxa wiesgħa ta' parteċipanti minn diversi gruppi ta' partijiet ikkonċernati.

– **Stħarriġ tal-intrapriżi żgħar u medji** bejn is-26 ta' April u l-15 ta' Ġunju 2021. Waslu 332 rispons.

– **It-tieni stħarriġ immirat** għall-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) bejn l-20 ta' Ottubru u l-4 ta' Novembru 2021. Dan kien ibbażat l-aktar fuq l-għarfien espert tal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-SMEs. Waslu 35 rispons.

– **Kwestjonarji mfassla apposta** sottomessi lil rappreżentanti magħżula tal-partijiet ikkonċernati bejn l-20 ta' Mejju u d-9 ta' Ġunju 2021.

– Għadd ta' **intervisti mal-partijiet ikkonċernati** li saru lil rappreżentanti magħżula tal-partijiet ikkonċernati.

B'mod ġenerali, l-attivitajiet ta' konsultazzjoni wrew **appoġġ ġenerali qawwi** għal inizjattiva regolatorja li tkopri s-sostenibbiltà tal-prodott. Il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati kienu favur l-inizjattiva li tkopri ambitu wiesa' tal-prodott, u li għar-regolamentazzjoni tal-prodotti

---

15 Evalwazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn (2009/125/KE), iċ-Ċentru għal Servizzi ta' Strateġija u Evalwazzjoni (CSES), 2012; Evalwazzjoni tad-Direttiva dwar it-Tikkettar tal-Enerġija u aspetti speċifiċi tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn, Ecofys, Ġunju 2014; L-azzjoni tal-UE fil-qasam tal-Ekodisinn u t-Tikkettar tal-Enerġija: il-kontribut importanti għal effiċjenza akbar fl-enerġija tnaqqas minn dewmien sinifikanti u nuqqas ta' konformità, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, Rapport Speċjali 01/2020.

16 Komunikazzjoni dwar il-Konsum u l-Produzzjoni Sostenibbli u l-Politika Industrijali Sostenibbli Pjan ta' Azzjoni

17 Evalwazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn p.19.

18 https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12567-Sustainable-products-initiative_mt

tħaddem approċċ li jinvolvu ċ-ċiklu kollu tal-ħajja. Din uriet appoġġ qawwi li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn attwali, bi qbil ġenerali li jenħtieġ li jiġu prijoritizzati s-setturi identifikati fil-pjan ta' azzjoni tal-ekonomija ċirkolari tal-2020. Ir-rispons wera preferenza (b'mod partikolari mill-manifatturi u l-importaturi) għal approċċ li jqis b'mod sod l-ispeċifiċitajiet tal-prodott. Hemm qbil ġenerali li n-nuqqas ta' leġiżlazzjoni ċara, komprensiva u vinkolanti, u n-nuqqas ta' informazzjoni affidabbli huma lkoll ostakli għal żieda fid-disponibbiltà ta' prodotti sostenibbli fis-suq tal-UE, bħalma hu n-nuqqas ta' uniformità fl-infurzar tar-rekwiżiti tal-ekodisinn. L-idea li jinħoloq passaport diġitali tal-prodotti hi appoġġata b'mod ġenerali minn maġġoranza ċara fil-gruppi kollha tal-partijiet ikkonċernati, u daqstant ieħor huma l-inċentivi u l-għodod li jistimolaw id-domanda għal prodotti sostenibbli. Attivitajiet aktar sodi ta' infurzar u sorveljanza tas-suq (eż. spezzjonijiet jew verifiki) jitqiesu bħala neċessità li tikkumplimenta l-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva.

Il-konklużjonijiet dettaljati tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati huma stabbiliti **fl-Anness 2** tal-valutazzjoni tal-impatt.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni tat kuntratt lill-esperti esterni biex iwettqu **studju** li jikkontribwixxi għall-valutazzjoni tal-impatt mehmuża ma' din il-proposta. Dan l-istudju pprovda parti mid-*data* sottostanti għall-analiżi tal-alternattivi ta' politika stabbiliti f'dak id-dokument, u min-naħa tiegħu kkontribwixxa għall-miżuri inklużi fil-proposta attwali. L-esperti esterni ħadmu b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni tul il-fażijiet differenti tal-istudju.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta hija bbażata fuq valutazzjoni tal-impatt. Wara li ssolvew il-kwistjonijiet imqajma fl-opinjoni negattiva tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju maħruġa fis-17 ta' Settembru 2021, il-valutazzjoni tal-impatt kisbet opinjoni pożittiva fil-21 ta' Jannar 2022. Fl-opinjoni finali tiegħu, il-Bord talab għal dettalji addizzjonali dwar l-għażliet li saru minn fost l-alternattivi, il-metodu li jrid jintuża skont ir-regolament, u kif ir-regoli għall-passaporti diġitali tal-prodotti se jiġu stabbiliti fil-prattika.

Il-problema ewlenija li din l-inizjattiva taħdem biex issolvi, is-sottoproblemi relatati tagħha, u l-alternattivi ta' politika identifikati huma spjegati fid-dettall **fit-Taqsimiet 2** u **5.2** tal-valutazzjoni tal-impatt. Il-kombinament preferut tal-alternattivi hu deskritt fid-dettall **fit-Taqsima 7** tal-valutazzjoni tal-impatt. **L-Anness 10** tal-valutazzjoni tal-impatt jipprovdi ħarsa ġenerali fil-qosor lejn il-kostijiet u l-benefiċċji tas-subalternattivi kollha analizzati, filwaqt li **l-Anness 12** jipprovdi aktar informazzjoni dwar il-kostijiet u l-benefiċċji li aktarx ikunu assoċjati mal-kombinament preferut tal-alternattivi. Dawn l-aspetti kollha nġabru fil-qosor **fis-sommarju eżekuttiv** mehmuż mal-valutazzjoni tal-impatt.

Minħabba l-arkitettura ta' qafas previst, hu diffiċli jiġu stmati l-kostijiet eżatti li jirriżultaw mir-rekwiżiti. Il-biċċa l-kbira se jiġġarrbu biss fit-tieni stadju, wara l-promulgazzjoni tal-leġiżlazzjoni sekondarja.

Il-valutazzjonijiet tal-impatt dedikati li se jsiru b'rabta ma' kull att delegat fil-futur se jivvalutaw fid-dettall l-impatti mistennija, inkluż fuq operaturi ta' pajjiżi terzi, u anke fid-dawl tan-notifika tagħhom lid-WTO.

Jenħtieġ li jiġi nnotat li minħabba l-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar **id-Diliġenza Dovuta Sostenibbli Korporattiva**[19] waqt it-tħejjija ta' din l-inizjattiva, tqies xieraq li r-rekwiżiti dwar l-aspetti soċjali jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-proposta leġiżlattiva.

Kif speċifikat fit-test legali, se ssir evalwazzjoni wara tmien (8) snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Fost aspetti oħra, din l-evalwazzjoni tista' tikkunsidra l-inklużjoni ta' rekwiżiti soċjali fil-qafas regolatorju.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Dan ir-Regolament mistenni joħloq ambjent ekwu għan-negozji li jaħdmu fis-suq intern. Ir-rekwiżiti armonizzati proposti fil-livell tal-UE aktarx li jnaqqsu l-kostijiet ġenerali tal-konformità, għax dawn aktarx jieħdu post diversi rekwiżiti eżistenti jew ippjanati fil-livell nazzjonali.

Il-produtturi li jużaw produzzjoni aktar sostenibbli u ktajjen tal-provvista trasparenti mistennija jiksbu sehem mis-suq tal-UE u jżidu l-kompetittività tagħhom fuq il-produtturi li jużaw metodi inqas sostenibbli.

Għalkemm l-SMEs issuġġerew li wħud mill-miżuri fil-kombinament preferut tal-alternattivi ta' politika identifikati fil-valutazzjoni tal-impatt jistgħu jħallu ċerti impatti negattivi, ħafna esprimew ukoll il-fehma li dawn jistgħu jitpaċu u jġibu valur miżjud maż-żmien (minħabba tnaqqis fin-nefqa materjali, żieda fil-lealtà tal-klijenti, aċċess aħjar għas-suq ta' prodotti aktar ekoloġiċi, benefiċċji reputazzjonali, eċċ.). Barra minn hekk, il-Kummissjoni ħarset speċifikament lejn modi li jtaffu l-impatti negattivi fuq l-SMEs. Dawn huma spjegati fid-dettall fl-Anness 19 tal-valutazzjoni tal-impatt mehmuża, u f'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta attwali.

Għall-finijiet ta' konsultazzjoni, fil-kontinwazzjoni tal-eżempju ta' suċċess tal-Forum Konsultattiv eżistenti skont id-Direttiva dwar l-Ekodisinn, il-proposta tistabbilixxi Forum dwar l-Ekodisinn b'parteċipazzjoni bilanċjata tar-rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-partijiet interessati kollha bħall-industrija, inkluż l-intrapriżi żgħar u medji u l-industrija tas-snajja', it-trade unions, in-negozjanti, il-bejjiegħa bl-imnut, l-importaturi, il-gruppi ta' protezzjoni ambjentali u l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur. Il-Forum dwar l-Ekodisinn hu limitat li jipprovdi għarfien espert lill-Kummissjoni dwar il-pjan ta' ħidma u dwar it-tħejjija tar-rekwiżiti tal-ekodisinn, qabel ma l-Kummissjoni teżerċita formalment is-setgħat delegati lilha. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi grupp ta' esperti addizzjonali biex jikkonsulta mal-Istati Membri dwar l-atti delegati li jridu jiġu adottati skont dan ir-Regolament, f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[20].

Il-proposta tinkludi wkoll il-ħolqien ta' passaport diġitali tal-prodotti biex tiġi rreġistrata, ipproċessata u kondiviża b'mod elettroniku informazzjoni relatata mal-prodott fost in-negozji tal-katina tal-provvista, l-awtoritajiet u l-konsumaturi. Dan mistenni jżid it-trasparenza, għan-negozji tal-katina tal-provvista u anke għall-pubbliku ġenerali, filwaqt li jżid l-effiċjenzi f'termini ta' trasferiment tal-informazzjoni. B'mod partikolari, aktarx jgħin biex jiġu ffaċilitati u simplifikati l-monitoraġġ u l-infurzar tar-regolamentazzjoni mwettqa mill-

19 COM(2022) 71 final.
20 ĠU L123, 12.5. 2016, p. 1.

awtoritajiet tal-UE u tal-Istati Membri. Hu probabbli wkoll li jipprovdi għodda ta' intelliġenza tas-suq li tista' tintuża għal reviżjoni u rfinar tal-obbligi fil-futur.

L-opinjoni dwar l-Ekodisinn[21] tal-Pjattaforma Fit for Future tirrikonoxxi l-ħtieġa li titjieb is-sostenibbiltà tal-prodotti u l-ħtieġa li jiddaħħlu obbligi ġodda filwaqt li l-piż fuq in-negozju jinżamm għall-minimu. Il-Pjattaforma għamlet disa' suġġerimenti li tqiesu fit-tfassil tal-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar id-diġitalizzazzjoni; filwaqt li qieset il-pożijiet fuq l-SMEs; u żgurat il-konsistenza u ċ-ċarezza. Pereżempju, li jingħata aċċess aħjar għall-informazzjoni lill-konsumaturi u jkun żgurat li l-Passaport Diġitali tal-Prodotti jippermetti flussi effiċjenti tal-informazzjoni skont l-aqwa prattiki; u l-possibbiltà li l-miżuri skont dan ir-Regolament jiġu akkumpanjati b'miżuri ta' mitigazzjoni biex l-impatti mistennija jibqgħu proporzjonati għall-SMEs.

- **Drittijiet fundamentali**

Ir-rekwiżiti tal-ekodisinn jista' jkollhom benefiċċji għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, inkluż dwar il-libertà ta' intrapriża (l-Artikolu 16), id-dritt għal protezzjoni ambjentali (l-Artikolu 37) u d-dritt għal protezzjoni tal-konsumaturi (l-Artikolu 38).

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta għandha implikazzjonijiet baġitarji limitati għall-Kummissjoni. B'mod speċifiku, din teħtieġ 54 ekwivalenti full-time biex jimplimentaw bis-sħiħ ir-regolament u l-atti delegati relatati tul il-perjodu 2022-2027 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) tal-UE. Se jkunu meħtieġa impenji ġodda fuq il-linji baġitarji eżistenti, li jammontaw għal EUR 23,338 miljun fl-Intestatura 1 tal-QFP (Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali), EUR 43,912-il miljun fl-Intestatura 3 (Riżorsi Naturali u l-Ambjent) u EUR 38,621 miljun fl-Intestatura 7 (Nefqa Amministrattiva). L-impenji l-ġodda se jiġu koperti mill-pakketti baġitarji eżistenti tal-programmi rilevanti.

L-implikazzjonijiet baġitarji jirriżultaw l-aktar mill-ħidma li ġejja:

– rieżami, bejn l-2022 u l-2026, ta' 33 Regolament tal-Kummissjoni u l-adozzjoni ta' ħames (5) miżuri ġodda skont id-Direttiva dwar l-Ekodisinn attwali, li ma jistgħux jitwettqu mill-persunal li bħalissa qed jaħdem fuq l-implimentazzjoni tad-Direttiva;

– it-tħejjija u l-adozzjoni ta' mhux aktar minn 18-il att delegat ġdid bejn l-2024 u l-2027; l-adozzjoni wkoll ta' 12-il att delegat ġdid bejn l-2028 u l-2030, b'implikazzjonijiet fuq il-persunal u l-baġit fl-2025-2027;

– it-tħejjija ta' atti ta' implimentazzjoni (bħala medja wieħed fis-sena mill-2024) skont il-ħtieġa biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, pereżempju rigward is-sorveljanza tas-suq, l-iżvelar tal-informazzjoni dwar il-qerda ta' oġġetti tal-konsumatur mhux mibjugħa, jew ir-rikonoxximent tal-miżuri awtoregolatorji; u

– it-twettiq ta' kompiti orizzontali relatati mal-passaport diġitali tal-prodotti, mal-appoġġ għas-sorveljanza tas-suq u l-kontroll doganali, u ma' ċentru tan-negozju

[21] https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/final_opinion_2021_sbgr2_10_ecodesign.pdf

ċirkolari Ewropew li jappoġġa l-iskambju tal-esperjenza bejn l-atturi ekonomiċi dwar l-integrazzjoni taċ-ċirkolarità fid-disinn u l-manifattura tal-prodotti[22].

F'termini ta' ħtiġijiet tal-persunal, il-Kummissjoni stħarrġet bir-reqqa modi kif taqsam il-ħidma bejn id-DĠs ewlenin, talloka mill-ġdid il-persunal meta jkun possibbli u testernalizza l-appoġġ xjentifiku u tekniku għat-tħejjija tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni u għal kompiti trasversali.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

F'konformità mal-linji gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar ippubblikati f'Novembru 2021 u b'mod partikolari l-għodda 38, il-Kummissjoni se tfassal strateġija ta' implimentazzjoni wara li l-koleġiżlaturi jadottaw il-proposta leġiżlattiva. Se tippreżenta l-għodod differenti għall-promozzjoni tal-konformità li jridu jintużaw u se tinkludi aspetti relatati mal-implimentazzjoni diġitali.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jistabbilixxi s-suġġett ta' dan ir-Regolament, jiġifieri qafas għall-istabbiliment tar-rekwiżiti tal-ekodisinn, il-ħolqien ta' passaport diġitali tal-prodotti, u l-projbizzjoni tal-qerda ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa. Dan jistabbilixxi l-aspetti tal-prodott li magħhom huma relatati r-rekwiżiti tal-ekodisinn, bħad-durabbiltà u l-affidabbiltà, l-użu mill-ġdid, l-aġġornament, il-possibbiltà ta' tiswija, u l-possibbiltà ta' manutenzjoni u rinnovazzjoni, il-preżenza ta' sustanzi ta' tħassib, l-effiċjenza enerġetika u tar-riżorsi, il-kontenut riċiklat. Dan jistabbilixxi wkoll il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament – ftit setturi biss huma eżentati, bħall-ikel, l-għalf u l-prodotti mediċinali.

L-Artikolu 2 jistabbilixxi d-definizzjonijiet meħtieġa għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Għadd minn dawn id-definizzjonijiet ittieħdu mill-Qafas Leġiżlattiv il-Ġdid (ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 u d-Deċiżjoni 768/2008/KE), mid-Direttiva dwar l-Ekodisinn imħassra jew minn leġiżlazzjoni ambjentali eżistenti tal-Unjoni (bħad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart). Hemm sett ta' definizzjonijiet ġodda, pereżempju dwar id-dispożizzjonijiet dwar il-passaport tal-prodotti u dwar il-qerda tal-prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa.

L-Artikolu 3 jistabbilixxi l-prinċipju ġenerali relatat mal-moviment liberu tal-prodotti konformi mal-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament.

L-Artikolu 4 jistabbilixxi s-setgħat tal-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn, rekwiżiti relatati mal-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità, rekwiżiti tal-kejl tal-konsum tal-enerġija jew tal-prestazzjoni fir-rigward ta' parametri oħra, rekwiżiti tal-manifatturi, rappreżentanti awtorizzati jew importaturi biex jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni jew lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, rekwiżiti dwar l-użu ta' għodod online li jikkalkulaw il-prestazzjoni tal-prodotti, rekwiżiti dwar regoli alternattivi għad-dikjarazzjoni ta' konformità jew għall-markaturi, u fl-aħħar nett rekwiżiti dwar l-inċentivi tal-Istati Membri u dwar il-kriterji tal-akkwist pubbliku.

[22] Iċ-Ċentru se jappoġġa l-adozzjoni ta' mudelli tan-negozju ċirkolari, li jwasslu informazzjoni u servizzi li jinkludu sensibilizzazzjoni, kooperazzjoni, taħriġ u skambji tal-aqwa prattiki. Dan se jibni fuq l-għarfien espert u l-offerta tas-servizzi ta' azzjonijiet eżistenti tal-UE, b'mod partikolari l-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari, il-Konsulenti dwar is-Sostenibbiltà tan-Network Enterprise Europe u n-network ta' raggruppamenti Ewropej tat-teknoloġija ekoloġika.

L-Artikolu 5 jistabbilixxi l-qafas ġenerali għall-adozzjoni tar-rekwiżiti tal-ekodisinn. Jistabbilixxi l-aspetti tal-prodott li dawk ir-rekwiżiti jistgħu jtejbu. Jispjega li dawk ir-rekwiżiti jistgħu japplikaw għal grupp ta' prodotti speċifiku wieħed jew orizzontalment għal aktar gruppi ta' prodotti, biex ix-xebh tekniku jippermetti l-istabbiliment ta' rekwiżiti komuni. Dan jispeċifika li r-rekwiżiti tal-ekodisinn jinkludu r-rekwiżiti tal-prestazzjoni u r-rekwiżiti ta' informazzjoni). Fl-aħħar nett, dan jistabbilixxi għadd ta' kundizzjonijiet li l-Kummissjoni trid tissodisfa meta tkun qed tħejji r-rekwiżiti tal-ekodisinn, u għadd ta' kriterji li dawk ir-rekwiżiti jeħtieġ jissodisfaw.

Dan jippermetti wkoll lill-Kummissjoni titlob lill-atturi tal-katina tal-provvista jikkooperaw mal-manifatturi, mal-korpi notifikati u mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-verifika tal-konformità tal-prodotti mar-rekwiżiti tal-ekodisinn.

L-Artikolu 6 jipprovdi aktar dettalji dwar ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni, pereżempju li jistgħu jieħdu l-forma ta' livell kwantitattiv jew ta' rekwiżit mhux kwantitattiv, stabbiliti biex itejbu aspett ta' prodott, abbażi ta' parametru/i tal-prodott magħżul (li l-lista tagħhom tinsab fl-Anness I).

L-Artikolu 7 jiffoka fuq ir-rekwiżiti tal-informazzjoni. Dan jistabbilixxi li dawk ir-rekwiżiti jridu jkunu jinkludu dejjem rekwiżiti relatati mal-passaport tal-prodotti u rekwiżiti relatati mas-sustanzi ta' tħassib. L-Artikolu jagħti aktar dettalji dwar tipi oħra ta' informazzjoni li tista' tingħata, eż. informazzjoni dwar il-prestazzjoni ta' prodott jew informazzjoni lill-konsumaturi dwar kif jiġi installat jew użat il-prodott. Din l-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' "klassijiet ta' prestazzjoni" pereżempju li jvarjaw minn A sa G biex jeħfief it-tqabbil bejn il-prodotti.

Fl-aħħar nett, l-Artikolu jispeċifika l-modi differenti li bihom tista' tingħata l-informazzjoni (eż. fuq il-passaport, fuq sit web, fuq tikketta, eċċ.).

L-Artikolu 8 jistabbilixxi l-elementi li l-Kummissjoni jeħtieġ tispeċifika fir-rekwiżiti tal-informazzjoni b'rabta mal-passaport diġitali tal-prodotti, pereżempju l-informazzjoni li trid tiġi inkluża u min se jkollu aċċess għal liema informazzjoni. *L-Artikoli 9 sa 11* jistabbilixxu d-dispożizzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-passaport tal-prodotti. *L-Artikolu 9* jistabbilixxi r-rekwiżit ġenerali dwar il-passaport tal-prodotti. *L-Artikolu 10* jipprovdi r-rekwiżiti essenzjali għad-disinn tekniku u għall-operat tal-passaport tal-prodotti. *L-Artikolu 11* jistabbilixxi r-regoli relatati mal-identifikaturi uniċi tal-operatur u tal-faċilità.

L-Artikolu 12 jipprevedi l-istabbiliment ta' reġistru li jaħżen l-informazzjoni inkluża fil-passaport tal-prodotti, biex il-Kummissjoni tkun tista' tispeċifika liema informazzjoni jeħtieġ li tittella' online

L-Artikolu 13 jinkludi d-dispożizzjonijiet li jispeċifikaw x'inhu mistenni mill-awtoritajiet doganali fir-rigward tal-passaport tal-prodotti u għal liema informazzjoni jenħtieġ li jkollhom aċċess biex jiġi ffaċilitat xogħolhom.

L-Artikolu 14 jispeċifika r-rekwiżiti relatati mat-tikketti, meta dawn iridu jintużaw għal grupp ta' prodotti partikolari. Dan jispjega li f'każijiet bħal dawn, l-atti delegati jridu jispeċifikaw il-kontenut tat-tikketta (inkluż il-klassijiet tal-prestazzjoni) u l-format viżiv, u kif dawn iridu jintwerew lill-konsumaturi. Jekk il-prodott ikun diġà kopert b'tikketta kif previst fir-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija (UE) 2017/1369, u bl-informazzjoni dwar parametri oħra, inkluż dwar klassijiet oħra tal-prestazzjoni, ma tistax tiġi inkluża fih, dik l-informazzjoni li tista' tiġi inkluża f'tikketta separata jekk il-Kummissjoni ssibha xierqa.

L-Artikolu 15 jispeċifika li l-operaturi ekonomiċi ma jistgħux juru tikketti li jimitaw it-tikketti previsti skont dan ir-Regolament.

L-Artikolu 16 jipprevedi li l-Kummissjoni tadotta pjan ta' ħidma li jrid ikopri mill-inqas tliet (3) snin u jindika l-kriterji għall-prijoritizzazzjoni tal-prodotti. Il-pjan ta' ħidma jinkludi lista indikattiva ta' gruppi ta' prodotti li l-Kummissjoni beħsiebha tindirizza fis-snin li ġejjin.

L-Artikolu 17 jistabbilixxi Forum dwar l-Ekodisinn (grupp ta' esperti). Dan hu bbażat fuq il-Forum Konsultattiv eżistenti stabbilit bid-Direttiva 2009/125/KE.

L-Artikolu 18 jikkonċerna miżuri ta' awtoregolamentazzjoni. Dawn huma miżuri mmexxija mill-industrija li jistgħu jintużaw bħala alternattivi għall-atti delegati li jistabbilixxu r-rekwiżiti tal-ekodisinn adottati skont l-Artikolu 5. Id-Direttiva 2009/125/KE[23] diġà kienet tinkludi artikolu dwar il-ftehimiet volontarji. L-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament jibni fuq l-artikolu oriġinali mid-Direttiva 2009/125/KE. B'mod partikolari, dan jistabbilixxi x'għandu li jkun fiha l-miżura ta' awtoregolamentazzjoni, dak li l-industrija jenħtieġ li tissottometti bħala evidenza lill-Kummissjoni, u l-proċedura għall-Kummissjoni biex tirrikonoxxi l-miżura ta' awtoregolamentazzjoni bħala alternattiva valida għal att delegat.

L-Artikolu 19 jistabbilixxi għadd ta' miżuri li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jeħtieġ jieħdu biex jgħinu lill-SMEs fl-implimentazzjoni ġenerali ta' dan ir-Regolament u tal-atti delegati futuri. Dawn il-miżuri jinkludu linji gwida, assistenza finanzjarja u taħriġ.

L-Artikolu 20 l-ewwel jistabbilixxi obbligu ġenerali ta' trasparenza għall-operaturi ekonomiċi li jarmu l-prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa. Dan jipprevedi wkoll il-possibbiltà li jiġu adottati atti delegati biex l-operaturi ekonomiċi jiġu pprojbiti milli jeqirdu l-prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa. Dawn l-atti delegati jista' jkun fihom ukoll eżenzjonijiet għall-projbizzjoni ġenerali, pereżempju għal raġunijiet ta' saħħa u sikurezza. Jekk tintuża eżenzjoni bħal din, l-operaturi ekonomiċi għandhom ukoll obbligu ta' trasparenza (jiġifieri li jiżvelaw l-għadd ta' prodotti meqruda, ir-raġunijiet għall-qerda, eċċ.). L-Artikolu ma japplikax għall-SMEs, iżda l-att delegat li jipprojbixxi l-qerda tal-prodotti jista' jispeċifika li xi obbligi japplikaw għal ċerti kategoriji ta' SMEs (mikro, żgħar jew medji).

L-Artikoli 21, 22, 23 u 24 jistabbilixxu l-obbligi tal-manifatturi, tar-rappreżentanti awtorizzati, tal-importaturi u tad-distributuri. Dawn huma bbażati fuq dispożizzjonijiet standard mid-Deċiżjoni 768/2008/KE.

L-Artikolu 25 jistabbilixxi l-obbligi tan-negozjanti (li tipikament ikunu bejjiegħa bl-imnut jew bejjiegħa) speċjalment fir-rigward tal-wiri ta' tikketti u l-aċċess għall-passaport tal-prodotti, inkluż fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod (online).

L-Artikolu 26 jiġbor flimkien l-obbligi differenti li l-operaturi ekonomiċi jridu jikkonformaw magħhom jekk l-att delegat ikun jeżiġi li l-prodott ikollu tikketta (eż. jipprovdu t-tikketti lin-negozjanti).

L-Artikolu 27 jikkonċerna l-obbligi tal-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni, jiġifieri li jiżguraw li meta jimmaniġġaw prodott, il-kundizzjonijiet waqt il-ħażna, l-imballaġġ, l-indirizzar jew id-dispaċċ ma jkunux jipperikolaw il-konformità tal-prodotti mar-rekwiżiti tal-ekodisinn.

L-Artikolu 28 hu artikolu standard mid-Deċiżjoni 768/2008/KE, li jistabbilixxi ż-żewġ każijiet meta l-obbligi tal-manifatturi japplikaw għall-importaturi u għad-distributuri.

L-Artikolu 29 jistabbilixxi l-obbligi tas-swieq online u tal-magni tat-tiftix online b'mod partikolari fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. Dan

[23] Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

jispeċifika wkoll li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jenħtieġ li jkollhom is-setgħa li jordnaw lis-suq online biex ineħħi kontenut illegali.

L-Artikolu 30 jistabbilixxi l-possibbiltà għal atti delegati futuri li jeżiġu lill-operaturi ekonomiċi jagħmlu d-dokumentazzjoni teknika disponibbli b'mod diġitali mingħajr talba. Barra minn hekk, biex tiġi vvalutata l-penetrazzjoni fis-suq ta' prodotti li għalihom ġew stabbiliti rekwiżiti tal-ekodisinn, l-Artikolu jirrikjedi li l-operaturi ekonomiċi jipprovdu informazzjoni dwar il-prodotti fornuti.

L-Artikolu 31 jispeċifika li l-prodotti jenħtieġ li jkunu jistgħu, meta xieraq, ikejlu l-enerġija li jikkonsmaw waqt l-użu, jew il-prestazzjoni tagħha fir-rigward ta' parametri rilevanti oħra u jagħmlu din id-*data* disponibbli għall-utent finali. Meta jiġi stabbilit hekk f'att delegat, il-manifatturi għandhom jiġbru, janonimizzaw u jirrapportaw din id-*data* lill-Kummissjoni.

Il-Kapitolu VIII dwar il-konformità tal-prodotti hu fil-biċċa l-kbira dispożizzjonijiet standard dwar kif tiġi vvalutata l-konformità tal-prodotti. Dan jikkonċerna:

– l-użu ta' metodi affidabbli, preċiżi u riproduċibbli għat-testijiet, il-kejl u l-kalkoli (*l-Artikolu 32*);

– standards armonizzati li jipprovdu preżunzjoni ta' konformità (*l-Artikolu 34*);

– il-possibbiltà li l-Kummissjoni tadotta speċifikazzjonijiet komuni meta l-istandards armonizzati ma jkunux disponibbli (*l-Artikolu 35*);

– il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità (*l-Artikolu 36*);

– id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE (*l-Artikolu 37*); u

– l-markatura CE (*l-Artikoli 38 u 39*) u l-possibbiltà li jintużaw markaturi alternattivi (*l-Artikolu 40*).

Ta' min jinnota f'dan il-Kapitolu standard il-preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-prodotti li jkollhom l-Ekotikketta tal-Unjoni (*l-Artikolu 34*) u l-possibbiltà li jiġi emendat, fl-att delegat, il-modulu rilevanti tal-valutazzjoni tal-konformità skont il-prodott inkwistjoni (*l-Artikolu 36*).

L-Artikolu 33 jikkonċerna l-prevenzjoni taċ-ċirkomvenzjoni. Pereżempju, prodotti mfassla biex ikunu jistgħu jindividwaw li qed jiġu ttestjati u li jbiddlu awtomatikament il-prestazzjoni tagħhom għal riżultat aktar favorevoli mhumiex se jkunu permessi fis-suq.

Il-Kapitolu IX (*l-Artikoli 41* sa *56*) jikkonċerna n-notifika ta' korpi ta' valutazzjoni tal-konformità u jikkonsisti f'dispożizzjonijiet standard ibbażati fuq id-Deċiżjoni 768/2008/KE, flimkien ma' titjib immirat ta' dawk id-dispożizzjonijiet biex tkun żgurata ċ-ċarezza legali u tissaħħaħ aktar l-indipendenza, il-kompetenza u l-monitoraġġ tal-korpi notifikati.

L-Artikolu 57 jipprevedi li jekk l-Istati Membri jadottaw inċentivi biex jippremjaw il-prodotti, dawk l-inċentivi jenħtieġ li, fil-prinċipju, jimmiraw l-ogħla żewġ klassijiet popolati ta' prestazzjoni jew li jġorru l-Ekotikketta tal-UE. F'każ li ma tiġi stabbilita l-ebda klassi ta' prestazzjoni, jew il-klassi ta' prestazzjoni tkun ibbażata fuq diversi parametri tal-prodott, il-Kummissjoni tista' tispeċifika aktar f'att delegat kif iridu jaħdmu l-inċentivi tal-Istati Membri.

L-Artikolu 58 jikkonċerna l-akkwist pubbliku ekoloġiku u b'mod aktar speċifiku l-possibbiltà għal atti delegati adottati skont dan ir-Regolament li jiġu stabbiliti rekwiżiti applikabbli għall-kuntratti pubbliċi (eż. speċifikazzjonijiet tekniċi, kriterji tal-għażla, kriterji tal-għoti, eċċ.), abbażi tal-parametri tal-prodott elenkati fl-anness ta' dan ir-Regolament.

Il-Kapitolu XI jikkonċerna s-sorveljanza tas-suq. Ġeneralment dan jibni fuq l-obbligi li jeżistu skont ir-Regolament dwar is-Sorveljanza tas-Suq (UE) 2019/1020, filwaqt li jipprevedi xi obbligi aktar speċifiċi meta rilevanti għal dan ir-Regolament.

L-Artikolu 59 jirrikjedi li l-Istati Membri jfasslu pjan ta' azzjoni għall-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq, li jrid jinkludi "prijoritajiet għas-sorveljanza tas-suq", li jridu jiġu identifikati abbażi ta' għadd ta' kriterji stabbiliti fl-Artikolu, u n-natura u l-għadd ta' kontrolli ppjanati.

L-Artikolu 60 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati li jistabbilixxu għadd minimu ta' kontrolli li jridu jitwettqu fuq prodotti speċifiċi.

L-Artikolu 61 jagħmel referenza għas-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni skont ir-Regolament dwar is-Sorveljanza tas-Suq (ICSMS) u jirrikjedi li l-Istati Membri jdaħħlu informazzjoni dwar il-penali imposti skont dan ir-Regolament. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni hija meħtieġa tadotta rapport li jinkludi parametri referenzjarji indikattivi dwar il-frekwenza tal-kontrolli u n-natura u s-severità tal-penali imposti.

L-Artikolu 62 jagħmel referenza għall-grupp ta' kooperazzjoni amministrattiva ("ADCO") stabbilit skont ir-Regolament dwar is-Sorveljanza tas-Suq u jistabbilixxi r-rwol tiegħu fil-kuntest ta' dan ir-Regolament. Dan ir-rwol jinkludi l-identifikazzjoni ta' prijoritajiet komuni għall-pjanijiet ta' azzjoni jew il-prijoritajiet tal-Istati Membri għall-appoġġ tal-Unjoni (bħal proġetti konġunti ta' sorveljanza u ttestjar tas-suq, investiment konġunt fil-kapaċitajiet ta' sorveljanza tas-suq, inkluż tagħmir u għodod tal-IT, sessjonijiet ta' taħriġ komuni, u linji gwida).

Il-Kapitolu XII jikkonċerna l-proċeduri ta' salvagwardja u hu bbażat fuq dispożizzjonijiet standard. *L-Artikolu 61* jistabbilixxi l-proċedura li trid tuża l-awtorità nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq meta jidhrilha li xi prodott ikun jippreżenta riskju. F'każ bħal dan, l-awtorità nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq trid tibda proċedura li tinforma lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq dwar il-miżuri meħuda (projbizzjoni jew restrizzjoni fuq it-tqegħid tal-prodott għad-dispożizzjoni, l-irtirar jew is-sejħa lura).

L-Artikolu 64 jistabbilixxi l-proċedura ta' salvagwardja tal-Unjoni li trid tintuża jekk Stat Membru jew il-Kummissjoni ma taqbilx ma' miżura meħuda fil-livell nazzjonali skont il-proċedura ta' salvagwardja stabbilita *fl-Artikolu 63*. Wara konsultazzjoni, il-Kummissjoni se tadotta att ta' implimentazzjoni li jiddeċiedi jekk il-miżura hijiex ġustifikata jew le. Ladarba jiġi adottat, l-Istati Membri kollha jridu jiżguraw li l-prodott mhux konformi jiġi rtirat mis-suq tagħhom.

L-Artikolu 65 jikkonċerna l-każ partikolari meta n-nuqqas ta' konformità jkun relatat ma' obbligu formali (it-twaħħil tal-markatura CE, id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, eċċ.)

Il-Kapitolu XIII hu kapitolu standard b'artikoli dwar l-atti delegati (*l-Artikolu 66*) u dwar l-atti ta' implimentazzjoni (*l-Artikolu 67*).

Il-Kapitolu XIV hu kapitolu standard dwar id-dispożizzjonijiet finali, b'artikoli dwar il-penali (*l-Artikolu 68*), dwar it-twettiq ta' evalwazzjoni tar-Regolament tmien (8) snin wara l-adozzjoni (*l-Artikolu 69*), u dwar id-dispożizzjonijiet ta' tħassir u ta' tranżizzjoni (*l-Artikolu 70*). Ta' min jinnota l-fatt li l-miżuri ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva dwar l-Ekodisinn jenħtieġ li jibqgħu applikabbli sakemm jitħassru minn att delegat adottat skont dan ir-Regolament.

L-Anness I jistabbilixxi l-parametri tal-prodott li jridu jintużaw biex jiġu stabbiliti r-rekwiżiti ta' prestazzjoni u ta' informazzjoni għall-prodotti skont dan ir-Regolament.

L-Anness II jistabbilixxi l-proċedura għall-istabbiliment ta' tali rekwiżiti ta' prestazzjoni.

L-Anness III jelenka l-informazzjoni li tista' tiġi inkluża fil-passaport tal-prodotti u jispeċifika l-informazzjoni li trid titniżżel fih.

L-Anness IV jirriproduċi l-modulu standard ta' valutazzjoni tal-konformità msemmi fl-Artikolu 35 (mid-Deċiżjoni 768/2008/KE).

L-Anness V jirriproduċi d-dikjarazzjoni standard ta' konformità tal-UE.

L-Anness VI jagħti informazzjoni aktar dettaljata dwar il-kontenut tal-atti delegati li jistabbilixxu r-rekwiżiti tal-ekodisinn li jridu jiġu adottati skont dan ir-Regolament.

L-Anness VII jistabbilixxi kriterji ġenerali applikabbli għall-miżuri ta' awtoregolamentazzjoni (l-Artikolu 18).

L-Anness VIII hu anness standard li jinkludi t-tabella ta' korrelazzjoni mad-Direttiva dwar l-Ekodisinn.

2022/0095 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[24],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew[25] hu l-istrateġija ta' tkabbir sostenibbli tal-Ewropa li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u għanja, b'ekonomija moderna, kompetittiva, newtrali għall-klima u ċirkolari. Dan jistabbilixxi l-objettiv ambizzjuż li jkun żgurat li l-Unjoni ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050. Dan jirrikonoxxi l-vantaġġi tal-investiment fis-sostenibbiltà kompetittiva tal-Unjoni billi tibni Ewropa aktar ġusta, aktar ekoloġika u aktar diġitali. Il-prodotti jaqdu rwol ċentrali f'din it-tranżizzjoni ekoloġika. Filwaqt li jenfasizza li l-proċessi ta' produzzjoni u x-xejriet ta' konsum attwali jibqgħu lineari wisq u jiddependu fuq il-volum ta' materjali ġodda estratti, innegozjati u pproċessati u finalment jintremew bħala skart jew emissjonijiet, il-Patt Ekoloġiku Ewropew jenfasizza l-ħtieġa urġenti għal tranżizzjoni lejn mudell ta' ekonomija ċirkolari u jenfasizza l-progress sinifikanti li għad irid isir. Dan jidentifika wkoll l-effiċjenza enerġetika bħala prijorità għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija u biex jintlaħqu l-objettivi klimatiċi fl-2030 u fl-2050.

(2) Biex titħaffef it-tranżizzjoni għal mudell ta' ekonomija ċirkolari, il-Kummissjoni fasslet aġenda orjentata lejn il-futur fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar l-Ekonomija Ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u aktar kompetittiva[26] (CEAP), bl-objettiv li tagħmel il-qafas regolatorju adattat għal futur sostenibbli. Kif stabbilit f'dan il-pjan,

---

[24] ĠU C „, p. .

[25] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni *Il-Patt Ekoloġiku Ewropew* COM(2019) 640 final.

[26] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni *Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva* COM(2020) 98 final.

bħalissa ma hemm l-ebda sett komprensiv ta' rekwiżiti biex ikun żgurat li l-prodotti kollha mqiegħda fis-suq tal-Unjoni jsiru dejjem aktar sostenibbli u li jkun hemm prova taċ-ċirkolarità. B'mod partikolari, id-disinn tal-prodott ma jippromwovix biżżejjed is-sostenibbiltà matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu. Minħabba f'hekk, il-prodotti qed jiġu sostitwiti ta' spiss, li jinvolvu użu sinifikanti tal-enerġija u tar-riżorsi biex jiġu prodotti u distribwiti prodotti ġodda u jintremew dawk antiki. Għadu diffiċli wisq għall-operaturi ekonomiċi u għaċ-ċittadini biex jagħmlu għażliet sostenibbli fir-rigward ta' prodotti minħabba li l-informazzjoni rilevanti u l-għażliet affordabbli biex jagħmlu dan huma nieqsa. Dan iwassal għal opportunitajiet mitlufa għas-sostenibbiltà u għal operazzjonijiet li jżommu l-valur, domanda limitata għal materjali sekondarji u ostakli għall-adozzjoni ta' mudelli ta' negozju ċirkolari.

(3) L-Istrateġija Industrijali Ewropea[27] tistabbilixxi l-ambizzjoni ġenerali tal-Unjoni li trawwem "tranżizzjoni doppja" għan-newtralità klimatika u t-tmexxija diġitali. Din tirrifletti l-Patt Ekoloġiku Ewropew fl-enfasi fuq ir-rwol ewlieni li l-industrija tal-Ewropa jrid ikollha f'dan, billi tnaqqas l-impronta tal-karbonju u tal-materjal tagħha u tintegra ċ-ċirkolarità fl-ekonomija kollha, u tenfasizza l-ħtieġa li nimxu lil hinn mill-mudelli tradizzjonali, u nbiddlu mill-qiegħ il-mod kif infasslu, nagħmlu, nużaw u narmu l-prodotti. L-Aġġornament tal-2021 għall-Istrateġija Industrijali[28] jsaħħaħ il-messaġġi prinċipali tal-Istrateġija tal-2020 u jiffoka fuq it-tagħlimiet mill-kriżi tal-COVID-19, inkluż il-ħtieġa li titrawwem ir-reżiljenza.

(4) Fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni fil-livell tal-Unjoni, diġà tfaċċaw approċċi nazzjonali diverġenti għat-titjib tas-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti, li jvarjaw mir-rekwiżiti ta' informazzjoni dwar id-durata tal-kompatibbiltà tas-software tal-apparati elettroniċi għar-rapportar tal-obbligi dwar it-trattament ta' oġġetti durabbli mhux mibjugħa. Din hija indikazzjoni li aktar sforzi nazzjonali biex jintlaħqu l-għanijiet segwiti minn dan ir-Regolament aktarx iwasslu għal aktar frammentazzjoni tas-suq intern. Għalhekk, biex jiġi salvagwardjat il-funzjonament tas-suq intern filwaqt li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali, hemm bżonn ta' qafas regolatorju biex jiġu introdotti progressivament rekwiżiti tal-ekodisinn għall-prodotti. Dan ir-Regolament, billi jagħmel l-approċċ tal-ekodisinn stabbilit inizjalment fid-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29] applikabbli għall-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' prodotti, jipprovdi qafas bħal dan.

(5) Dan ir-Regolament se jikkontribwixxi biex jagħmel il-prodotti adatti għal ekonomija newtrali għall-klima, effiċjenti fir-riżorsi u ċirkolari, li tnaqqas l-iskart u tiżgura li l-prestazzjoni ta' dawk li jinsabu fuq quddiem nett fis-sostenibbiltà ssir in-norma b'mod progressiv. Jenħtieġ li jipprevedi l-istabbiliment ta' rekwiżiti ġodda tal-ekodisinn biex jittejbu d-durabbiltà, l-użu mill-ġdid, l-aġġornament u l-possibbiltà ta' tiswija tal-prodott, jittejbu l-possibbiltajiet għar-rinnovazzjoni u l-manutenzjoni, tiġi indirizzata l-preżenza ta' sustanzi kimiċi perikoluži fil-prodotti, tiżdied l-effiċjenza enerġetika u tar-riżorsi tagħhom, tonqos il-ġenerazzjoni mistennija tagħhom ta' materjali tal-iskart

---

27 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni *Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa* COM(2020) 102 final.

28 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni *Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa* COM(2021) 350 final

29 Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

u jiżdied il-kontenut riċiklat fil-prodotti, filwaqt li jkunu żgurati l-prestazzjoni u s-sikurezza tagħhom, tkun permessa l-manifattura mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' kwalità għolja, u jonqsu l-impronti tal-karbonju u ambjentali.

(6) Il-Parlament Ewropew, fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2020 "Lejn suq uniku aktar sostenibbli għall-impriżi u l-konsumaturi"[30], laqa' l-promozzjoni ta' prodotti durabbli li huma aktar faċli biex jissewwew, jintużaw mill-ġdid u jiġu rriċiklati. Fir-rapport tiegħu dwar il-Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari adottat fis-16 ta' Frar 2021[31], il-Parlament Ewropew kompla japprova l-aġenda ppreżentata mill-Kummissjoni fis-CEAP. Qies li t-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari tista' tipprovdi soluzzjonijiet biex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali attwali u l-kriżi ekonomika li ġabet magħha l-pandemija tal-COVID-19. Il-Kunsill, fil-konklużjonijiet tiegħu dwar "Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku" adottati fil-11 ta' Diċembru 2020[32], laqa' wkoll l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta proposti leġiżlattivi bħala parti minn qafas ta' politika komprensiv u integrat dwar il-prodotti sostenibbli li jippromwovu n-newtralità klimatika, l-effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi u ekonomija ċirkolari mhux tossika, jipproteġu s-saħħa pubblika u l-bijodiversità, u jagħtu s-setgħa u jipproteġu lill-konsumaturi u lix-xerrejja pubbliċi.

(7) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija. F'konformità mal-għanijiet stabbiliti fil-Ftehim ta' Pariġi, irratifikat mill-Unjoni fl-2016[33], ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-"Liġi Ewropea dwar il-Klima"[34] tistabbilixxi impenn vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis domestiku tal-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra ta' mill-inqas 55% sal-2030 u fil-leġiżlazzjoni tistabbilixxi l-mira tan-newtralità klimatika fl-ekonomija kollha sal-2050. Fl-2021, il-Kummissjoni adottat il-Pakkett "Lesti għall-mira ta' 55%"[35] biex tagħmel il-politiki tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija adatti biex jintlaħqu dawn l-objettivi. Biex isir dan, f'konformità mal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" stabbilit fid-Direttiva (UE) 2018/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[36], it-titjib fl-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li jiżdied b'mod sinifikanti, għal madwar 36% f'termini tal-konsum finali tal-enerġija sal-2030[37]. Ir-rekwiżiti tal-prodott stabbiliti skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkollhom rwol sinifikanti lejn din il-mira billi jnaqqsu b'mod sostanzjali l-impronta enerġetika tal-prodotti. Dawn ir-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika se jnaqqsu wkoll il-vulnerabbiltà tal-konsumatur għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija. Kif rikonoxxut mill-Ftehim ta' Pariġi, it-titjib tas-sostenibbiltà tal-konsum u tal-produzzjoni se jkollu wkoll rwol importanti fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima.

---

30 P9_TA(2020)0318.

31 P9_TA(2021)0040.

32 13852/20.

33 Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 1).

34 Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

35 https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_21_3541

36 Id-Direttiva (UE) 2018/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 210).

37 Skont il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-Pjan dwar il-Mira Klimatika (*It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 – Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna*, COM(2020) 562 final) u l-[proposta tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija]

(8) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll biex jintlaħqu l-objettivi ambjentali usa' tal-Unjoni. It-tmien (8) Programm ta' Azzjoni Ambjentali[38] jistabbilixxi f'qafas legali l-objettiv tal-Unjoni li tibqa' fi ħdan il-limiti planetarji u jidentifika l-kundizzjonijiet abilitanti biex jintlaħqu l-objettivi prijoritarji, li jinkludu t-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari mhux tossika. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jitlob ukoll lill-Unjoni biex timmonitorja, tirrapporta, tipprevjeni u tirrimedja aħjar it-tniġġis tal-arja, tal-ilma, tal-ħamrija u tal-prodotti għall-konsumatur. Dan ifisser li s-sustanzi kimiċi, il-materjali u l-prodotti jridu jkunu sikuri u sostenibbli kemm jista' jkun possibbli mid-disinn u tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, u b'hekk iwasslu għal ċikli ta' materjali mhux tossiċi[39]. Barra minn hekk, il-Patt Ekoloġiku Ewropew u s-CEAP jirrikonoxxu li s-suq intern tal-Unjoni jipprovdi massa kritika li tista' tinfluwenza l-istandards dinjin dwar is-sostenibbiltà tal-prodott u d-disinn tal-prodott. Dan ir-Regolament jenħtieġ li għalhekk ikollu rwol sinifikanti lejn il-kisba ta' diversi miri stabbiliti skont l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli "Konsum u produzzjoni responsabbli"[40], kemm ġewwa kif ukoll barra l-Unjoni.

(9) Id-Direttiva 2009/125/KE tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija. Flimkien mar-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41], dan naqqas b'mod sinifikanti d-domanda għall-enerġija primarja tal-UE għall-prodotti u hu stmat li dan l-iffrankar se jkompli jiżdied. Il-miżuri ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva 2009/125/KE inkludew ukoll rekwiżiti dwar aspetti taċ-ċirkolarità, bħad-durabbiltà, il-possibbiltà ta' tiswija u r-riċiklabbiltà. Fl-istess ħin, l-istrumenti bħall-Ekotikketta tal-UE, introdotti bir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42] jew il-kriterji tal-UE għall-akkwist pubbliku ekoloġiku[43] għandhom ambitu usa' iżda jħallsu inqas impatt minħabba l-limitazzjonijiet tal-approċċi volontarji.

(10) Id-Direttiva 2009/125/KE b'mod ġenerali rnexxielha trawwem l-effiċjenza enerġetika u ta' xi aspetti taċ-ċirkolarità ta' prodotti relatati mal-enerġija, u l-approċċ tagħha għandu l-potenzjal li jindirizza b'mod progressiv is-sostenibbiltà tal-prodotti kollha. Biex jitwettqu l-impenji tal-Patt Ekoloġiku, dan l-approċċ jenħtieġ li jiġi estiż għal gruppi ta' prodotti oħra u għandu jindirizza sistematikament aspetti ewlenin biex tiżdied is-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti b'rekwiżiti vinkolanti. Billi jkun żgurat li l-prodotti li jissodisfaw dawk ir-rekwiżiti biss jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li mhux biss itejjeb il-moviment liberu ta' tali prodotti billi jevita d-disparitajiet nazzjonali, iżda wkoll inaqqas l-impatti ambjentali negattivi taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti li għalihom huma stabbiliti tali rekwiżiti.

---

38 Id-Deċiżjoni (UE) 2022/…. tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 [Żid ir-referenza meta tiġi ppubblikata fil-ĠU – ftehim ta' trilogu tat-2 ta' Diċembru 2021].

39 Kif stabbilit fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE *Lejn tniġġis żero għall-arja, għall-ilma u għall-ħamrija* (COM(2021)400 final) u *l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà* (COM(2020)667 final), li jitlob li jiġu adottati l-għanijiet ta' tniġġis żero fil-produzzjoni u fil-konsum.

40 L-inklużjoni b'mod partikolari ta' miri skont l-SDG 12 ("Konsum u produzzjoni responsabbli").

41 Ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1).

42 Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE (ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1).

43 Komunikazzjoni "Akkwist pubbliku għal ambjent aħjar" (COM (2008) 400) https://ec.europa.eu/environment/gpp/eu_gpp_criteria_mt.htm

(11) Biex jinħoloq qafas regolatorju effettiv u li jibqa' validu fil-futur, jeħtieġ ikun permess l-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn għall-oġġetti fiżiċi kollha mqiegħda fis-suq jew fis-servizz, inkluż l-komponenti u l-prodotti intermedji. Dan jenħtieġ li jippermetti lill-Kummissjoni tqis l-usa' firxa ta' prodotti possibbli meta tipprijoritizza l-istabbiliment tar-rekwiżiti tal-ekodisinn u b'hekk timmassimizza l-effettività tagħhom. Meta meħtieġ, jenħtieġ li jsiru eżenzjonijiet speċifiċi meta jiġu stabbiliti r-rekwiżiti tal-ekodisinn, pereżempju għal prodotti b'għan partikolari li ma setgħux jiġu ssodisfati meta jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ekodisinn. Barra minn hekk, jenħtieġ li jsiru eżenzjonijiet fil-livell tal-qafas għal dawk il-prodotti li għalihom diġà hu ċar li r-rekwiżiti tal-ekodisinn ma jkunux xierqa jew meta oqfsa oħra jipprevedu l-istabbiliment ta' tali rekwiżiti. Dan jenħtieġ li jkun il-każ għall-ikel u l-għalf kif definit fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44], għall-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem kif definiti fid-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[45], għall-prodotti mediċinali veterinarji kif definiti fir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[46], għall-pjanti ħajjin, annimali u mikroorganiżmi, prodotti li joriġinaw mill-bniedem, u prodotti ta' pjanti u annimali relatati direttament mar-riproduzzjoni futura tagħhom.

(12) Il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (riformulata)[47] tirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu rekwiżiti minimi għall-prestazzjoni tal-enerġija għall-elementi tal-bini li jagħmlu parti mill-involukru tal-bini u rekwiżiti tas-sistema fir-rigward tal-prestazzjoni ġenerali tal-enerġija, l-installazzjoni xierqa u d-dimensjonar, l-aġġustament u l-kontroll xierqa tas-sistemi tekniċi tal-bini li jkunu installati fil-bini ġdid jew eżistenti. Hija konsistenti mal-objettivi ta' dan ir-Regolament li dawn ir-rekwiżiti minimi għall-prestazzjoni tal-enerġija jistgħu f'ċerti ċirkostanzi jillimitaw l-installazzjoni ta' prodotti relatati mal-enerġija li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament u l-atti delegati tiegħu, dment li tali rekwiżiti ma jikkostitwixxux ostakolu mhux ġustifikat għas-suq.

(13) Biex tittejjeb is-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti u jkun żgurat il-moviment liberu tal-prodotti fis-suq intern, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn. Dawk ir-rekwiżiti tal-ekodisinn jenħtieġ li fil-prinċipju japplikaw għal gruppi speċifiċi ta' prodotti, bħal magni tal-ħasil jew magni tal-ħasil u washer dryers. Biex tinkiseb l-akbar effettività tar-rekwiżiti tal-ekodisinn u tittejjeb b'mod effiċjenti s-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti, jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jiġi stabbilit rekwiżit orizzontali wieħed jew aktar tal-ekodisinn għal firxa usa' ta' gruppi ta' prodotti, bħall-apparat elettroniku jew t-tessuti. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti orizzontali tal-ekodisinn meta s-similaritajiet tekniċi tal-gruppi ta' prodotti jippermettu li s-sostenibbiltà ambjentali tagħhom tittejjeb abbażi tal-istess rekwiżiti.

---

44 Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

45 Id-Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

46 Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43).

47 COM (2021) 802 final.

(14) Biex il-Kummissjoni tkun tista' tistabbilixxi rekwiżiti kif xieraq għall-gruppi ta' prodotti koperti, ir-rekwiżiti tal-ekodisinn jenħtieġ li jinkludu rekwiżiti ta' prestazzjoni u informazzjoni. Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti jintużaw biex jittejbu l-aspetti tal-prodott rilevanti għas-sostenibbiltà ambjentali, bħall-effiċjenza enerġetika, id-durabbiltà, il-possibbiltà ta' tiswija u l-impronti tal-karbonju u ambjentali. Ir-rekwiżiti tal-ekodisinn jenħtieġ li jkunu trasparenti, oġġettivi, proporzjonati u f'konformità mar-regoli kummerċjali internazzjonali.

(15) Ladarba att delegat li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn jiġi adottat mill-Kummissjoni għal grupp ta' prodotti partikolari, l-Istati Membri jenħtieġ li, biex jiżguraw il-funzjonament tas-suq intern, ma jibqgħux jitħallew jistabbilixxu rekwiżiti nazzjonali tal-prestazzjoni abbażi ta' parametri tal-prodott koperti minn tali rekwiżiti tal-prestazzjoni stabbiliti f'dak l-att delegat, u ma għandhomx jibqgħu jitħallew jistabbilixxu rekwiżiti nazzjonali ta' informazzjoni abbażi ta' parametri tal-prodott koperti minn tali rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti f'dak l-att delegat. Biex ikun żgurat il-funzjonament tas-suq intern, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tistabbilixxi li ma jkun meħtieġ l-ebda rekwiżit tal-ekodisinn fil-forma ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni u/jew fil-forma ta' rekwiżiti ta' informazzjoni fir-rigward ta' xi parametru speċifiku tal-prodott.

(16) Meta tistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis in-natura u l-iskop tal-prodotti kkonċernati kif ukoll il-karatteristiċi tas-swieq rilevanti. Pereżempju, it-tagħmir tad-difiża jrid ikun jista' jopera f'kundizzjonijiet speċifiċi u xi drabi ħorox, li jeħtieġ li jitqies meta jiġu stabbiliti rekwiżiti tal-ekodisinn. Ċerta informazzjoni dwar it-tagħmir tad-difiża jenħtieġ li ma tiġix żvelata u jenħtieġ li tiġi protetta. Għalhekk, għar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal tagħmir militari jew sensittiv, jenħtieġ li jitqiesu l-ħtiġijiet ta' sigurtà u l-karatteristiċi tas-suq tad-difiża, kif definiti fid-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[48]. Bl-istess mod, l-industrija spazjali hija strateġika għall-Ewropa u għan-nuqqas ta' dipendenza teknoloġika tagħha. Peress li t-teknoloġiji spazjali joperaw f'kundizzjonijiet estremi, kull rekwiżit tal-ekodisinn għall-prodotti spazjali jenħtieġ li jibbilanċja l-kunsiderazzjonijiet tas-sostenibbiltà mar-reżiljenza u l-prestazzjoni mistennija. Barra minn hekk, għall-apparati mediċi kif definiti fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2017/745 dwar l-apparati mediċi[49] u l-apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro* kif definiti fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2017/746 dwar l-apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro*[50], il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis il-ħtieġa li ma jiġux affettwati b'mod negattiv is-saħħa u s-sikurezza tal-pazjenti u tal-utenti.

(17) Biex tkun evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi u tal-piż regolatorju, jenħtieġ li tkun żgurata l-konsistenza bejn dan ir-Regolament u r-rekwiżiti stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni jew skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, speċjalment il-leġiżlazzjoni

---

48 Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76).

49 Ir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi, li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE, ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 u r-Regolament (KE) Nru 1223/2009 u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 90/385/KEE u 93/42/KEE (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 1).

50 Ir-Regolament (UE) 2017/746 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro* u li jħassar id-Direttiva 98/79/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/227/UE (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 176).

dwar il-prodotti, is-sustanzi kimiċi u l-iskart[51]. Madankollu, l-eżistenza ta' setgħat skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni biex jiġu stabbiliti rekwiżiti bl-istess effetti jew effetti simili bħar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament ma tillimitax is-setgħat inklużi f'dan ir-Regolament, sakemm ma jkunx speċifikat f'dan ir-Regolament.

(18) L-atti delegati inkluż ir-rekwiżiti tal-ekodisinn jenħtieġ li, kif kien il-każ skont id-Direttiva 2009/125/KE, isirulhom valutazzjoni tal-impatt dedikata u konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, u jenħtieġ li jitfasslu f'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar, u jkunu jinkludu valutazzjoni tad-dimensjoni internazzjonali u tal-impatti fuq pajjiżi terzi. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis kif xieraq l-aspetti kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott u tibbaża l-valutazzjoni tal-impatt tagħha fuq l-aħjar evidenza disponibbli. Meta tħejji r-rekwiżiti tal-ekodisinn, il-Kummissjoni jenħtieġ li tuża approċċ xjentifiku kif ukoll jenħtieġ li tqis l-informazzjoni teknika rilevanti b'mod partikolari li ġejja mir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[52], id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[53], kriterji tekniċi ta' skrinjar adottati skont ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[54] u kriterji għall-akkwist pubbliku ekoloġiku[55].

(19) Biex titqies id-diversità tal-prodotti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħżel il-metodi biex tivvaluta l-istabbiliment tar-rekwiżiti tal-ekodisinn u, kif xieraq, tiżviluppahom aktar abbażi tan-natura tal-prodott, l-aktar aspetti rilevanti tiegħu u l-impatti tagħhom fuq iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis l-esperjenza tagħha fil-valutazzjoni tal-istabbiliment tar-rekwiżiti skont id-Direttiva 2009/125/KE u l-isforzi kontinwi biex jiġu żviluppati u mtejba għodod ta' valutazzjoni bbażati fuq ix-xjenza, bħall-aġġornament tal-metodoloġija għall-ekodisinn ta' prodotti relatati mal-enerġija, u l-metodu tal-Impronta Ambjentali tal-Prodotti stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2279[56], inkluż fir-rigward tal-ħżin temporanju tal-karbonju, kif ukoll l-iżvilupp ta' standards minn organizzazzjonijiet internazzjonali u Ewropej tal-istandardizzazzjoni, inkluż dwar l-effiċjenza materjali tal-prodotti relatati mal-enerġija. Filwaqt li tibni fuq dawn l-għodod u tuża studji dedikati meta jkun meħtieġ, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkompli ssaħħaħ l-aspetti taċ-ċirkolarità (bħad-durabbiltà, il-possibbiltà ta' tiswija inkluż punteġġ għall-possibbiltà ta' tiswija, l-identifikazzjoni ta' sustanzi kimiċi li jfixklu l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ) fil-valutazzjoni tal-prodotti u fit-tħejjija tar-rekwiżiti tal-ekodisinn, u jenħtieġ li tiżviluppa metodi jew għodod ġodda meta xieraq. Jistgħu jkunu meħtieġa wkoll

---

51 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni *dwar l-implimentazzjoni tal-pakkett tal-ekonomija ċirkolari: alterattivi li jindirizzaw l-interfaċċa bejn il-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, dwar il-prodotti u dwar l-iskart* (COM(2018) 32 final).

52 Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE (ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1).

53 Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

54 Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

55 Komunikazzjoni "Akkwist pubbliku għal ambjent aħjar" (COM (2008) 400)

56 Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2279 tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-użu tal-metodi tal-Impronta Ambjentali għall-kejl u l-komunikazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodotti u ta' organizzazzjonijiet.

approċċi ġodda għat-tħejjija ta' kriterji obbligatorji tal-akkwist pubbliku u għall-projbizzjonijiet fuq il-qerda ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa.

(20) Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni jenħtieġ li jkunu relatati ma' parametru ta' prodott magħżul rilevanti għall-aspett tal-prodott fil-mira li għalih ikun ġie identifikat il-potenzjal għat-titjib tas-sostenibbiltà ambjentali. Tali rekwiżiti jistgħu jinkludu livelli minimi jew massimi ta' prestazzjoni fir-rigward tal-parametru tal-prodott, rekwiżiti mhux kwantitattivi li għandhom l-għan li jtejbu l-prestazzjoni fir-rigward tal-parametru tal-prodott, jew rekwiżiti relatati mal-prestazzjoni funzjonali ta' prodott biex ikun żgurat li r-rekwiżiti tal-prestazzjoni magħżula ma jħallux impatt negattiv fuq il-kapaċità tal-prodott li jwettaq il-funzjoni li għaliha jkun ġie ddisinjat u kummerċjalizzat. Fir-rigward tal-livelli minimi jew massimi, dawn jistgħu pereżempju jieħdu l-forma ta' limitu fuq il-konsum tal-enerġija fil-fażi tal-użu jew fuq il-kwantitajiet ta' materjal partikolari inkorporat fil-prodott, rekwiżit għal kwantitajiet minimi ta' kontenut riċiklat, jew limitu fuq kategorija speċifika ta' impatt ambjentali jew fuq aggregazzjoni tal-impatti ambjentali rilevanti kollha. Eżempju ta' rekwiżit mhux kwantitattiv hu l-projbizzjoni ta' soluzzjoni teknika speċifika li hi ta' detriment għall-possibbiltà ta' tiswija tal-prodott. Se jintużaw rekwiżiti tal-prestazzjoni biex tkun żgurata t-tneħħija tal-prodotti bl-agħar prestazzjoni mis-suq meta dan ikun meħtieġ biex jikkontribwixxi għall-objettivi ta' sostenibbiltà ambjentali tar-Regolament.

(21) Biex tkun żgurata l-konsistenza, ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni jenħtieġ li jikkomplementaw l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-iskart. Filwaqt li r-rekwiżiti għat-tqegħid fis-suq tal-imballaġġ bħala prodott finali huma stabbiliti skont id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE[57], dan ir-Regolament jista' jikkomplementa dik id-Direttiva billi jistabbilixxi rekwiżiti bbażati fuq il-prodott li jiffukaw fuq l-imballaġġ ta' prodotti speċifiċi meta jitqiegħdu fis-suq. Meta rilevanti, tali rekwiżiti komplementari jenħtieġ li jikkontribwixxu b'mod partikolari biex inaqqsu kemm jista' jkun l-ammont ta' imballaġġ użat, u min-naħa tagħhom jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart fl-Unjoni.

(22) Is-sikurezza kimika hija element rikonoxxut tas-sostenibbiltà tal-prodott. Hija bbażata fuq il-perikli intrinsiċi tas-sustanzi kimiċi għas-saħħa jew għall-ambjent flimkien ma' esponiment speċifiku jew ġeneriku, u hija indirizzata mil-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, bħar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[58], ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[59], ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[60], ir-

---

57 Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10).

58 Ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE (ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4).

59 Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

60 Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59).

Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [61] u d-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[62]. Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jippermettix ir-restrizzjoni ta' sustanzi bbażati fuq is-sikurezza kimika, kif isir skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni. Bl-istess mod, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jippermettix ir-restrizzjoni ta' sustanzi għal raġunijiet relatati mas-sikurezza alimentari. Madankollu, id-dritt tal-Unjoni dwar is-sustanzi kimiċi u l-ikel ma jippermettix li jiġu indirizzati, permezz ta' restrizzjonijiet fuq ċerti sustanzi, l-impatti fuq is-sostenibbiltà li mhumiex relatati mas-sikurezza kimika jew mas-sikurezza alimentari. Biex tingħeleb din il-limitazzjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti, f'ċerti kundizzjonijiet, ir-restrizzjoni, primarjament għal raġunijiet għajr is-sikurezza kimika jew alimentari, ta' sustanzi preżenti fi prodotti jew użati fil-proċessi tal-manifattura tagħhom li jaffettwaw b'mod negattiv is-sostenibbiltà tal-prodotti. Dan ir-Regolament ukoll jenħtieġ li ma jirriżultax fid-duplikazzjoni jew fis-sostituzzjoni ta' restrizzjonijiet ta' sustanzi koperti mid-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[63], li għandha bħala l-objettiv tagħha l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, inkluż l-irkupru u r-rimi ambjentalment sod tal-iskart minn tagħmir elettriku u elettroniku.

(23) Biex tittejjeb is-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti, ir-rekwiżiti ta' informazzjoni jenħtieġ li jkunu relatati ma' parametru tal-prodott magħżul rilevanti għall-aspett tal-prodott, bħall-impronta ambjentali tal-prodott jew id-durabbiltà tiegħu. Dawn jistgħu jirrikjedu li l-manifattur jagħmel disponibbli informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-prodott fir-rigward ta' parametru tal-prodott magħżul jew informazzjoni oħra li tista' tinfluwenza l-mod kif il-prodott jiġi ttrattat minn partijiet oħra minbarra l-manifattur biex tittejjeb il-prestazzjoni rigward parametru bħal dan. Tali rekwiżiti ta' informazzjoni jenħtieġ li jiġu stabbiliti jew flimkien ma', jew minflok, ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni fuq l-istess parametru tal-prodott kif xieraq. Meta att delegat jinkludi rekwiżiti ta' informazzjoni, jenħtieġ li dan jindika l-metodu biex l-informazzjoni meħtieġa ssir disponibbli, bħall-inklużjoni tiegħu fuq sit web b'aċċess liberu, passaport tal-prodotti jew tikketta tal-prodott. Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni huma meħtieġa biex joħolqu t-tibdil meħtieġ fl-imġiba ħalli jkun żgurat li jintlaħqu l-objettivi tas-sostenibbiltà ambjentali ta' dan ir-Regolament. Billi jipprovdu bażi soda għax-xerrejja u għall-awtoritajiet pubbliċi biex iqabblu l-prodotti abbażi tas-sostenibbiltà ambjentali tagħhom, ir-rekwiżiti ta' informazzjoni huma mistennija li jixprunaw lill-konsumaturi u lill-awtoritajiet pubbliċi lejn għażliet aktar sostenibbli.

(24) Meta l-atti delegati jinkludu rekwiżiti ta' informazzjoni, huma jistgħu wkoll jiddeterminaw klassijiet ta' prestazzjoni rigward parametru tal-prodott rilevanti wieħed jew aktar, biex jiffaċilitaw it-tqabbil bejn il-prodotti abbażi ta' dak il-parametru. Il-klassijiet ta' prestazzjoni jenħtieġ li jippermettu d-differenzjazzjoni tal-prodotti abbażi tas-sostenibbiltà relattiva tagħhom u jistgħu jintużaw kemm mill-konsumaturi kif ukoll mill-awtoritajiet pubbliċi. Bħala tali, huma maħsuba biex jixprunaw is-suq lejn prodotti aktar sostenibbli.

---

61 Ir-Regolament (UE) 2017/746 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro* u li jħassar id-Direttiva 98/79/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/227/UE (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 176).

62 Id-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli (ĠU L 170, 30.6.2009, p. 1).

63 Id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikoluży fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88).

(25) L-informazzjoni dwar il-preżenza ta' sustanzi ta' tħassib fil-prodotti hija element ewlieni biex jiġu identifikati u promossi prodotti li huma sostenibbli. Il-kompożizzjoni kimika tal-prodotti tiddetermina fil-biċċa l-kbira l-funzjonalitajiet u l-impatti tagħhom, kif ukoll il-possibbiltajiet għall-użu mill-ġdid tagħhom jew għall-irkupru ladarba jsiru skart. L-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà[64] tappella għal tnaqqis fil-preżenza tas-sustanzi ta' tħassib fil-prodotti, u li tkun żgurata d-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar il-kontenut kimiku u l-użu sikur, billi jiddaħħlu rekwiżiti ta' informazzjoni u tiġi traċċata l-preżenza tas-sustanzi ta' tħassib tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-materjali u tal-prodotti. Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[65] u leġiżlazzjoni eżistenti oħra dwar is-sustanzi kimiċi bħar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 diġà jiżguraw komunikazzjoni dwar perikli għas-saħħa jew għall-ambjent ikkawżati minn ċerti sustanzi ta' tħassib waħedhom jew f'taħlita. L-utenti tas-sustanzi u tat-taħlitiet jenħtieġ li jiġu infurmati wkoll dwar informazzjoni pertinenti relatata mas-sostenibbiltà li ma tkunx primarjament relatata mal-perikli għas-saħħa jew għall-ambjent. Barra minn hekk, l-utenti ta' prodotti għajr sustanzi jew taħlitiet, u l-maniġers tal-iskart minn tali prodotti, jenħtieġ li jirċievu wkoll informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà, inkluż informazzjoni primarjament relatata mal-perikli tas-sustanzi kimiċi għas-saħħa jew għall-ambjent. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti l-istabbiliment ta' rekwiżiti relatati mat-traċċar u l-komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar is-sostenibbiltà, inkluż il-preżenza ta' sustanzi ta' tħassib fil-prodotti matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, inkluż bil-ħsieb tad-dekontaminazzjoni u tal-irkupru tagħhom meta jsiru skart. Tali qafas jenħtieġ li jkollu l-għan li jkopri b'mod progressiv is-sustanzi kollha ta' tħassib fil-prodotti kollha elenkati fil-pjanijiet ta' ħidma li jistabbilixxu l-gruppi ta' prodotti li l-Kummissjoni beħsiebha tindirizza.

(26) Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jinkludu r-rekwiżit li jsir disponibbli passaport tal-prodotti. Il-passaport tal-prodotti hu għodda importanti biex l-informazzjoni ssir disponibbli għall-atturi tul il-katina tal-valur kollha u d-disponibbiltà ta' passaport tal-prodotti jenħtieġ li ttejjeb b'mod sinifikanti t-traċċabbiltà minn tarf sa tarf ta' prodott tul il-katina tal-valur tiegħu. Fost affarijiet oħra, il-passaport tal-prodotti jenħtieġ li jgħin lill-konsumaturi jagħmlu għażliet infurmati billi jtejjeb l-aċċess tagħhom għall-informazzjoni dwar il-prodott rilevanti għalihom, jippermetti lill-operaturi ekonomiċi u atturi oħra tal-katina tal-valur bħal min isewwi jew riċiklaturi li jaċċessaw informazzjoni rilevanti, u jippermettu lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jwettqu dmirijiethom. Għal dan il-għan, il-passaport tal-prodotti jenħtieġ li ma jissostitwixxix iżda jikkomplementa l-forom mhux diġitali tat-trażmissjoni tal-informazzjoni, bħall-informazzjoni fil-manwal tal-prodott jew fuq tikketta. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun possibbli li l-passaport tal-prodotti jintuża għal informazzjoni dwar aspetti oħra ta' sostenibbiltà applikabbli għall-grupp ta' prodotti rilevanti skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

(27) Biex titqies in-natura tal-prodott u tas-suq tiegħu, l-informazzjoni li trid titniżżel fil-passaport tal-prodotti jenħtieġ li tiġi eżaminata bir-reqqa abbażi ta' każ b'każ meta jitħejjew regoli speċifiċi għall-prodott. Biex jiġi ottimizzat l-aċċess għall-

64 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, *Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà, Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità* COM(2020) 667 final.

65 Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

informazzjoni li tirriżulta filwaqt li jiġu protetti wkoll id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, il-passaport tal-prodotti jeħtieġ li jitfassal u jiġi implimentat b'mod li jippermetti aċċess differenzjat għall-informazzjoni inkluża fil-passaport tal-prodotti skont it-tip ta' informazzjoni u t-tipoloġija tal-partijiet ikkonċernati. Bl-istess mod, biex ikunu evitati kostijiet għall-kumpaniji u għall-pubbliku li jkunu sproporzjonati għall-benefiċċji usa', il-passaport tal-prodotti jenħtieġ li jkun speċifiku għall-mudell tal-oġġett, tal-lott jew tal-prodott, skont pereżempju l-kumplessità tal-katina tal-valur, id-daqs, in-natura jew l-impatti tal-prodotti kkunsidrati.

(28) Biex tkun żgurata l-interoperabbiltà, jenħtieġ li jiġu speċifikati t-tipi ta' mezzi ta' *data* permessi. Għall-istess raġuni, il-mezz ta' *data* u l-identifikatur uniku tal-prodott jenħtieġ li jiġu rilaxxati f'konformità mal-istandards rikonoxxuti internazzjonalment. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni biex temenda dan ir-Regolament billi tissostitwixxi jew iżżid standards li f'konformità magħhom jistgħu jiġu rilaxxati l-mezzi ta' *data* u l-identifikaturi uniċi, fid-dawl tal-progress tekniku jew xjentifiku. Dan jenħtieġ li jiżgura li l-informazzjoni li tinsab fil-passaport tal-prodotti tkun tista' tiġi rreġistrata u trażmessa mill-operaturi ekonomiċi kollha, kif ukoll li tiġi ggarantita l-kompatibbiltà tal-identifikatur uniku ma' komponenti esterni bħall-apparat tal-iskennjar.

(29) Biex ma jkunx hemm dewmien bla bżonn fl-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn għajr dawk dwar il-passaport tal-prodotti jew biex ikun żgurat li l-passaporti tal-prodotti jkunu jistgħu jiġu implimentati b'mod effettiv, jenħtieġ li l-Kummissjoni titħalla teżenta lil gruppi ta' prodotti mir-rekwiżiti tal-passaport tal-prodotti f'każ li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ma jkunux disponibbli fir-rigward tar-rekwiżiti essenzjali għad-disinn tekniku u għall-operat tal-passaport tal-prodotti. Bl-istess mod, biex ikun evitat piż amministrattiv bla bżonn lill-operatur ekonomiku, jenħtieġ li l-Kummissjoni titħalla teżenta lil gruppi ta' prodotti mir-rekwiżiti tal-passaport tal-prodotti f'każ li dritt ieħor tal-Unjoni diġà jkun jinkludi sistema għall-forniment diġitali ta' informazzjoni dwar il-prodott li tippermetti lill-atturi tul il-katina tal-valur jaċċessaw informazzjoni rilevanti dwar il-prodott u tiffaċilita l-verifika tal-konformità tal-prodott mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Dawn l-eżenzjonijiet jenħtieġ li jiġu riveduti perjodikament filwaqt li titqies aktar disponibbiltà tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

(30) L-identifikazzjoni unika tal-prodotti hija element fundamentali biex tkun tista' ssir it-traċċabbiltà tul il-katina tal-provvista. Għalhekk, il-passaport tal-prodotti jenħtieġ li jkun marbut ma' identifikatur uniku tal-prodott. Barra minn hekk, meta xieraq, il-passaport jenħtieġ li jippermetti t-traċċar tal-atturi u tal-faċilitajiet tal-manifattura relatati ma' dak il-prodott. Biex jiżguraw l-interoperabbiltà, l-identifikaturi uniċi tal-operatur u l-identifikaturi uniċi tal-faċilità li jippermettu t-traċċabbiltà jenħtieġ li jiġu rilaxxati f'konformità ma' standards rikonoxxuti internazzjonalment. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni biex temenda dan ir-Regolament billi tissostitwixxi jew iżżid standards li f'konformità magħhom jistgħu jiġu rilaxxati l-identifikaturi uniċi tal-operaturi u l-identifikaturi uniċi tal-faċilitajiet, fid-dawl tal-progress tekniku jew xjentifiku.

(31) L-informazzjoni diġitalizzata dwar il-prodott u ċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu jew, meta applikabbli, il-passaport tiegħu jenħtieġ li tkun faċilment aċċessibbli bl-iskennjar ta' mezz ta' *data*, bħal marka tal-ilma jew kodiċi ta' rispons rapidu (QR). Meta possibbli, il-mezz ta' *data* jenħtieġ li jkun fuq il-prodott innifsu biex jiżgura li l-informazzjoni tibqa' aċċessibbli tul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu. Madankollu, l-eċċezzjonijiet huma possibbli skont in-natura, id-daqs jew l-użu tal-prodotti kkonċernati.

(32) Biex ikun żgurat li l-passaport tal-prodotti jkun flessibbli, aġli u mmexxi mis-suq u li jevolvi f'konformità mal-mudelli tan-negozju, mas-swieq u mal-innovazzjoni, jenħtieġ li dan ikun ibbażat fuq sistema ta' *data* deċentralizzata, stabbilita u miżmuma mill-operaturi ekonomiċi. Madankollu, għal finijiet ta' infurzar u monitoraġġ, jista' jkun meħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-Kummissjoni jkollhom aċċess dirett għal rekord tal-mezzi ta' *data* kollha u l-identifikaturi uniċi marbuta ma' prodotti mqiegħda fis-suq jew fis-servizz.

(33) Biex tkun żgurata l-introduzzjoni effettiva tal-passaport tal-prodotti, tad-disinn tekniku, tar-rekwiżiti tad-*data* u tat-tħaddim tal-passaport tal-prodotti jenħtieġ li jaderixxi ma' sett ta' rekwiżiti tekniċi essenzjali. Tali rekwiżiti jenħtieġ li jipprovdu bażi għall-użu konsistenti tal-passaport tal-prodotti fis-setturi kollha. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet tekniċi biex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' dawk ir-rekwiżiti essenzjali, jew fil-forma ta' standard armonizzat imsemmi fil-Ġurnal Uffiċjali jew, bħala għażla ta' riżerva, speċifikazzjoni komuni adottata mill-Kummissjoni. Id-disinn tekniku jenħtieġ li jiżgura li l-passaport tal-prodotti jġorr id-*data* b'mod sikur, filwaqt li jirrispetta r-regoli tal-privatezza, il-passaport diġitali tal-prodotti se jiġi żviluppat fi djalogu miftuħ mas-sħab internazzjonali, biex jitqiesu l-fehmiet tagħhom meta jiġu żviluppati speċifikazzjonijiet tekniċi u biex ikun żgurat li dawn jgħinu biex jitneħħew l-ostakli kummerċjali għal prodotti aktar ekoloġiċi u jitnaqqsu l-kostijiet għal investimenti sostenibbli, kummerċjalizzazzjoni u konformità. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u r-rekwiżiti relatati mat-traċċabbiltà tul il-katina tal-valur jenħtieġ li, biex tkun tista' ssir l-implimentazzjoni effettiva tagħhom, sa fejn ikun possibbli jiġu żviluppati abbażi ta' approċċ kunsenswali u bl-involviment, ir-rieda, u l-kollaborazzjoni effettiva ta' sett divers ta' atturi, inkluż korpi ta' standardizzazzjoni, assoċjazzjonijiet tal-industrija, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, esperti, NGOs u sħab internazzjonali, inkluż ekonomiji li qed jiżviluppaw.

(34) Biex jittejjeb l-infurzar tar-rekwiżiti tal-ekodisinn, l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni jeħtieġ ikollhom aċċess dirett għal rekord tal-mezzi kollha ta' *data* u l-identifikaturi uniċi marbuta ma' prodotti mqiegħda fis-suq jew fis-servizz. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi u żżomm reġistru tal-passaporti tal-prodotti biex taħżen tali *data*. Meta meħtieġ, biex jiġi ffaċilitat aktar l-infurzar, il-Kummissjoni jenħtieġ li, kif xieraq, tispeċifika informazzjoni oħra inkluża fil-passaport tal-prodotti li jeħtieġ li tinħażen fir-reġistru.

(35) Kwalunkwe pproċessar ta' *data* personali skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni ta' *data* personali. L-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-Istati Membri jenħtieġ li jsir f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[66]. L-ipproċessar ta' *data* personali mill-Kummissjoni jenħtieġ li jsir f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[67].

(36) L-infurzar effettiv fir-rigward ta' prodotti mqiegħda fis-suq tal-Unjoni, sew magħmulin domestikament u sew importati, hu essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet ta'

---

66 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

67 Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

dan ir-Regolament. Għalhekk, meta l-Kummissjoni tkun stabbiliet reġistru, l-awtoritajiet doganali jenħtieġ li jkollhom aċċess dirett għalih permezz tas-Sistema ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana stabbilita bir-Regolament (UE) …/…. Ir-rwol tad-dwana jenħtieġ li jkun li tiżgura li r-referenza ta' passaport tal-prodotti ssir disponibbli fid-dikjarazzjoni doganali u li din ir-referenza tikkorrispondi għal identifikatur uniku tal-prodott li jinħażen fir-reġistru. Dan jippermetti l-verifika mid-dwana li jeżisti passaport tal-prodotti għall-prodotti importati.

(37) Meta ċerta informazzjoni inkluża fil-passaport tal-prodotti tinħażen fir-reġistru flimkien mal-mezzi ta' *data* u l-identifikaturi uniċi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tipprovdi, meta xieraq, li l-awtoritajiet doganali jivverifikaw il-konsistenza bejn din l-informazzjoni u d-dikjarazzjoni doganali, biex itejbu l-konformità tal-prodotti mar-rekwiżiti tal-ekodisinn u jqisu l-ħtieġa li jkun evitat piż sproporzjonat fuq l-awtoritajiet doganali.

(38) L-informazzjoni inkluża fil-passaport tal-prodotti tista' tippermetti lill-awtoritajiet doganali jarrikkixxu u jiffaċilitaw il-ġestjoni tar-riskju u jippermettu li l-kontrolli fil-fruntiera jkunu mmirati aħjar. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jirkupraw u jużaw l-informazzjoni inkluża fil-passaport tal-prodotti u fir-reġistru relatat għat-twettiq tal-kompiti tagħhom f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni inkluż għall-ġestjoni tar-riskju f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[68].

(39) Biex il-konsumaturi jitħeġġu jagħmlu għażliet aktar sostenibbli, jenħtieġ li t-tikketti, meta jkunu meħtieġa mill-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament, jipprovdu informazzjoni għal tqabbil effettiv tal-prodotti, pereżempju billi jindikaw klassijiet tal-prestazzjoni. Speċifikament għall-konsumaturi, it-tikketti fiżiċi jistgħu jkunu sors addizzjonali ta' informazzjoni fil-post tal-bejgħ. Dawn jistgħu jipprovdu bażi viżwali rapida għall-konsumaturi biex jiddistingwu bejn prodotti bbażati fuq il-prestazzjoni tagħhom fir-rigward ta' parametru speċifiku tal-prodott jew sett ta' parametri tal-prodott. Jenħtieġ li, meta xieraq, jippermettu wkoll l-aċċess ta' informazzjoni addizzjonali billi jkollhom referenzi speċifiċi bħall-indirizzi tas-siti web, il-kodiċijiet QR dinamiċi, il-links għat-tikketti online jew xi mezz xieraq orjentat lejn il-konsumatur. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi fl-att delegat rilevanti l-aktar mod effettiv biex turi dawn it-tikketti, inkluż fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod online, filwaqt li tqis l-implikazzjonijiet għall-klijenti u għall-operaturi ekonomiċi u l-karatteristiċi tal-prodotti kkonċernati. Il-Kummissjoni tista' titlob ukoll li t-tikketta tiġi stampata fuq l-imballaġġ tal-prodott.

(40) Ir-Regolament (UE) 2017/1369 li jistabbilixxi qafas dwar it-tikkettar tal-enerġija japplika, b'mod parallel għal dan ir-Regolament, għall-prodotti relatati mal-enerġija. Dan ifisser li t-tikketti tal-enerġija huma l-istrument primarju li jipprovdi l-informazzjoni xierqa lill-konsumaturi għall-prodotti relatati mal-enerġija u li l-klassijiet ta' prestazzjoni ddeterminati skont dan ir-Regolament jenħtieġ li, meta xieraq, jiġu inkorporati fit-tikketta bħala informazzjoni supplimentari kif previst fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2017/1369. Meta l-informazzjoni rilevanti dwar il-prestazzjoni ta' prodott fir-rigward ta' parametru ta' prodott ma tkunx tista' tiġi inkluża bħala informazzjoni supplimentari fit-tikketta tal-enerġija stabbilita għall-prodott relatat mal-enerġija skont ir-Regolament (UE) 2017/1369, jenħtieġ li l-

[68] Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

Kummissjoni tivvaluta jekk jeħtieġx tiġi stabbilita tikketta f'konformità ma' dan ir-Regolament, filwaqt li titqies il-ħtieġa li l-konsumaturi jiġu infurmati dwar l-aktar parametri rilevanti għall-prodott u l-iżvantaġġi f'termini ta' riskji ta' konfużjoni għall-pubbliku u ta' piż amministrattiv żejjed għall-operaturi ekonomiċi.

(41) Il-konsumaturi jenħtieġ li jiġu protetti minn informazzjoni qarrieqa li tista' xxekkel l-għażliet tagħhom għal prodotti aktar sostenibbli. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li jkun ipprojbit li l-prodotti li jkollhom tikketta li timita t-tikketti previsti f'dan ir-Regolament jitqiegħdu fis-suq.

(42) Biex jinkiseb l-aktar mod effiċjenti dwar l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u biex l-ewwel jiġu indirizzati l-prodotti li jħallu l-akbar impatt, il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq prijoritizzazzjoni tal-prodotti li għandhom jiġu regolati skont dan ir-Regolament u r-rekwiżiti li se japplikaw għalihom. Abbażi tal-proċess segwit għall-prijoritizzazzjoni skont id-Direttiva 2009/125/KE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta pjan ta' ħidma, li jkopri mill-inqas tliet (3) snin, li tistabbilixxi lista ta' gruppi ta' prodotti li għalihom qed tippjana li tadotta atti delegati kif ukoll l-aspetti tal-prodott li għalihom beħsiebha tadotta atti delegati ta' applikazzjoni orizzontali. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tibbaża l-prijoritizzazzjoni tagħha fuq sett ta' kriterji li jappartjenu b'mod partikolari għall-kontribut potenzjali tal-atti delegati għall-objettivi tal-Unjoni dwar il-klima, l-ambjent u l-enerġija u l-potenzjal tagħhom għat-titjib tal-aspetti tal-prodott magħżula mingħajr kostijiet sproporzjonati għall-operaturi pubbliċi u ekonomiċi. Meta titqies l-importanza tagħhom biex jintlaħqu l-objettivi tal-enerġija tal-Unjoni, il-pjanijiet ta' ħidma jenħtieġ li jinkludu sehem adegwat ta' azzjonijiet relatati ma' prodotti relatati mal-enerġija. L-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati jenħtieġ li jiġu kkonsultati wkoll permezz tal-Forum dwar l-Ekodisinn. Minħabba l-kumplimentarjetajiet bejn dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2017/1369 għall-prodotti relatati mal-enerġija, l-iskedi ta' żmien għall-pjan ta' ħidma skont dan ir-Regolament u dak previst fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2017/1369 jenħtieġ li jiġu allinjati.

(43) Fl-indirizzar tal-prodotti tal-kostruzzjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi rekwiżiti dwar il-prodotti finali biss meta l-obbligi maħluqa mir-[Regolament rivedut dwar il-Prodotti tal-Kostruzzjoni] u l-implimentazzjoni tiegħu x'aktarx li ma jilħqux biżżejjed l-objettivi ta' sostenibbiltà ambjentali segwiti minn dan ir-Regolament. Barra minn hekk, meta tfassal pjanijiet ta' ħidma, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis li, fil-kontinwazzjoni tal-prattika attwali, [ir-Regolament rivedut dwar il-Prodotti għall-Kostruzzjoni], fir-rigward ta' prodotti relatati mal-enerġija li huma wkoll prodotti għall-kostruzzjoni, se jagħti prevalenza lir-rekwiżiti ta' sostenibbiltà stabbiliti skont dan ir-Regolament. Dan jenħtieġ li jkun il-każ pereżempju għall-apparati tat-tisħin, għall-bojlers, għall-pompi tas-sħana, għall-apparat tat-tisħin tal-ilma u tal-ispazju, għall-fannijiet, għas-sistemi tat-tkessiħ u tal-ventilazzjoni u għall-prodotti fotovoltajċi (esklużi pannelli fotovoltajċi integrati fil-bini). Għal dawn il-prodotti, [ir-Regolament rivedut dwar il-Prodotti tal-Kostruzzjoni] jista' jintervjeni b'mod kumplimentari meta meħtieġ, prinċipalment fir-rigward tal-aspetti tas-sikurezza, filwaqt li jqis ukoll leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni dwar prodotti bħal apparat tal-gass, vultaġġ baxx, u makkinarju.

(44) Biex titħeġġeġ l-awtoregolamentazzjoni bħala alternattiva valida għall-approċċi regolatorji, dan ir-Regolament jenħtieġ li, bi tkomplija tad-Direttiva 2009/125/KE, jinkludi l-possibbiltà għall-industrija li tippreżenta miżuri ta' awtoregolamentazzjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-miżuri ta' awtoregolamentazzjoni proposti mill-industrija, flimkien mal-informazzjoni u l-evidenza ppreżentati mill-firmatarji, inkluż

fid-dawl tal-impenji kummerċjali internazzjonali tal-Unjoni u l-ħtieġa li tkun żgurata l-koerenza mad-dritt tal-Unjoni. Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tadotta u taġġorna att li jelenka l-miżuri ta' awtoregolamentazzjoni kkunsidrati bħala alternattivi validi għal att delegat li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn. Jixraq ukoll, pereżempju fid-dawl tal-iżviluppi rilevanti tas-suq jew teknoloġiċi fi ħdan il-grupp ta' prodotti kkonċernat, li l-Kummissjoni tkun tista' titlob verżjoni riveduta tal-miżura ta' awtoregolamentazzjoni kull meta jitqies meħtieġ. Ladarba miżura ta' awtoregolamentazzjoni tiġi elenkata f'att ta' implimentazzjoni, hemm aspettattiva leġittima għall-operaturi ekonomiċi li l-Kummissjoni mhux se tadotta att delegat li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn għal dan il-grupp ta' prodotti speċifiku. Madankollu, mhuwiex eskluż li l-Kummissjoni tista' tadotta rekwiżiti orizzontali tal-ekodisinn li japplikaw ukoll għall-prodotti koperti minn miżura ta' awtoregolamentazzjoni rikonoxxuta għall-aspetti tal-prodott mhux indirizzati minn dik il-miżura ta' awtoregolamentazzjoni. Meta l-Kummissjoni tqis li miżura ta' awtoregolamentazzjoni ma għadhiex tissodisfa l-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li hija tneħħi dik l-awtoregolamentazzjoni mill-att ta' implimentazzjoni li jelenka l-miżuri rikonoxxuti ta' awtoregolamentazzjoni. Konsegwentement, ir-rekwiżiti tal-ekodisinn jistgħu mbagħad jiġu stabbiliti għall-gruppi ta' prodotti li qabel kienu indirizzati mill-miżura ta' awtoregolamentazzjoni, f'konformità ma' dan ir-Regolament.

(45) L-intrapriżi mikro, żgħar u medji (SMEs) jistgħu jibbenefikaw ħafna minn żieda fid-domanda għal prodotti sostenibbli iżda jistgħu jiffaċċjaw ukoll kostijiet u diffikultajiet b'xi wħud mir-rekwiżiti. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li, fl-oqsma ta' responsabbiltà rispettivi tagħhom, jipprovdu informazzjoni adegwata, jiżguraw taħriġ immirat u speċjalizzat, u jipprovdu assistenza u appoġġ speċifiċi, inkluż dawk finanzjarji, lill-SMEs attivi fil-manifattura ta' prodotti li għalihom huma stabbiliti r-rekwiżiti tal-ekodisinn. Dawk l-azzjonijiet jenħtieġ li, pereżempju, ikopru l-kalkolu tal-impronta ambjentali tal-prodott u l-implimentazzjoni teknika tal-passaport tal-prodotti. Jenħtieġ li jittieħdu azzjonijiet mill-Istati Membri fir-rigward tar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat.

(46) Il-qerda ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa, bħat-tessuti u ż-żraben, mill-operaturi ekonomiċi qed issir problema ambjentali mifruxa madwar l-Unjoni, b'mod partikolari minħabba t-tkabbir rapidu tal-bejgħ online. Dan jammonta għal telf ta' riżorsi ekonomiċi siewja peress li l-merkanzija tiġi prodotta, trasportata u wara tinqered mingħajr ma qatt tintuża għall-iskop intenzjonat tagħha. Għalhekk, fl-interess tal-protezzjoni ambjentali, dan ir-Regolament jeħtieġ jistabbilixxi qafas biex tkun evitata l-qerda ta' prodotti mhux mibjugħa li jkunu maħsuba primarjament għall-konsumaturi skont id-Direttiva (UE) 2019/771 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[69], inkluż il-prodotti ritornati minn xi konsumaturi fid-dawl tad-dritt ta' rtirar tagħhom kif stabbilit mid-Direttiva (UE) 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[70]. Dan se jnaqqas l-impatt ambjentali ta' dawk il-prodotti billi jnaqqas il-ġenerazzjoni tal-

[69] Id-Direttiva (UE) 2019/771 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jirrigwardaw il-kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti, li temenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva 2009/22/KE u li tħassar id-Direttiva 1999/44/KE (ĠU L 136, 22.5.2019, p. 6).

[70] Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64).

iskart u billi jiskoraġġixxi l-produzzjoni żejda tal-prodotti. Barra minn hekk, minħabba li diversi Stati Membri introduċew leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-qerda ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa u b'hekk ħolqu distorsjonijiet fis-suq, huma meħtieġa regoli armonizzati dwar il-qerda ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa biex ikun żgurat li d-distributuri, il-bejjiegħa bl-imnut u operaturi ekonomiċi oħra huma soġġetti għall-istess regoli u inċentivi madwar l-Istati Membri.

(47) Biex tiġi diżinċentivata l-qerda ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa u biex tinħoloq aktar *data* dwar it-tħaddim ta' din il-prattika, dan ir-Regolament jenħtieġ li jintroduċi obbligu ta' trasparenza għall-operaturi ekonomiċi li jżommu prodotti tal-konsumatur fl-Unjoni, li jeħtieġ li jiżvelaw informazzjoni dwar l-għadd ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa li jintremew fis-sena. L-operatur ekonomiku jenħtieġ li jindika t-tip jew il-kategorija ta' prodott, ir-raġunijiet għar-rimi tagħhom u l-konsenja tagħhom għal operazzjonijiet sussegwenti ta' trattament tal-iskart. Filwaqt li l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jkunu liberi li jiddeterminaw kif jiżvelaw dik l-informazzjoni b'mod xieraq għall-ambjent tan-negozju tagħhom, jenħtieġ li titqies bħala l-aqwa prattika li tiġi inkluża l-informazzjoni meħtieġa f'dikjarazzjoni mhux finanzjarja disponibbli għall-pubbliku abbozzata f'konformità mal-Artikolu 19a tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[71] meta applikabbli.

(48) Biex tkun evitata l-qerda ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa, meta l-qerda ta' tali prodotti tkun prevalenti, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tipprojbixxi l-qerda ta' tali prodotti. Minħabba l-firxa wiesgħa ta' prodotti li jistgħu potenzjalment jinqerdu mingħajr ma qatt jinbiegħu jew jintużaw, jeħtieġ tiġi stabbilita tali setgħa f'dan ir-Regolament. Madankollu, il-projbizzjoni stabbilita fl-atti delegati jenħtieġ li tapplika għal gruppi ta' prodotti speċifiċi li jridu jiġu determinati abbażi ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-punt sa fejn il-qerda ta' tali prodotti sseħħ fil-prattika, filwaqt li titqies l-informazzjoni li jipprovdu l-operaturi ekonomiċi meta xieraq. Biex ikun żgurat li dan l-obbligu jkun proporzjonat, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra eżenzjonijiet speċifiċi li skonthom il-qerda ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa xorta tista' tkun permessa, pereżempju fid-dawl ta' tħassib dwar is-saħħa u s-sikurezza. Biex tiġi monitorjata l-effettività ta' din il-projbizzjoni u tiġi diżinċentivata ċ-ċirkomvenzjoni, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkunu meħtieġa jiżvelaw l-għadd ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa li jinqerdu u r-raġunijiet għall-qerda tagħhom skont l-eżenzjonijiet applikabbli. Fl-aħħar nett, biex ikun evitat piż amministrattiv żejjed fuq l-SMEs, jenħtieġ li dawn jiġu eżentati mill-obbligi li jiżvelaw il-prodotti skartati mhux mibjugħa tagħhom u mill-projbizzjoni li jiġu skartati gruppi ta' prodotti speċifiċi stabbiliti f'atti delegati. Madankollu, meta jkun hemm evidenza raġonevoli li l-SMEs jistgħu jintużaw biex jevitaw dawk l-obbligi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' titlob, f'dawk l-atti delegati, għal xi gruppi ta' prodotti, li dawn l-obbligi japplikaw ukoll għal intrapriżi mikro, żgħar jew medji.

(49) L-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jkunu responsabbli għall-konformità tal-prodotti mar-rekwiżiti tal-ekodisinn skont dan ir-Regolament, fir-rigward tar-rwoli rispettivi tagħhom fil-katina tal-provvista, biex ikun żgurat il-moviment liberu ta' dawk il-

[71] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

prodotti fis-suq intern u biex tittejjeb is-sostenibbiltà tagħhom. L-operaturi ekonomiċi li jintervjenu fil-katina tal-provvista u tad-distribuzzjoni jenħtieġ li jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li jagħmlu disponibbli biss fis-suq prodotti li jkunu konformi ma' dan ir-Regolament u mal-atti delegati adottati skont dan.

(50) Il-manifattur, li jkollu konoxxenza dettaljata tad-disinn u tal-proċess tal-produzzjoni, ikun fl-aħjar pożizzjoni li jwettaq il-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità. Il-valutazzjoni tal-konformità jenħtieġ li għalhekk tibqa' biss l-obbligu tal-manifattur.

(51) Biex jitħares il-funzjonament tas-suq intern, jeħtieġ ikun żgurat li l-prodotti minn pajjiżi terzi li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jkunu konformi ma' dan ir-Regolament u mal-atti delegati adottati skont dan, kemm jekk importati bħala prodotti, komponenti, jew prodotti intermedji. B'mod partikolari, jeħtieġ ikun żgurat li l-manifatturi jkunu wettqu proċeduri xierqa ta' valutazzjoni tal-konformità fir-rigward ta' dawk il-prodotti. Għalhekk jenħtieġ li ssir dispożizzjoni għall-importaturi biex ikun żgurat li l-prodotti mqiegħda fis-suq ikunu konformi ma' dawk ir-rekwiżiti u li l-markatura CE u d-dokumentazzjoni mfassla mill-manifatturi jkunu disponibbli għall-ispezzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Jenħtieġ li ssir dispożizzjoni wkoll għall-importaturi biex meta applikabbli jkun żgurat li passaport tal-prodotti jkun disponibbli għal dawk il-prodotti.

(52) Meta jqiegħed prodott fis-suq, kull importatur jenħtieġ li jindika fuq il-prodott ismu, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata kif ukoll l-indirizz postali u, meta disponibbli, mezz elettroniku ta' komunikazzjoni li bih ikun jista' jiġi kkuntattjat. Jenħtieġ li jiġu previsti eċċezzjonijiet f'każijiet meta d-daqs tal-prodott ma jippermettix dawn l-indikazzjonijiet. Dan jinkludi każijiet meta l-importatur ikollu jiftaħ l-imballaġġ biex ipoġġi l-isem u l-indirizz fuq il-prodott jew fejn il-prodott ikun żgħir wisq fid-daqs biex fuqu titwaħħal din l-informazzjoni.

(53) Peress li d-distributur jagħmel prodott disponibbli fis-suq wara li jkun tqiegħed hemmhekk mill-manifattur jew mill-importatur, jenħtieġ li jaġixxi bl-attenzjoni dovuta fir-rigward tar-rekwiżiti applikabbli tal-ekodisinn. Id-distributur jenħtieġ li jiżgura wkoll li t-trattament tiegħu tal-prodott ma jaffettwax ħażin il-konformità tiegħu mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jew mal-atti delegati adottati skont dan.

(54) Billi d-distributuri u l-importaturi huma qrib tas-suq u jaqdu rwol importanti biex jiżguraw il-konformità tal-prodott, jenħtieġ li jkunu involuti fix-xogħol tas-sorveljanza tas-suq li jsir minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u jenħtieġ li jitħejjew biex jipparteċipaw b'mod attiv, billi jagħtu l-informazzjoni kollha neċessarja lil dawk l-awtoritajiet dwar il-prodott ikkonċernat.

(55) Peress li n-negozjant joffri prodott għall-bejgħ, kiri jew lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri, jew juri prodotti lill-klijenti jew lill-installaturi, in-negozjant jeħtieġ jiżgura li l-klijenti tiegħu jkunu jistgħu jaċċessaw b'mod effettiv l-informazzjoni meħtieġa skont dan ir-Regolament, inkluż fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod. B'mod partikolari, dan ir-Regolament jenħtieġ li jirrikjedi li n-negozjanti jiżguraw li l-passaport tal-prodotti jkun aċċessibbli għall-klijenti tagħhom u li t-tikketti jintwerew b'mod ċar, f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli. In-negozjant jenħtieġ li jikkonforma ma' dan l-obbligu kull darba li l-prodott jiġi offrut għall-kiri.

(56) Biex tiġi ffaċilitata l-għażla ta' prodotti aktar sostenibbli, it-tikketti, meta meħtieġ, jenħtieġ li jintwerew b'mod viżibbli u identifikabbli b'mod ċar. Jenħtieġ li jkunu identifikabbli bħala t-tikketta li tappartjeni għall-prodott inkwistjoni, mingħajr ma l-klijent ikollu jaqra l-isem tad-ditta u n-numru tal-mudell fuq it-tikketta. It-tikketti

jenħtieġ li jattiraw l-attenzjoni tal-klijent li jkun qed ifittex il-prodotti murija. Biex ikun żgurat li t-tikketta tkun aċċessibbli għall-klijenti meta jikkunsidraw xiri, kemm in-negozjant kif ukoll l-operatur ekonomiku responsabbli jenħtieġ li juru t-tikketta kull meta jirreklamaw il-prodott, anke f'każijiet ta' bejgħ mill-bogħod, inkluż online.

(57) Kull importatur jew distributur li jqiegħed fis-suq prodott kopert minn att delegat adottat skont dan ir-Regolament bl-isem jew bit-trademark tal-importatur jew tad-distributur stess, jew jimmodifika tali prodott b'tali mod li tista' tiġi affettwata l-konformità ma' dan ir-Regolament jew mal-att delegat rilevanti, jenħtieġ li jitqies bħala l-manifattur u jenħtieġ li jassumi l-obbligi tal-manifattur.

(58) Is-swieq online jaqdu rwol kruċjali fil-katina tal-provvista, li jippermettu lill-operaturi ekonomiċi jilħqu għadd kbir ta' klijenti. Minħabba r-rwol importanti tagħhom fl-intermedjar tal-bejgħ ta' prodotti bejn l-operaturi ekonomiċi u l-klijenti, is-swieq online jenħtieġ li jieħdu r-responsabbiltà li jindirizzaw il-bejgħ ta' prodotti li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-ekodisinn u jenħtieġ li jikkooperaw mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[72] tipprovdi l-qafas ġenerali għall-kummerċ elettroniku u tistabbilixxi ċerti obbligi għall-pjattaformi online. Ir-Regolament […/…] dwar is-Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE[73] jirregola r-responsabbiltà tal-fornituri ta' servizzi intermedjarji online fir-rigward ta' kontenut illegali, inkluż prodotti li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-ekodisinn. Filwaqt li jibnu fuq dan il-qafas ġenerali, jenħtieġ li jiddaħħlu rekwiżiti speċifiċi biex jiġi indirizzat b'mod effettiv il-bejgħ ta' prodotti mhux konformi online.

(59) Hu essenzjali li s-swieq online jikkooperaw mill-qrib mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. L-obbligu ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq hu impost fuq il-fornituri tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[74] fir-rigward ta' prodotti koperti minn dak ir-Regolament, inkluż prodotti li għalihom huma stabbiliti rekwiżiti tal-ekodisinn. Biex tkompli tittejjeb il-kooperazzjoni biex jiġi indirizzat il-kontenut illegali relatat ma' prodotti mhux konformi, dan ir-Regolament jenħtieġ li jinkludi obbligi konkreti biex din il-kooperazzjoni titqiegħed fil-prattika fir-rigward tas-swieq online. Pereżempju, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq qed itejbu b'mod kostanti l-għodod teknoloġiċi li jużaw għas-sorveljanza tas-suq online biex jidentifikaw prodotti mhux konformi mibjugħa online. Biex dawn l-għodod ikunu operazzjonali, is-swieq online jenħtieġ li jagħtu aċċess għall-interfaċċi tagħhom. Barra minn hekk, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jista' jkollhom bżonn ukoll li jikkuppjaw id-*data* mis-swieq online.

(60) L-Artikolu 14(4) tar-Regolament (UE) 2019/1020 jagħti lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq is-setgħa, meta ma jkun hemm l-ebda mezz effettiv ieħor disponibbli, li jneħħu riskju serju, li jirrikjedu t-tneħħija tal-kontenut li jirreferi għall-

---

72 Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1).

73 [Żid referenza meta tiġi adottata l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (COM(2020) 825 final)].

74 Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6/2019, p. 1).

prodotti mhux konformi minn interfaċċa online jew li jirrikjedu l-wiri espliċitu ta' twissija lill-utenti finali meta dawn jaċċessaw interfaċċa online. Is-setgħat fdati lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq mill-Artikolu 14(4) tar-Regolament (UE) 2019/1020 japplikaw ukoll għal dan ir-Regolament. Madankollu, għas-sorveljanza effettiva tas-suq skont dan ir-Regolament u biex ikun evitat li l-prodotti mhux konformi jkunu preżenti fis-suq tal-Unjoni, jenħtieġ li din is-setgħa tapplika fil-każijiet kollha meħtieġa u proporzjonati inkluż għall-prodotti li joħolqu riskju inqas minn serju. Din is-setgħa jenħtieġ li tiġi eżerċitata f'konformità mal-[Artikolu 8] tal-[Att dwar is-Servizzi Diġitali].

(61) L-iżgurar tat-traċċabbiltà ta' prodott tul il-katina kollha tal-provvista jiffaċilita l-kompitu tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jittraċċaw lill-operaturi ekonomiċi li jkunu qiegħdu fis-suq jew li jkunu għamlu disponibbli fis-suq prodotti mhux konformi. Għalhekk, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkunu meħtieġa jżommu l-informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet tagħhom għal ċertu perjodu ta' żmien.

(62) Biex titħaffef u tiġi ffaċilitata l-verifika tal-konformità tal-prodotti mqiegħda fis-suq, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi titlob lill-operaturi ekonomiċi responsabbli, meta meħtieġ, li jagħmlu partijiet speċifiċi tad-dokumentazzjoni teknika disponibbli b'mod diġitali kemm għall-awtoritajiet kompetenti u għall-Kummissjoni. Dan jenħtieġ li jippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jaċċessaw din l-informazzjoni mingħajr talba, filwaqt li jkomplu jiggarantixxu l-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali. Mezzi possibbli biex din l-informazzjoni ssir disponibbli b'mod diġitali jenħtieġ li fil-prinċipju jinkludu passaport tal-prodotti, jew permezz tal-inklużjoni fil-parti tal-konformità tal-bażi tad-*data* dwar il-prodotti msemmija fir-Regolament (UE) 2017/1369, jew fuq sit web tal-operatur ekonomiku. Tali obbligu jenħtieġ li ma jnaqqarx mid-dritt tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jaċċessaw partijiet oħra tad-dokumentazzjoni teknika fuq talba.

(63) Biex tkun tista' ssir stima aħjar tal-penetrazzjoni fis-suq tal-prodotti rilevanti, biex ikollna studji aktar infurmati li jikkontribwixxu għall-abbozzar jew għall-aġġornament tar-rekwiżiti tal-ekodisinn u tal-pjanijiet ta' ħidma, u biex tgħin fl-identifikazzjoni tas-sehem mis-suq ta' gruppi ta' prodotti speċifiċi biex titħaffef il-formulazzjoni jew ir-reviżjoni tar-rekwiżiti tal-ekodisinn, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tirrikjedi l-ġbir ta' *data* adegwata u affidabbli dwar il-bejgħ tal-prodotti, billi tippermetti l-ġbir ta' tali *data* minn jew f'isem il-Kummissjoni direttament mingħand il-manifatturi jew mingħand il-bejjiegħa bl-imnut. Meta tadotta regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis il-ħtieġa li tiġi massimizzata d-*data* disponibbli dwar il-penetrazzjoni tas-suq u l-ħtieġa li jiġi minimizzat il-piż amministrattiv għall-operaturi ekonomiċi.

(64) Biex ittejjeb ir-rekwiżiti futuri tal-ekodisinn u ttejjeb il-fiduċja tal-utenti finali fl-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' devjazzjonijiet bejn il-parametri tal-enerġija fl-użu u parametri oħra tal-prestazzjoni meta mkejla f'kundizzjonijiet ta' ttestjar u l-funzjonament attwali, il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha aċċess għall-konsum reali tal-enerġija tal-prodotti waqt l-użu u meta rilevanti għal parametri oħra tal-prestazzjoni. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tirrikjedi prodotti individwali, b'mod simili għall-vetturi tat-triq, biex tiddetermina l-konsum tal-enerġija waqt l-użu tagħhom u parametri ta' prestazzjoni rilevanti oħra u

turihom lill-utent finali. Għall-prodotti konnessi mal-internet, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tirrikjedi li l-operaturi ekonomiċi jiġbru mill-bogħod tali *data* waqt l-użu u jirrapportawha lill-Kummissjoni, għax hu essenzjali li jiġi identifikat kif jaħdmu l-prodotti u li l-pubbliku jiġi infurmat. Għal prodotti li l-prestazzjoni tagħhom fl-użu tiddependi b'mod sinifikanti wkoll fuq kundizzjonijiet klimatiċi jew ġeografiċi, jenħtieġ li tingħabar, tiġi anonimizzata u rrapportata informazzjoni klimatika jew ġeografika wkoll.

(65) Biex tkun żgurata l-applikazzjoni effettiva u armonizzata tar-rekwiżiti tal-ekodisinn stabbiliti skont dan ir-Regolament, inkluż dwar aspetti bħall-użu jew l-effiċjenza enerġetika, id-durabbiltà u l-affidabbiltà, u l-kontenut riċiklat, il-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti jenħtieġ li titkejjel bl-użu ta' metodi affidabbli, preċiżi u riproduċibbli li jqisu l-metodi l-aktar avvanzati rikonoxxuti b'mod ġenerali. L-atti delegati li jistabbilixxu r-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-prodotti jenħtieġ li fil-prinċipju jinkludu l-ispeċifikazzjonijiet għat-testijiet, il-kejl jew il-kalkoli meħtieġa biex tiġi stabbilita jew ivverifikata l-konformità. Barra minn hekk, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tirrikjedi l-użu ta' għodod online li jirriflettu r-rekwiżiti ta' kalkolu applikabbli, biex tkun żgurata l-applikazzjoni armonizzata tagħhom.

(66) Biex ikun żgurat li r-rekwiżiti tal-ekodisinn jiksbu l-effetti maħsuba tagħhom, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komprensivi u ġenerali, applikabbli għall-prodotti kollha koperti mir-rekwiżiti tal-ekodisinn, li jipprojbixxu ċ-ċirkomvenzjoni ta' tali rekwiżiti. Għalhekk, kwalunkwe prattika li twassal għal bidla mhux ġustifikata fil-prestazzjoni tal-prodott matul l-ittestjar tal-konformità jew f'perjodu qasir wara li l-prodott jitqiegħed fis-servizz, li twassal għal prestazzjoni ddikjarata li tirrappreżenta ħażin il-prestazzjoni attwali tal-prodott waqt l-użu jenħtieġ li tkun ipprojbita.

(67) Meta xieraq, l-atti delegati li jistabbilixxu r-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-prodotti jistgħu jirreferu għall-użu ta' standards biex tiġi stabbilita jew verifikata l-konformità. Biex ikun żgurat li ma jkunx hemm ostakli għall-kummerċ fis-suq intern, jenħtieġ li dawn l-istandards jiġu armonizzati fil-livell tal-Unjoni. Ladarba tkun ġiet adottata referenza għal tali standard f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[75] u ppubblikata *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, prodotti f'konformità ma' tali standards, li għalihom ġew adottati rekwiżiti tal-ekodisinn skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li jitqiesu f'konformità ma' dawk ir-rekwiżiti sal-punt li jkunu koperti mill-istandards armonizzati rilevanti. Bl-istess mod, il-metodi għat-testijiet, il-kejl jew il-kalkolu li jkunu konformi mal-istandards armonizzati jenħtieġ li jitqiesu f'konformità mar-rekwiżiti tat-test, tal-kejl u tal-kalkolu stabbiliti fl-atti delegati rilevanti li jistabbilixxu r-rekwiżiti tal-ekodisinn, sa fejn ikunu koperti mill-istandards armonizzati rilevanti.

(68) Fin-nuqqas ta' standards armonizzati, ir-rikors għal speċifikazzjonijiet komuni jenħtieġ li jintuża bħala soluzzjoni ta' riżerva biex jiġi ffaċilitat l-obbligu tal-manifattur li jikkonforma mar-rekwiżiti tal-ekodisinn, pereżempju meta l-proċess ta'

[75] Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/ KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

standardizzazzjoni jiġi mblukkat minħabba nuqqas ta' kunsens bejn il-partijiet ikkonċernati jew meta jkun hemm dewmien bla bżonn fl-istabbiliment ta' standard armonizzat. Tali dewmien jista' pereżempju jseħħ meta ma tintlaħaqx il-kwalità meħtieġa. Barra minn hekk, ir-rikors għal din is-soluzzjoni jenħtieġ li jkun possibbli meta l-Kummissjoni tkun irrestrinġiet jew irtirat ir-referenzi għall-istandards armonizzati rilevanti f'konformità mal-Artikolu 11(5) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. Il-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet komuni jenħtieġ li twassal ukoll għall-preżunzjoni tal-konformità.

(69) Biex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu juru, u l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jivverifikaw, li l-prodotti mqiegħda fis-suq jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ekodisinn adottati skont dan ir-Regolament, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità xierqa u proporzjonati man-natura tal-prodott ikkonċernat u tal-parametri tal-prodott regolati. Biex tkun żgurata l-koerenza ma' dritt ieħor tal-Unjoni, il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità jenħtieġ li jintgħażlu minn fost il-modulu ta' kontroll intern tal-produzzjoni inkluż f'dan ir-Regolament u l-moduli inklużi fid-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[76], li jvarjaw mill-inqas stretti għall-aktar stretti. Biex ikun żgurat ukoll li l-modulu applikabbli jkun xieraq u proporzjonat għan-natura tal-prodott ikkonċernat u għall-parametri tal-prodott regolati, jenħtieġ li l-Kummissjoni, meta meħtieġ, tadatta l-modulu magħżul fid-dawl ta' dik in-natura.

(70) Jenħtieġ li l-manifatturi jfasslu dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE biex jipprovdu informazzjoni dwar il-konformità tal-prodotti ma' dan ir-Regolament. Il-manifatturi jistgħu jkunu meħtieġa wkoll minn leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni biex ifasslu dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE. Biex ikun żgurat aċċess effettiv għall-informazzjoni għal finijiet ta' sorveljanza tas-suq, jenħtieġ li titfassal dikjarazzjoni ta' konformità unika tal-UE fir-rigward tal-atti kollha tal-Unjoni. Biex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-operaturi ekonomiċi, jenħtieġ li jkun possibbli li dik id-dikjarazzjoni unika ta' konformità tal-UE tkun dossier magħmul minn dikjarazzjonijiet individwali rilevanti ta' konformità.

(71) Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[77] jistipula regoli dwar l-akkreditament tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità, jipprovdi qafas għas-sorveljanza tas-suq tal-prodotti u għall-kontrolli fuq il-prodotti minn pajjiżi terzi, u jistipula l-prinċipji ġenerali tal-markatura CE. Jenħtieġ li dak ir-Regolament ikun applikabbli għall-prodotti koperti minn dan ir-Regolament biex ikun żgurat li l-prodotti li jibbenefikaw mill-moviment liberu tal-merkanzija fl-Unjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti li jipprovdu livell għoli ta' ħarsien ta' interessi pubbliċi bħas-saħħa tal-bniedem, is-sikurezza u l-ambjent. Meta jkunu ġew adottati rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodott, il-markatura CE jenħtieġ li tindika l-konformità ta' dak il-prodott ma' dan ir-Regolament u r-rekwiżiti tal-ekodisinn adottati skont dan, sa fejn dawn ikunu

---

[76] Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tħassar id-Deċiżjoni 93/465/KEE (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82).

[77] Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

relatati mal-prodott. Il-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-markatura CE u r-relazzjoni tagħha ma' markaturi oħra huma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 765/2008. Meta jitqies li dan ir-Regolament jipprevedi l-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn għal firxa kbira ta' prodotti, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi regoli alternattivi jew aktar speċifiċi dwar id-dikjarazzjoni tal-konformità jew il-markatura tal-konformità fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn biex tkun żgurata l-koerenza mar-rekwiżiti skont id-dritt tal-Unjoni applikabbli għall-prodotti koperti, tipprevjeni l-konfużjoni ma' markaturi jew dikjarazzjonijiet oħra u tnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv lill-operaturi ekonomiċi.

(72) Uħud mill-moduli ta' valutazzjoni tal-konformità stabbiliti fid-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE jeħtieġu l-intervent tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità. Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li dawk il-korpi jiġu notifikati lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet tal-Istati Membri.

(73) Biex ikun żgurat livell konsistenti ta' kwalità fit-twettiq tal-valutazzjoni tal-konformità, jeħtieġ li jiġu ffissati rekwiżiti għall-awtoritajiet notifikanti involuti fil-valutazzjoni, fin-notifika u l-monitoraġġ tal-korpi notifikati. B'mod partikolari, jenħtieġ li jkun żgurat li l-awtorità notifikanti tkun oġġettiva u imparzjali fir-rigward tal-attività tagħha. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet notifikanti jkunu meħtieġa jħarsu l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li jiksbu, iżda jenħtieġ ukoll li jkunu jistgħu jiskambjaw informazzjoni dwar il-korpi notifikati mal-awtoritajiet nazzjonali, mal-awtoritajiet notifikanti ta' Stati Membri oħrajn u mal-Kummissjoni biex tkun żgurata l-konsistenza fil-valutazzjoni tal-konformità. Biex jiġu stabbiliti u monitorjati b'mod effettiv il-kompetenza u l-indipendenza tal-korpi applikanti, l-awtoritajiet notifikanti jenħtieġ li jqisu bħala bażi għan-notifika biss il-korp legali preċiż li japplika, mingħajr ma jqisu l-kredenzjali tal-kumpaniji omm jew oħt. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li huma jivvalutaw lill-korpi applikanti skont ir-rekwiżiti rilevanti kollha u l-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità, abbażi ta' standards armonizzati għar-rekwiżiti u l-kompiti koperti minn dawk l-istandards.

(74) Minħabba r-rwol ċentrali tagħhom biex jiżguraw l-affidabbiltà tal-valutazzjonijiet tal-konformità fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn, hu essenzjali li l-awtoritajiet notifikanti jkollhom biżżejjed persunal kompetenti u finanzjament għad-dispożizzjoni tagħhom biex iwettqu l-kompiti tagħhom kif xieraq. Jekk, fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet notifikanti ma jivverifikawx u jimmonitorjaw b'mod effettiv il-korpi notifikati minħabba nuqqas ta' persunal kompetenti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi għadd minimu ta' ekwivalenti full-time li jenħtieġ li jkunu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet notifikanti, meta xieraq fir-rigward ta' kompiti speċifiċi ta' valutazzjoni tal-konformità.

(75) Hu essenzjali li l-korpi notifikati kollha jwettqu l-funzjonijiet tagħhom fl-istess livell u f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ugwali u awtonomija. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti għall-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità li jixtiequ jiksbu l-istatus ta' korp notifikat biex jipprovdu attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità. Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti jkomplu japplikaw biex tinżamm il-kompetenza tal-korp notifikat. Biex tkun żgurata l-awtonomija tiegħu, il-korp notifikat u l-persunal li jimpjega jenħtieġ li jkunu mitluba jżommu l-indipendenza mill-operaturi ekonomiċi fil-katina

tal-valur tal-prodotti li fir-rigward tagħhom ikun ġie notifikat u minn kumpaniji oħra, inkluż assoċjazzjonijiet tan-negozju u kumpaniji prinċipali u sussidjarji.

(76) Jekk korp ta' valutazzjoni tal-konformità juri konformità mal-kriterji stabbiliti fi standards armonizzati, jenħtieġ li jkun preżunt li jikkonforma mar-rekwiżiti korrispondenti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(77) Il-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità sikwit jagħtu b'subappalt partijiet mill-attivitajiet tagħhom marbuta mal-valutazzjoni tal-konformità jew jgħadduh lil sussidjarja. Biex ikun żgurat li l-prodotti mqiegħda fis-suq tal-Unjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ekodisinn, is-sottokuntratturi tal-valutazzjoni tal-konformità u s-sussidjarji jenħtieġ li jissodisfaw l-istess rekwiżiti bħall-korpi notifikati fir-rigward tat-twettiq tal-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità skont dan ir-Regolament.

(78) Biex l-awtoritajiet notifikanti jistabbilixxu u jimmonitorjaw b'mod effettiv il-kompetenza u l-indipendenza tal-korpi applikanti, dawk il-korpi jenħtieġ li jkunu u jibqgħu awtonomi. Għalhekk, ċerti attivitajiet u proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet, kemm fir-rigward tal-valutazzjoni tal-konformità tal-prodotti kif ukoll ta' attivitajiet oħra interni għall-korp notifikat, jenħtieġ li jitwettqu esklussivament mill-korp notifikat individwali nnifsu.

(79) Biex jiġi ffaċilitat il-proċess tal-istabbiliment u l-monitoraġġ tal-kompetenza u tal-indipendenza tal-korpi applikanti, il-korpi applikanti jenħtieġ li jfasslu u jaġġornaw regolarment matriċi tal-kwalifiki. Din il-matriċi jenħtieġ li tqabbel il-persunal u l-kwalifiki tagħhom ma' kompiti speċifiċi ta' valutazzjoni tal-konformità, li jippermettu lill-awtorità notifikanti tivvaluta b'mod aktar effettiv l-adegwatezza tal-persunal u l-awtonomija kontinwa tal-korp notifikat.

(80) Billi s-servizzi offruti mill-korpi notifikati fi Stat Membru jistgħu jkunu relatati ma' prodotti mqiegħda fis-suq fl-Unjoni kollha, l-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni jixraq jingħataw l-opportunità li jqajmu oġġezzjonijiet dwar xi korp notifikat. Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex titlob li l-Istat Membru notifikanti jieħu azzjoni korrettiva fil-każ li korp notifikat ma jissodisfax, jew ma jkunx għadu jissodisfa, ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

(81) Biex teħfief u titħaffef il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità, u jkun żgurat trattament ugwali lill-operaturi ekonomiċi, hu kruċjali li l-korpi notifikati japplikaw il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità b'mod konsistenti u mingħajr ma joħolqu piżijiet żejda lill-operaturi ekonomiċi.

(82) Qabel ma tittieħed deċiżjoni finali dwar jekk il-prodott jistax jingħata ċertifikat ta' konformità, jenħtieġ li l-operatur ekonomiku li jkun jixtieq iqiegħed dak il-prodott fis-suq jitħalla jissupplimenta d-dokumentazzjoni rilevanti darba biss. Din il-limitazzjoni hija meħtieġa biex tiżgura li l-korpi notifikati ma jkunux jistgħu jassistu lill-manifatturi jagħmlu bidliet sakemm tinkiseb il-konformità, għax dan ikun ifisser li s-servizz ipprovdut ikun simili għal servizz ta' konsultazzjoni u fil-prattika jista' jdgħajjef in-natura ta' interess pubbliku tal-kompiti tal-korpi notifikati. Meta xieraq, il-korpi notifikati jenħtieġ li jkunu jistgħu wkoll jirrestrinġu, jissospendu jew jirtiraw kwalunkwe ċertifikat jew deċiżjoni ta' approvazzjoni.

(83) Biex jiġu ffaċilitati l-identifikazzjoni u r-riżoluzzjoni ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità tal-korpi notifikati, tal-manifatturi jew tal-prodotti, il-korpi notifikati jenħtieġ li jgħaddu b'mod proattiv l-informazzjoni rilevanti għad-dispożizzjoni tagħhom lill-awtoritajiet notifikanti jew lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

(84) Hu essenzjali li jkun żgurat skambju effiċjenti ta' informazzjoni bejn il-korpi notifikati u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, inkluż minn Stati Membri oħra. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet notifikanti u l-korpi notifikati jeħtieġ jiżguraw is-segwitu tat-talbiet għall-informazzjoni li jagħmlu l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

(85) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippermetti koordinazzjoni u kooperazzjoni xierqa bejn il-korpi notifikati. Biex tkun żgurata l-applikazzjoni armonizzata tar-rekwiżiti tal-ekodisinn, il-korpi notifikati jenħtieġ li jiddiskutu u jikkoordinaw dwar suġġetti ta' diverġenza possibbli. F'dak il-proċess, jenħtieġ li jieħdu bħala gwida ġenerali kwalunkwe dokument prodott mill-grupp ta' kooperazzjoni amministrattiva magħmul minn awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, kif imsemmi fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (UE) 2019/1020.

(86) Biex il-konsumaturi jiġu inċentivati jagħmlu għażliet sostenibbli, b'mod partikolari meta l-prodotti aktar sostenibbli ma jkunux affordabbli biżżejjed, jenħtieġ li jiġu previsti mekkaniżmi bħall-ekovawċers u t-tassazzjoni ekoloġika. Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jagħmlu użu minn inċentivi biex jippremjaw il-prodotti bl-aħjar prestazzjoni fost dawk li għalihom ġew stabbiliti klassijiet ta' prestazzjoni permezz ta' atti delegati skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li jagħmlu dan billi jimmiraw dawk l-inċentivi lejn l-aktar żewġ klassijiet popolati ta' prestazzjoni, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor mill-att delegat rilevanti. Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li ma jkunux jistgħu jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' prodott abbażi tal-klassi ta' prestazzjoni tiegħu. Għall-istess raġuni, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika aktar liema parametri tal-prodott jew livelli relatati ta' prestazzjoni l-inċentivi tal-Istati Membri jikkonċernaw f'każ li l-ebda klassi ta' prestazzjoni ma tiġi ddeterminata fl-att delegat applikabbli jew meta jiġu stabbiliti klassijiet ta' prestazzjoni fir-rigward ta' aktar minn parametru wieħed tal-prodott. L-introduzzjoni ta' inċentivi tal-Istati Membri jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

(87) L-akkwist pubbliku jammonta għal 14% tal-PDG tal-Unjoni. Biex tikkontribwixxi għall-objettiv li tintlaħaq in-newtralità klimatika, tittejjeb l-effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi u t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari li tipproteġi s-saħħa pubblika u l-bijodiversità, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE biex tirrikjedi, meta xieraq, li l-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti kif definiti fid-Direttiva 2014/24/UE[78] u 2014/25/UE[79] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jallinjaw l-akkwist tagħhom ma' kriterji jew miri speċifiċi tal-akkwist pubbliku ekoloġiku, li jridu jiġu stabbiliti fl-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament. Il-kriterji jew il-miri stabbiliti minn atti delegati għal gruppi ta' prodotti speċifiċi jenħtieġ li jiġu rispettati mhux biss meta jinxtraw direttament dawk il-prodotti f'kuntratti ta' provvista pubblika iżda wkoll f'kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi jew ta' servizzi pubbliċi fejn dawk il-prodotti se jintużaw għal attivitajiet li jikkostitwixxu s-suġġett ta' dawk il-kuntratti. Meta mqabbla ma' approċċ volontarju, kriterji jew miri obbligatorji se jiżguraw li l-ingranaġġ tal-infiq pubbliku biex tingħata

[78] Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

[79] Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

spinta lid-domanda għal prodotti bi prestazzjoni aħjar jiġi massimizzat. Il-kriterji jenħtieġ li jkunu trasparenti, oġġettivi u mhux diskriminatorji.

(88) L-infurzar effettiv tar-rekwiżiti tal-ekodisinn hu essenzjali biex tkun żgurata kompetizzjoni ugwali fis-suq tal-Unjoni u jkun żgurat li jinkisbu l-benefiċċji u l-kontribut mistennija ta' dan ir-Regolament biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni dwar il-klima, l-enerġija u ċ-ċirkolarità. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1020 li jistabbilixxi qafas orizzontali għas-sorveljanza tas-suq u l-kontroll tal-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni japplika għall-prodotti li għalihom huma stabbiliti rekwiżiti tal-ekodisinn skont dan ir-Regolament, sakemm ma jkun hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika bl-istess objettiv, natura jew effett f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, biex jitnaqqsu l-livelli problematiċi ta' nuqqas ta' konformità tal-prodotti koperti mill-miżuri ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva 2009/125/KE, biex ikun evitat aħjar in-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti futuri tal-ekodisinn, u filwaqt li jitqies il-kamp ta' applikazzjoni usa' u ż-żieda fl-ambizzjoni ta' dan ir-Regolament meta mqabbel mad-Direttiva 2009/125/KE, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun fih regoli addizzjonali speċifiċi li jikkumplimentaw il-qafas maħluq mir-Regolament (UE) 2019/1020. Dawk ir-regoli addizzjonali speċifiċi jenħtieġ li jkunu mmirati lejn aktar tisħiħ tal-ippjanar, il-koordinazzjoni u l-appoġġ tal-isforzi tal-Istati Membri u jenħtieġ li jipprovdu għodod addizzjonali għall-Kummissjoni biex tiżgura li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jieħdu azzjoni biżżejjed li tevita n-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-ekodisinn.

(89) Lil hinn mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, anke l-awtoritajiet doganali jaqdu rwol importanti fl-infurzar ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta' oġġetti importati u jistgħu jiddependu fuq ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97[80] għal dak il-għan.

(90) Biex ikun żgurat li jsiru l-kontrolli xierqa fuq skala adegwata rigward ir-rekwiżiti tal-ekodisinn, l-Istati Membri jenħtieġ li jfasslu pjan ta' azzjoni dedikat li jidentifika l-prodotti jew ir-rekwiżiti identifikati bħala prijoritajiet għas-sorveljanza tas-suq skont dan ir-Regolament u l-attivitajiet ippjanati biex jonqos in-nuqqas ta' konformità tal-prodotti rilevanti jew mar-rekwiżiti rilevanti tal-ekodisinn. Meta rilevanti, dan il-pjan ta' azzjoni jenħtieġ li jkun parti mill-istrateġiji nazzjonali ta' sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri adottati skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2019/1020.

(91) Il-prijoritajiet għas-sorveljanza tas-suq skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu identifikati abbażi ta' kriterji oġġettivi bħal-livelli ta' nuqqas ta' konformità osservati jew l-impatti ambjentali li jirriżultaw min-nuqqas ta' konformità. L-attivitajiet ippjanati biex jiġu indirizzati dawk il-prijoritajiet jenħtieġ li min-naħa tagħhom ikunu proporzjonati mal-fatti li jwasslu għall-prijoritizzazzjoni tagħhom. Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tiddetermina l-prodotti u r-rekwiżiti li l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw bħala prijoritajiet għas-sorveljanza tas-suq fil-kuntest tal-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom li jidentifikaw il-prijoritajiet għas-sorveljanza tas-suq skont dan ir-Regolament u l-attivitajiet ippjanati biex jonqas in-nuqqas ta' konformità.

---

[80] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli (ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1).

(92) Meta jiġu osservati livelli problematiċi ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-ekodisinn minkejja l-ippjanar, il-koordinazzjoni u l-appoġġ imsaħħa stabbiliti minn dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tintervjeni biex tiżgura li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq iwettqu kontrolli fuq skala adegwata. Għalhekk, biex jiġi ssalvagwardjat l-infurzar effettiv tar-rekwiżiti tal-ekodisinn, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE biex tistabbilixxi għadd minimu ta' kontrolli li jridu jsiru fuq prodotti jew rekwiżiti speċifiċi. Din is-setgħa jenħtieġ li tkun addizzjonali għall-għoti tas-setgħa fl-Artikolu 11(4) tar-Regolament (UE) 2019/1020.

(93) Abbażi tad-*data* mdaħħla fis-sistema tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni għas-sorveljanza tas-suq, il-Kummissjoni jenħtieġ li tfassal rapport li jkun fih informazzjoni dwar in-natura u l-għadd ta' kontrolli mwettqa, dwar il-livelli ta' nuqqas ta' konformità identifikati u dwar in-natura u s-severità tal-penali imposti fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn matul is-sentejn kalendarji preċedenti. Ir-rapporti jenħtieġ li jkun fihom tqabbil tal-attivitajiet tal-Istati Membri mal-attivitajiet ippjanati u mal-parametri referenzjarji indikattivi għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

(94) Biex tissaħħaħ aktar il-koordinazzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, il-grupp ta' kooperazzjoni amministrattiva ("ADCO") stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2019/1020 jenħtieġ li, għall-finijiet tal-identifikazzjoni tal-prodotti jew tar-rekwiżiti identifikati bħala prijoritajiet għas-sorveljanza tas-suq skont dan ir-Regolament u l-attivitajiet ippjanati biex jonqos in-nuqqas ta' konformità jkun Regolament, jissodisfaw f'intervalli regolari u jidentifikaw prijoritajiet komuni għas-sorveljanza tas-suq li jridu jitqiesu fil-pjanijiet ta' azzjoni tal-Istati Membri, fil-prijoritajiet għall-għoti ta' appoġġ mill-Unjoni, u fir-rekwiżiti tal-ekodisinn li huma interpretati b'mod differenti li jwasslu għal distorsjoni tas-suq.

(95) Biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jiżguraw li titħaddem azzjoni biżżejjed li tevita n-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-ekodisinn, il-Kummissjoni jenħtieġ li, meta rilevanti, tħaddem il-miżuri ta' appoġġ previsti fir-Regolament (UE) 2019/1020. Il-Kummissjoni jenħtieġ li torganizza u, fejn xieraq tiffinanzja, proġetti konġunti ta' sorveljanza tas-suq u ttestjar f'oqsma ta' interess komuni, investimenti konġunti fil-kapaċitajiet ta' sorveljanza tas-suq u taħriġ komuni għall-persunal tal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq, l-awtoritajiet notifikanti u l-korpi notifikati. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tfassal linji gwida dwar kif iridu jiġu applikati u infurzati r-rekwiżiti tal-ekodisinn fejn meħtieġ biex tkun żgurata l-applikazzjoni armonizzata tagħhom.

(96) Il-prodotti jenħtieġ li jitqiegħdu fis-suq biss jekk ma jippreżentawx riskju. Biex ikun hemm allinjament aħjar man-natura speċifika tar-rekwiżiti tal-ekodisinn u biex ikun żgurat li l-fokus tal-isforzi tas-sorveljanza tas-suq ikun fuq in-nuqqas ta' konformità ma' tali rekwiżiti, prodott li jippreżenta riskju jenħtieġ li, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, jiġi definit bħala prodott li, billi ma jikkonformawx ma' rekwiżit tal-ekodisinn jew minħabba li operatur ekonomiku responsabbli ma jikkonformax ma' rekwiżit tal-ekodisinn, jista' jaffettwa b'mod negattiv l-ambjent jew interessi pubbliċi oħra protetti mir-rekwiżiti rilevanti. Din id-definizzjoni aktar speċifika jenħtieġ li tintuża meta jiġu applikati l-Artikoli 19 u 20 tar-Regolament (UE) 2019/1020.

(97) Jenħtieġ li teżisti proċedura li skontha l-partijiet interessati jiġu informati b'miżuri maħsuba li jittieħdu fir-rigward ta' prodotti li jippreżentaw riskju. Jenħtieġ li din tippermetti wkoll lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fl-Istati Membri, b'kooperazzjoni mal-operaturi ekonomiċi rilevanti, jaġixxu fi stadju bikri fir-rigward

ta' tali prodotti. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-klawżola ta' salvagwardja attwalment inkluża fid-Direttiva 2009/125/KE tiġi aġġornata u allinjata mal-proċeduri ta' salvagwardja inklużi f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni u fid-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE. Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tiddetermina jekk il-miżuri nazzjonali fir-rigward tal-prodotti mhux konformi humiex ġustifikati jew le.

(98) L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jitolbu lill-operaturi ekonomiċi jieħdu azzjoni korrettiva abbażi ta' sejbiet li jew prodott ma jkunx konformi mar-rekwiżiti tal-ekodisinn jew li l-operatur ekonomiku jkun kiser ir-regoli dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti jew regoli oħra indirizzati lilu.

(99) Fl-adozzjoni ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-TFUE, hu partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa tul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[81]. B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(100) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward ta': (a) tispeċifika l-arranġamenti ta' implimentazzjoni għall-interkonnessjoni tar-reġistru msemmi fl-Artikolu 12 u l-Iskambju taċ-Ċertifikati tat-Tieqa Unika Doganali tal-UE; (b) tistabbilixxi rekwiżiti komuni għat-tqassim tat-tikketti; (c) tinkludi lista ta' miżuri ta' awtoregolamentazzjoni stabbiliti bħala alternattivi validi għal att delegat adottat skont l-Artikolu 4; (d) tistabbilixxi format għall-iżvelar tal-informazzjoni dwar prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa li jkunu ġew skartati; (e) tistabbilixxi, temenda jew tħassar speċifikazzjonijiet komuni għar-rekwiżiti tal-ekodisinn, ir-rekwiżiti essenzjali għall-passaporti tal-prodotti jew għall-metodi ta' ttestjar, kejl jew kalkolu; (f) tistabbilixxi għadd minimu ta' ekwivalenti full-time meqjusa suffiċjenti għall-monitoraġġ xieraq tal-korpi notifikati; (g) tirrikjedi li Stat Membru jieħu azzjoni korrettiva, inkluż l-irtirar tan-notifika, għal korpi notifikati mhux konformi; (h) telenka l-prodotti jew ir-rekwiżiti li l-Istati Membri jridu tal-anqas iqisu bħala prijoritajiet għas-sorveljanza tas-suq; u (i) tiddeċiedi, skont il-proċedura ta' salvagwardja tal-Unjoni, jekk miżura nazzjonali hijiex ġustifikata jew le. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[82].

(101) Biex tissaħħaħ il-fiduċja fil-prodotti mqiegħda fis-suq, b'mod partikolari fir-rigward tal-fatt li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ekodisinn, il-pubbliku jeħtieġ li jkun żgurat li l-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu prodotti mhux konformi fis-suq ikunu soġġetti għal penali. Għalhekk, fil-liġi nazzjonali, l-Istati Membri jeħtieġ jistabbilixxu penali

---

81 ĠU L123, 12.5. 2016, p. 1.

82 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

effettivi, proporzjonati u dissważivi għan-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament.

(102) Jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament. Skont il-paragrafu 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, jenħtieġ li dik l-evalwazzjoni tkun ibbażata fuq il-ħames kriterji ta' effiċjenza, effettività, rilevanza, koerenza u valur miżjud tal-UE u jenħtieġ li tipprovdi l-bażi għal valutazzjonijiet tal-impatt ta' miżuri ulterjuri possibbli. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-impatt tiegħu fuq is-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti u l-funzjonament tas-suq intern. Fejn xieraq, jenħtieġ li r-rapport ikun akkumpanjat minn proposta biex jiġu emendati d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament.

(103) Ir-rekwiżiti tal-ekodisinn jeħtieġ ikunu japplikaw għall-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' prodotti, u mhux biss għall-prodotti relatati mal-enerġija, u li d-definizzjoni tar-rekwiżiti tal-ekodisinn titwessa' biex tinkludi l-aspetti kollha taċ-ċirkolarità. Minbarra dan, dan ir-Regolament jeħtieġ ikun allinjat mal-Qafas Leġiżlattiv il-Ġdid stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 765/2008 u fid-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE, u jittejbu d-dispożizzjonijiet relatati mas-sorveljanza tas-suq. Id-Direttiva 2009/125/KE jenħtieġ li għalhekk tiġi mibdula. Biex tkun żgurata ċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi kollha mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u biex ikun żgurat ambjent ekwu għan-negozji li joperaw fis-suq intern, id-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu l-obbligi ta' trasparenza relatati mar-rimi ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa, ċirkomvenzjoni, u s-sorveljanza tas-suq, jenħtieġ li tkun ta' applikazzjoni uniformi għall-operaturi kollha madwar l-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 2009/125/KE tiġi sostitwita minn Regolament.

(104) Biex ikunu żgurati ċ-ċertezza legali u l-kontinwità għall-prodotti mqiegħda fis-suq jew fis-servizz f'konformità mal-miżuri ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva 2009/125/KE, fil-verżjoni tagħha applikabbli fid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, dawk il-miżuri jenħtieġ li jibqgħu fis-seħħ wara dik id-data, u sakemm jiġi revokat b'att delegat adottat skont dan ir-Regolament. Għall-istess raġunijiet, għadd ta' dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/125/KE jenħtieġ li jkomplu jkollhom effett sħiħ fil-kuntest tal-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri ta' implimentazzjoni. Dan jikkonċerna b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/125/KE li jeskludu l-mezzi tat-trasport għall-merkanzija jew għall-persuni mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, li tistabbilixxi definizzjonijiet rilevanti għall-miżuri ta' implimentazzjoni, li tistabbilixxi r-responsabbiltajiet tal-operaturi ekonomiċi fir-rigward tal-prodotti mqiegħda fis-suq, l-ispeċifikazzjoni tad-dettalji tal-proċeduri rilevanti ta' valutazzjoni tal-konformità u tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE, l-istabbiliment ta' preżunzjoni ta' konformità għall-prodotti li jkunu ngħataw l-ekotikketta tal-UE u l-iffaċilitar ta' azzjoni meħtieġa fir-rigward tal-istandards armonizzati. Filwaqt li jinnotaw l-importanza li jkun żgurat il-moviment liberu tal-merkanzija, li jiġu pprojbiti prattiki li jbiddlu b'mod illegali l-prestazzjoni tal-prodotti biex jinkiseb riżultat aktar favorevoli u jkun żgurat infurzar xieraq tar-rekwiżiti tal-ekodisinn, id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu applikabbli għall-prodotti relatati mal-enerġija mqiegħda fis-suq skont il-miżuri ta' implimentazzjoni skont id-Direttiva 2009/125/KE.

(105) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li titjieb is-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti u jkun żgurat il-moviment liberu fis-suq intern tal-prodotti li għalihom huma stabbiliti rekwiżiti tal-ekodisinn, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-

Istati Membri, iżda minflok, minħabba l-iskala u l-effetti tagħha, tista' tinkiseb biss fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I - DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas biex tittejjeb is-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti u biex ikun żgurat il-moviment liberu fis-suq intern billi jiġu stabbiliti rekwiżiti tal-ekodisinn li l-prodotti għandhom jissodisfaw biex jitqiegħdu fis-suq jew fis-servizz. Dawk ir-rekwiżiti tal-ekodisinn, li għandhom jiġu elaborati aktar mill-Kummissjoni f'atti delegati, huma relatati ma':

   (a) id-durabbiltà u l-affidabbiltà tal-prodotti;

   (b) l-użu mill-ġdid tal-prodotti;

   (c) it-titjib fil-kwalità tal-prodotti, il-possibbiltà ta' tiswija, il-manutenzjoni u r-rinnovazzjoni;

   (d) il-preżenza ta' sustanzi ta' tħassib fil-prodotti;

   (e) l-effiċjenza enerġetika u fir-riżorsi tal-prodotti;

   (f) il-kontenut riċiklat fil-prodotti;

   (g) il-manifattura mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-prodotti;

   (h) il-marki tal-karbonju u ambjentali tal-prodotti;

   (i) il-ġenerazzjoni mistennija ta' materjali ta' skart tal-prodotti.

   Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll passaport diġitali tal-prodotti ("passaport tal-prodotti"), jipprevedi l-istabbiliment ta' kriterji obbligatorji ta' akkwist pubbliku ekoloġiku u joħloq qafas biex jevita li jiġu meqruda l-prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għal kwalunkwe oġġett fiżiku li jitqiegħed fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz, inkluż komponenti u prodotti intermedji. Madankollu, m'għandux japplika għal:

   (a) ikel kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002;

   (b) għalf kif definit fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002;

   (c) prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem kif definiti fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2001/83/KE;

   (d) prodotti mediċinali veterinarji kif definiti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2019/6;

   (e) pjanti ħajjin, annimali u mikroorganiżmi;

   (f) prodotti ta' oriġini umana;

(g) prodotti ta’ pjanti u annimali relatati direttament mar-riproduzzjoni futura tagħhom.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) “prodott” tfisser kwalunkwe oġġett fiżiku li jitqiegħed fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz;

(2) “komponent” tfisser prodott maħsub biex jiġi inkorporat fi prodott ieħor;

(3) “prodott intermedju” tfisser prodott li jeħtieġ aktar manifattura jew trasformazzjoni bħat-taħlit, il-kisi jew l-assemblaġġ biex ikun adattat għall-utenti finali;

(4) “prodott relatat mal-enerġija” tfisser kwalunkwe prodott li jkollu impatt fuq il-konsum tal-enerġija waqt l-użu;

(5) “grupp ta’ prodotti” tfisser sett ta’ prodotti li jaqdu finijiet simili u huma simili f’termini ta’ użu, jew li għandhom proprjetajiet funzjonali simili, u huma simili f’termini ta’ perċezzjoni tal-konsumatur;

(6) “ekodisinn” tfisser l-integrazzjoni ta’ kunsiderazzjonijiet ta’ sostenibbiltà ambjentali fil-karatteristiċi ta’ prodott u fil-proċessi li jseħħu tul il-katina tal-valur tal-prodott;

(7) “rekwiżit tal-ekodisinn” tfisser rekwiżit ta’ prestazzjoni jew rekwiżit ta’ informazzjoni li għandu l-għan li jagħmel prodott aktar sostenibbli mil-lat ambjentali;

(8) “rekwiżit ta’ prestazzjoni” tfisser rekwiżit kwantitattiv jew mhux kwantitattiv għal prodott jew b’rabta miegħu biex jinkiseb ċertu livell ta’ prestazzjoni fir-rigward ta’ parametru tal-prodott imsemmi fl-Anness I;

(9) “rekwiżit ta’ informazzjoni” tfisser obbligu li prodott ikun akkumpanjat minn informazzjoni kif speċifikat fl-Artikolu 7(2);

(10) “katina tal-provvista” tfisser l-attivitajiet u l-proċessi upstream kollha tal-katina tal-valur tal-prodott, sal-punt fejn il-prodott jilħaq l-utent finali;

(11) “katina tal-valur” tfisser l-attivitajiet u l-proċessi kollha li huma parti miċ-ċiklu tal-ħajja ta’ prodott, kif ukoll il-manifattura mill-ġdid possibbli tiegħu;

(12) “ċiklu tal-ħajja” tfisser l-istadji konsekuttivi u interkonnessi tal-ħajja ta’ prodott, li jikkonsistu fl-akkwist jew il-ġenerazzjoni ta’ materja prima minn riżorsi naturali, l-ipproċessar minn qabel, il-manifattura, il-ħżin, id-distribuzzjoni, l-installazzjoni, l-użu, il-manutenzjoni, it-tiswija, it-titjib, ir-rinnovazzjoni u l-użu mill-ġdid, u t-tmiem tal-ħajja;

(13) “tmiem tal-ħajja” tfisser l-istadju taċ-ċiklu tal-ħajja li jibda meta prodott jintrema u jintemm meta l-prodott jiġi rritornat lin-natura bħala prodott tal-iskart jew jidħol fiċ-ċiklu tal-ħajja ta’ prodott ieħor;

(14) “impatt ambjentali” tfisser kull bidla fl-ambjent kemm jekk avversa kif ukoll jekk ta’ benefiċċju, li tirriżulta b’mod sħiħ jew parzjali mill-prodott matul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu;

(15) “klassi ta’ prestazzjoni” tfisser firxa ta’ livelli ta’ prestazzjoni fir-rigward ta’ parametru ta’ prodott wieħed jew aktar imsemmija fl-Anness I, ordnati fi stadji suċċessivi biex jippermettu d-differenzjazzjoni tal-prodott;

(16) “manifattura” tfisser proċess industrijali li fih prodott jiġi prodott minn oġġetti li huma skart, prodotti jew komponenti u li fih issir mill-inqas bidla waħda fil-prodott li taffettwa s-sikurezza, il-prestazzjoni, l-iskop jew it-tip tal-prodott li tipikament jitqiegħed fis-suq b’garanzija kummerċjali;

(17) “titjib” tfisser it-titjib tal-funzjonalità, tal-prestazzjoni, tal-kapaċità jew tal-estetika ta’ prodott;

(18) “rinnovazzjoni” tfisser it-tħejjija jew il-modifika ta’ oġġett li hu skart jew prodott biex il-prestazzjoni jew il-funzjonalità tiegħu jiġu restawrati fl-użu maħsub, fil-firxa ta’ prestazzjoni u ta’ manutenzjoni oriġinarjament maħsuba fl-istadju tad-disinn, jew li jissodisfaw l-istandards tekniċi jew ir-rekwiżiti regolatorji applikabbli, bir-riżultat li prodott isir kompletament funzjonali;

(19) “manutenzjoni” tfisser azzjoni mwettqa biex prodott jinżamm f’kundizzjoni biex ikun jista’ jiffunzjona kif meħtieġ;

(20) “tiswija” tfisser li prodott difettuż jew skart jitreġġa’ lura f’kundizzjoni biex jissodisfa l-użu maħsub tiegħu;

(21) “durabbiltà” tfisser il-kapaċità ta’ prodott li jiffunzjona kif meħtieġ, f’kundizzjonijiet speċifikati ta’ użu, manutenzjoni u tiswija, sakemm xi avveniment limitanti jwaqqaf il-funzjonament tiegħu;

(22) “affidabbiltà” tfisser il-probabbiltà li prodott jiffunzjona kif meħtieġ f’kundizzjonijiet partikolari għal durata partikolari mingħajr avveniment limitanti;

(23) “impronta ambjentali” tfisser kwantifikazzjoni tal-impatti ambjentali ta’ prodott, kemm jekk b’rabta ma’ kategorija waħda ta’ impatt ambjentali kif ukoll ma’ sett aggregat ta’ kategoriji tal-impatt abbażi tal-metodu tal-Impronta Ambjentali tal-Prodott;

(24) “metodu tal-Impronta Ambjentali tal-Prodott” tfisser il-metodu ta’ valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja biex jiġu kkwantifikati l-impatti ambjentali tal-prodotti stabbilit bir-Rakkomandazzjoni (UE) 2021/2279;

(25) “impronta tal-karbonju” tfisser is-somma tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra (GHG) u tal-assorbimenti ta’ gassijiet serra f’sistema ta’ prodotti, espressa bħala ekwivalenti ta’ CO_2 u bbażata fuq valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja bl-użu tal-kategorija tal-impatt unika tat-tibdil fil-klima;

(26) “kuntratti pubbliċi” tfisser kuntratti pubbliċi kif definiti fl-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2014/24/UE;

(27) “sustanza” tfisser sustanza kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (1), tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006;

(28) “sustanza ta’ tħassib” tfisser sustanza li:

(a) tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 57 u tiġi identifikata f’konformità mal-Artikolu 59(1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006; jew

(b) li hija klassifikata fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 f’waħda mill-klassijiet ta’ periklu jew kategoriji ta’ periklu li ġejjin:

– il-kategoriji 1 u 2 tal-karċinoġeniċità,

– il-kategoriji 1 u 2 tal-mutaġeniċità għaċ-ċelloli ġerminali,

– il-kategoriji 1 u 2 tat-tossiċità riproduttiva, [*għandhom jiżdiedu matul il-proċedura leġiżlattiva ladarba r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 ikun fih dawn il-klassijiet ta' periklu: Persistenti, Bijoakkumulattiv u Tossiku (PBTs), Persistenza għolja u Bijoakkumulazzjoni għolja (vPvBs); Persistenti, Mobbli u Tossiku (PMT), Persistenza għolja u Mobbiltà għolja (vPvM); Tfixkil endokrinali*],

– sensitizzazzjoni respiratorja tal-kategorija 1,

– sensitizzazzjoni tal-ġilda tal-kategorija 1,

– periklu kroniku għall-ambjent akkwatiku tal-kategoriji 1 sa 4,

– perikoluż għas-saff tal-ożonu,

– tossiċità speċifika għall-organi fil-mira – esponiment ripetut tal-kategoriji 1 u 2,

– tossiċità speċifika għall-organi speċifiċi – esponiment uniku tal-kategoriji 1 u 2; jew

(c) taffettwa b'mod negattiv l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-materjali fil-prodott li fih ikun preżenti;

(29) "passaport tal-prodotti" tfisser sett ta' *data* speċifika għal prodott li tinkludi l-informazzjoni speċifikata fl-att delegat applikabbli adottat skont l-Artikolu 4 u li tkun aċċessibbli permezz ta' mezzi elettroniċi permezz ta' mezz ta' *data* f'konformità mal-Kapitolu III;

(30) "mezz ta' *data*" tfisser simbolu tal-barcode lineari, simbolu bidimensjonali jew mezz ieħor għall-ġbir awtomatiku tad-*data* ta' identifikazzjoni li jista' jinqara minn apparat;

(31) "identifikatur uniku tal-prodott" tfisser sekwenza unika ta' karattri għall-identifikazzjoni ta' prodotti li tippermetti wkoll link web għall-passaport tal-prodotti;

(32) "identifikatur uniku tal-operatur" tfisser sekwenza unika ta' karattri għall-identifikazzjoni tal-atturi involuti fil-katina tal-valur tal-prodotti;

(33) "identifikatur uniku tal-faċilità" tfisser sekwenza unika ta' karattri għall-identifikazzjoni ta' postijiet jew bini involuti fil-katina tal-valur ta' prodott jew użati minn atturi involuti fil-katina tal-valur ta' prodott;

(34) "pproċessar" tfisser l-ipproċessar kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (2), tar-Regolament (UE) 2018/1807;

(35) "qerda" tfisser il-ħsara jew ir-rimi intenzjonati ta' prodott bħala skart bl-eċċezzjoni tar-rimi għall-iskop uniku li jiġi pprovdut prodott għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid jew għall-operazzjonijiet ta' manifattura mill-ġdid;

(36) "prodott tal-konsumatur" tfisser kwalunkwe prodott, minbarra l-komponenti u l-prodotti intermedji, primarjament maħsuba għall-konsumaturi kif iddefiniti fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/771;

(37) "prodott tal-konsumatur mhux mibjugħ" tfisser kwalunkwe prodott tal-konsumatur li ma nbiegħx jew li jkun ġie rritornat minn konsumatur fid-dawl tad-dritt ta' rtirar tagħhom f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2011/83/UE;

(38) “miżura ta’ awtoregolamentazzjoni” tfisser ftehim volontarju jew kodiċi ta’ kondotta, konkluż mis-setturi tal-industrija fuq inizjattiva tagħhom stess, li huma responsabbli għall-infurzar tagħhom;

(39) “tqegħid għad-dispożizzjoni fis-suq” tfisser kwalunkwe provvista ta’ prodott għad-distribuzzjoni, il-konsum jew l-użu fis-suq tal-Unjoni matul l-attività kummerċjali, kemm jekk issir bi ħlas kif ukoll mingħajru;

(40) “introduzzjoni fis-suq” tfisser li prodott jitqiegħed għall-ewwel darba fis-suq tal-Unjoni;

(41) “tqegħid fis-servizz” tfisser l-ewwel użu ta’ prodott fl-Unjoni għall-għan maħsub tiegħu;

(42) “manifattur” tfisser persuna fiżika jew ġuridika li timmanifattura prodott jew li għandha tali prodott iddisinjat jew manifatturat, u tikkummerċjalizza dak il-prodott b’isimha jew bit-trademark tagħha jew, fin-nuqqas ta’ tali persuna jew importatur, persuna fiżika jew ġuridika li tqiegħed fis-suq jew tqiegħed fis-servizz prodott;

(43) “rappreżentant awtorizzat” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tkun irċeviet mandat bil-miktub mingħand il-manifattur biex jaġixxi f’isimha b’relazzjoni għal kompiti speċifikati fir-rigward tal-obbligi tal-manifattur skont dan ir-Regolament;

(44) “importatur” tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tqiegħed prodott minn pajjiż terz fis-suq tal-Unjoni;

(45) “distributur” tfisser persuna fiżika jew ġuridika fil-katina ta’ provvista, li mhix il-manifattur jew l-importatur, u li tagħmel il-prodott disponibbli fis-suq;

(46) “operatur ekonomiku” tfisser il-manifattur, ir-rappreżentant awtorizzat, l-importatur, id-distributur, in-negozjant u l-fornitur tas-servizzi ta’ ġestjoni;

(47) “speċifikazzjoni teknika” tfisser dokument li jippreskrivi r-rekwiżiti tekniċi li għandhom jiġu ssodisfati minn prodott, proċess jew servizz;

(48) “standard armonizzat” tfisser standard kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

(49) “markatura CE” tfisser markatura li biha l-manifattur jindika li l-prodott rilevanti hu konformi mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni ta’ armonizzazzjoni tal-Unjoni li tipprovdi għat-twaħħil tagħha;

(50) “akkreditament” tfisser akkreditament kif definit fl-Artikolu 2(10) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008;

(51) “korp nazzjonali ta’ akkreditament” tfisser korp nazzjonali ta’ akkreditament kif definit fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008;

(52) “valutazzjoni tal-konformità” tfisser il-proċess li juri jekk ir-rekwiżiti stabbiliti fl-atti delegati rilevanti adottati skont l-Artikolu 4 ġewx issodisfati;

(53) “korp ta’ valutazzjoni tal-konformità” tfisser korp li jwettaq attivitajiet ta’ valutazzjoni tal-konformità inkluż il-kalibrar, l-ittestjar, iċ-ċertifikazzjoni u l-ispezzjoni;

(54) “korp notifikat” tfisser korp ta’ valutazzjoni tal-konformità notifikat f’konformità mal-Kapitolu IX ta’ dan ir-Regolament;

(55) “suq online” tfisser fornitur ta’ servizz intermedjarju li juża software, inkluż sit web, parti minn sit web jew applikazzjoni, li jippermetti lill-klijenti jikkonkludu kuntratti mill-bogħod ma’ operaturi ekonomiċi għall-bejgħ ta’ prodotti koperti minn atti delegati adottati skont l-Artikolu 4;

(56) “negozjant” tfisser bejjiegħ bl-imnut jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra li toffri prodotti għall-bejgħ, għall-kiri jew għal-lokazzjoni b’opzjoni ta’ xiri, jew tqiegħed għall-wiri prodotti għal klijenti matul attività kummerċjali, sew jekk bi ħlas u sew jekk le;

(57) “bejgħ mill-bogħod” tfisser l-offerta għall-bejgħ, għall-kiri jew għal-lokazzjoni b’opzjoni ta’ xiri ta’ prodotti, online jew permezz ta’ mezzi oħra ta’ bejgħ mill-bogħod, li biha l-klijent potenzjali ma jkunx jista’ jaċċessa fiżikament il-prodott muri;

(58) “prodott li jippreżenta riskju” tfisser prodott li, billi ma jikkonformax ma’ rekwiżit stabbilit f’dan ir-Regolament jew skont dan ir-Regolament għajr dawk elenkati fl-Artikolu 65(1), jista’ jaffettwa b’mod negattiv l-ambjent jew interessi pubbliċi oħra protetti minn dak ir-rekwiżit;

(59) “prodott li jippreżenta riskju serju” tfisser prodott li jippreżenta riskju li, abbażi ta’ valutazzjoni, il-grad tan-nuqqas ta’ konformità rilevanti jew il-ħsara assoċjata titqies li teħtieġ intervent rapidu mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, inkluż każijiet meta l-effetti tan-nuqqas ta’ konformità ma jkunux immedjati.

Barra minn hekk, id-definizzjonijiet ta’ “skart”, “skart perikoluż”, “użu mill-ġdid”, “irkupru”, “tħejjija għall-użu mill-ġdid” u “riċiklaġġ” fl-Artikolu 3, il-punti (1), (2), (13), (15), (16) u (17), tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[83] għandhom japplikaw.

Id-definizzjonijiet ta’ “sorveljanza tas-suq”, “awtorità tas-sorveljanza tas-suq”, “fornitur tas-servizzi ta’ ġestjoni”, “interfaċċa online”, “azzjoni korrettiva”, “utent finali”, “sejħa lura”, “irtirar”, “awtoritajiet doganali” u “rilaxx għal ċirkolazzjoni libera” fl-Artikolu 3, il-punti (3), (4), (11), (15), (16), (21), (22), (23), (24) u (25), tar-Regolament (UE) 2019/1020 għandhom japplikaw ukoll.

Għandhom japplikaw ukoll id-definizzjonijiet ta’ “SMEs”, “intrapriżi żgħar” u “mikrointrapriżi” fl-Artikolu 2(1), (2) u (3) tal-Anness I tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[84].

Artikolu 3

Moviment liberu

1. Il-prodotti għandhom jitqiegħdu fis-suq jew jitqiegħdu fis-servizz biss jekk jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ekodisinn stabbiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 applikabbli għal dawk il-prodotti.

2. L-Istati Membri ma għandhomx jipprojbixxu, jillimitaw jew ixekklu t-tqegħid fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz ta’ prodotti konformi mar-rekwiżiti tal-prestazzjoni stabbiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 minħabba nuqqas ta’ konformità

[83] Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

[84] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta’ Mejju 2003 rigward id-definizzjoni ta’ intrapriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

mar-rekwiżiti nazzjonali tal-prestazzjoni relatati mal-parametri tal-prodott imsemmija fl-Anness I koperti mir-rekwiżiti tal-prestazzjoni inklużi f'tali atti delegati.

L-Istati Membri ma għandhomx jipprojbixxu, jillimitaw jew ixekklu t-tqegħid fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz ta' prodotti li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-informazzjoni stabbiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 minħabba nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti nazzjonali tal-informazzjoni relatati mal-parametri tal-prodott imsemmija fl-Anness I koperti mir-rekwiżiti tal-informazzjoni inklużi f'tali att delegat.

3. Il-paragrafu 2 ma għandux jipprevjeni lill-Istati Membri milli jistabbilixxu rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija f'konformità mal-Artikolu 4(1) u mar-rekwiżiti tas-sistema f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[85].

4. L-Istati Membri ma għandhomx jipprojbixxu, jillimitaw jew ixekklu t-tqegħid fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz ta' prodotti għal raġunijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti nazzjonali relatati mal-parametri tal-prodott imsemmija fl-Anness I, li għalih att delegat adottat skont l-Artikolu 4 jipprevedi li mhu meħtieġ l-ebda rekwiżit tal-prestazzjoni, tal-informazzjoni jew la tal-prestazzjoni u lanqas tal-informazzjoni.

5. Fil-fieri, fil-wirjiet u f'avvenimenti simili, l-Istati Membri ma għandhomx iwaqqfu l-wiri ta' prodotti li ma jkunux konformi mal-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4, meta b'sinjal viżibbli b'mod ċar jiġi indikat li tali prodotti mhumiex konformi, u mhumiex għall-bejgħ qabel isiru konformi.

KAPITOLU II - REKWIŻITI TAL-EKODISINN

Artikolu 4

Setgħa li tadotta atti delegati

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 66 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għal, jew fir-rigward ta', prodotti biex ittejjeb is-sostenibbiltà ambjentali tagħhom. Dawk ir-rekwiżiti għandhom jinkludu l-elementi elenkati fl-Anness VI u għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-Artikoli 5, 6 u 7 u mal-Kapitolu III. Is-setgħa li jiġu adottati rekwiżiti tal-ekodisinn tinkludi s-setgħa li jiġi stabbilit li mhu meħtieġ l-ebda rekwiżit tal-prestazzjoni, l-ebda rekwiżit tal-informazzjoni jew l-ebda rekwiżit la tal-prestazzjoni u lanqas tal-informazzjoni mhu meħtieġ għal ċerti parametri speċifikati tal-prodott imsemmija fl-Anness I.

Meta tistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn fl-atti delegati msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tissupplimenta wkoll dan ir-Regolament billi tispeċifika l-proċeduri applikabbli ta' valutazzjoni tal-konformità minn fost il-moduli stabbiliti fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament u fl-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE, bl-adattamenti meħtieġa fid-dawl tar-rekwiżiti tal-prodott jew tal-ekodisinn ikkonċernati, f'konformità mal-Artikolu 36.

L-atti delegati msemmija fl-ewwel subparagrafu jistgħu wkoll jissupplimentaw dan ir-Regolament billi:

[85] Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

(a) jirrikjedu li l-manifatturi, ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom jew l-importaturi jagħmlu partijiet mid-dokumentazzjoni teknika relatata mal-prodott rilevanti disponibbli b'mod diġitali għall-Kummissjoni jew għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq mingħajr talba, f'konformità mal-Artikolu 30(3);

(b) jirrikjedu li l-manifatturi, ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom jew l-importaturi jagħmlu disponibbli lill-Kummissjoni informazzjoni dwar il-kwantitajiet ta' prodott kopert minn dawk l-atti delegati mqiegħda fis-suq jew fis-servizz, f'konformità mal-Artikolu 31(1);

(c) jirrikjedu li l-prodotti mqiegħda fis-suq ikunu jistgħu jkejlu l-enerġija li jikkonsmaw jew il-prestazzjoni tagħhom fir-rigward ta' parametri rilevanti oħra tal-prodott imsemmija fl-Anness I waqt l-użu, f'konformità mal-Artikolu 31(2);

(d) jirrikjedu li l-manifatturi, ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom jew l-importaturi jiġbru, janonimizzaw, jew jirrapportaw lill-Kummissjoni d-*data* waqt l-użu msemmija fil-punt (c), f'konformità mal-Artikolu 31(3);

(e) jirrikjedu l-użu ta' għodod online biex tiġi kkalkolata l-prestazzjoni ta' prodott fir-rigward ta' parametru tal-prodott imsemmi fl-Anness I, f'konformità mal-Artikolu 32(2);

(f) jispeċifikaw regoli alternattivi dwar id-dikjarazzjoni ta' konformità jew markaturi li jindikaw il-konformità mar-rekwiżiti tal-ekodisinn permezz ta' deroga mill-Artikoli 37 u 39, f'konformità mal-Artikolu 40;

(g) jispeċifikaw regoli biex jidderieġu l-inċentivi tal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 57;

(h) jistabbilixxu rekwiżiti applikabbli għall-kuntratti pubbliċi, inkluż l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u r-rapportar ta' dawk ir-rekwiżiti mill-Istati Membri. Dawk ir-rekwiżiti għandhom ikunu bbażati fuq il-parametri tal-prodott imsemmija fl-Anness I u stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 58.

Artikolu 5

Rekwiżiti tal-ekodisinn

1. Il-Kummissjoni għandha, kif xieraq għall-gruppi ta' prodotti rilevanti u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, tistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn biex ittejjeb l-aspetti tal-prodott li ġejjin:

   (a) id-durabbiltà;

   (b) l-affidabbiltà;

   (c) l-użu mill-ġdid;

   (d) it-titjib fil-kwalità;

   (e) il-possibbiltà ta' tiswija;

   (f) il-possibbiltà ta' manutenzjoni u ta' rinnovazzjoni;

   (g) il-preżenza ta' sustanzi ta' tħassib;

   (h) l-użu tal-enerġija jew l-effiċjenza enerġetika;

   (i) l-użu tar-riżorsi jew l-effiċjenza fir-riżorsi;

(j) il-kontenut irriċiklat;

(k) il-possibbiltà ta' manifattura mill-ġdid u riċiklaġġ;

(l) il-possibbiltà ta' rkupru tal-materjali;

(m) l-impatti ambjentali, inkluż l-impronta tal-karbonju u ambjentali;

(n) il-ġenerazzjoni mistennija ta' materjali ta' skart.

2. Ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għandhom jiġu stabbiliti għal grupp ta' prodotti speċifiku.

Madankollu, meta żewġ gruppi ta' prodotti jew aktar juru xebh tekniku li jippermetti titjib tal-aspett tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 abbażi ta' rekwiżit komuni, ir-rekwiżiti tal-ekodisinn jistgħu jiġu stabbiliti orizzontalment għal dawk il-gruppi ta' prodotti.

Rekwiżit orizzontali tal-ekodisinn stabbilit skont it-tieni subparagrafu jista' jkopri prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' miżura ta' awtoregolamentazzjoni stabbilita bħala alternattiva valida skont l-Artikolu 18(3), fejn il-Kummissjoni tqis li dik il-miżura ta' awtoregolamentazzjoni ma tindirizzax l-aspett tal-prodott kopert minn dak ir-rekwiżit orizzontali tal-ekodisinn.

3. Ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għandhom, kif xieraq, jinkludu:

(a) ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 6;

(b) ir-rekwiżiti tal-informazzjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 7.

4. Meta tkun qed tħejji r-rekwiżiti tal-ekodisinn, il-Kummissjoni għandha:

(a) tqis l-elementi li ġejjin:

(i) il-prijoritajiet tal-Unjoni dwar il-klima, l-ambjent u l-effiċjenza enerġetika u prijoritajiet oħra relatati tal-Unjoni;

(ii) il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, inkluż sa liema punt tindirizza l-aspetti rilevanti tal-prodott elenkati fil-paragrafu 1;

(iii) il-miżuri ta' awtoregolamentazzjoni, kif previsti fl-Artikolu 18;

(iv) il-leġiżlazzjoni ambjentali nazzjonali rilevanti;

(v) l-istandards Ewropej u internazzjonali rilevanti;

(b) twettaq valutazzjoni tal-impatt ibbażata fuq l-aħjar evidenza u analiżi disponibbli, u kif xieraq fuq studji u riżultati tar-riċerka addizzjonali prodotti permezz ta' programmi ta' finanzjament Ewropej. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-profondità tal-analiżi tal-aspetti tal-prodott elenkati fil-paragrafu 1 tkun proporzjonata għas-sinifikat tagħhom. L-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn dwar l-aktar aspetti sinifikanti ta' prodott fost dawk elenkati fil-paragrafu 1 ma għandux jiġi mdewwem bla bżonn minn inċertezzi dwar il-possibbiltà li jiġu stabbiliti rekwiżiti tal-ekodisinn biex jittejbu aspetti oħra ta' dak il-prodott;

(c) tqis l-informazzjoni teknika rilevanti użata bħala bażi għal jew derivata minn leġiżlazzjoni jew strumenti tal-Unjoni, inkluż ir-Regolament (KE) Nru 66/2010, id-Direttiva 2010/75/UE, il-kriterji tekniċi ta' skrinjar adottati skont ir-Regolament (UE) 2020/852 u l-kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku;

(d) jqisu l-fehmiet espressi mill-Forum dwar l-Ekodisinn imsemmi fl-Artikolu 17.

5. Ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għandhom jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

(a) ma għandu jkun hemm ebda impatt negattiv sinifikanti fuq il-funzjonalità tal-prodott, mill-perspettiva tal-utent;

(b) ma għandu jkun hemm l-ebda effett negattiv fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-persuni;

(c) ma għandu jkun hemm l-ebda impatt negattiv sinifikanti fuq il-konsumaturi f'termini tal-affordabbiltà tal-prodotti rilevanti, filwaqt li jitqies ukoll l-aċċess għall-prodotti użati, id-durabbiltà u l-kost taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti;

(d) ma għandu jkun hemm l-ebda impatt negattiv sproporzjonat fuq il-kompetittività tal-atturi ekonomiċi, tal-anqas tal-SMEs;

(e) ma għandu jkun hemm l-ebda teknoloġija proprjetarja imposta fuq il-manifatturi jew fuq atturi ekonomiċi oħra;

(f) ma għandu jkun hemm l-ebda piż amministrattiv sproporzjonat fuq il-manifatturi jew fuq atturi ekonomiċi oħra.

6. Il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tirrikjedi li l-atturi tal-katina tal-provvista:

(a) jipprovdu, fuq talba, lill-manifatturi, lill-korpi notifikati u lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bl-informazzjoni disponibbli relatata mal-provvisti jew mas-servizzi tagħhom li tkun rilevanti biex tiġi verifikata l-konformità mar-rekwiżiti tal-ekodisinn;

(b) jippermettu, fin-nuqqas ta' informazzjoni msemmija fil-punt (a), lill-manifatturi jivvalutaw il-provvisti jew is-servizzi tagħhom biex jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti tal-ekodisinn u jagħtu aċċess għad-dokumenti jew għall-faċilitajiet rilevanti lil dawk il-manifatturi;

(c) jippermettu lill-korpi notifikati u lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jivverifikaw il-korrettezza tal-informazzjoni relatata mal-attivitajiet tagħhom u rilevanti għall-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti tal-ekodisinn.

7. Il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tidentifika mezzi xierqa ta' verifika għal rekwiżiti speċifiċi tal-ekodisinn, inkluż direttament fuq il-prodott jew fuq il-bażi tad-dokumentazzjoni teknika.

8. Il-Kummissjoni għandha tippubblika studji u analiżijiet rilevanti użati fl-istabbiliment tar-rekwiżiti tal-ekodisinn f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Rekwiżiti tal-prestazzjoni

1. Il-prodotti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-prestazzjoni relatati mal-aspetti tal-prodott elenkati fl-Artikolu 5(1), kif stabbilit fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4.

2. Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu bbażati fuq il-parametri tal-prodott imsemmija fl-Anness I u għandhom, kif xieraq, jinkludu:

(a) livelli minimi jew massimi fir-rigward ta' parametru speċifiku tal-prodott imsemmi fl-Anness I jew taħlita tagħhom;

(b) rekwiżiti mhux kwantitattivi li għandhom l-għan li jtejbu l-prestazzjoni fir-rigward ta' parametru wieħed jew aktar tal-prodott imsemmi fl-Anness I;

(c) rekwiżiti relatati mal-prestazzjoni funzjonali ta' prodott.

3. Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni bbażati fuq il-parametru tal-prodott stabbilit fil-punt (f) tal-Anness I, ma għandhomx jirrestringu l-preżenza ta' sustanzi fi prodotti għal raġunijiet relatati primarjament mas-sikurezza kimika.

4. Meta tistabbilixxi r-rekwiżiti ta' prestazzjoni, il-Kummissjoni għandha ssegwi l-proċedura stabbilita fl-Anness II.

Artikolu 7

Rekwiżiti ta' informazzjoni

1. Il-prodotti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' informazzjoni relatati mal-aspetti tal-prodott elenkati fl-Artikolu 5(1), kif stabbilit fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4.

2. Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom:

(a) jinkludu, bħala minimu, rekwiżiti relatati mal-passaport tal-prodotti msemmija fil-Kapitolu III u rekwiżiti relatati ma' sustanzi ta' tħassib imsemmija fil-paragrafu 5; u

(b) kif xieraq, jirrikjedu li l-prodotti jkunu akkumpanjati minn:

(i) informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-prodott fir-rigward tal-parametri tal-prodott imsemmija fl-Anness I;

(ii) informazzjoni għall-konsumaturi u għal utenti finali oħra dwar kif jinstallaw, jużaw, iżommu u jsewwu l-prodott biex jimminimizzaw l-impatt tiegħu fuq l-ambjent u jiżguraw l-aħjar durabbiltà, kif ukoll dwar kif jirritornaw jew jarmu l-prodott fi tmiem il-ħajja tiegħu;

(iii) informazzjoni għall-faċilitajiet tat-trattament dwar iż-żarmar, ir-riċiklaġġ, jew ir-rimi fit-tmiem tal-ħajja;

(iv) informazzjoni oħra li tista' tinfluwenza l-mod kif il-prodott jiġi ttrattat minn partijiet għajr il-manifattur biex tittejjeb il-prestazzjoni fir-rigward tal-parametri tal-prodott imsemmija fl-Anness I.

Meta atti delegati jkun fihom rekwiżiti orizzontali tal-ekodisinn għal żewġ gruppi ta' prodotti jew aktar kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2), il-punt (a) ta' dan il-paragrafu ma għandux japplika.

3. Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni bbażati fuq il-parametru tal-prodott stabbilit fl-Anness I, il-punt (f), ma għandhomx jipprovdu obbligi fuq it-tikkettar ta' sustanzi jew taħlitiet għal raġunijiet relatati primarjament mal-perikli tagħhom għas-saħħa jew għall-ambjent.

4. Meta tistabbilixxi r-rekwiżiti ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b), il-punt (i), il-Kummissjoni għandha, kif xieraq, tiddetermina l-klassijiet ta' prestazzjoni.

Dawk il-klassijiet ta' prestazzjoni għandhom jikkorrispondu għal titjib statistikament sinifikanti fil-livelli ta' prestazzjoni.

5. Ir-rekwiżiti ta’ informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jippermettu t-traċċar tas-sustanzi kollha ta’ tħassib matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti, sakemm tali traċċar ma jkunx diġà permess minn att delegat ieħor adottat skont l-Artikolu 4 li jkopri l-prodotti kkonċernati, u għandhom jinkludu mill-inqas dan li ġej:

(a) l-isem tas-sustanzi ta’ tħassib preżenti fil-prodott;

(b) il-post fejn jinsabu s-sustanzi ta’ tħassib fil-prodott;

(c) il-konċentrazzjoni, il-konċentrazzjoni massima jew il-firxa ta’ konċentrazzjoni tas-sustanzi ta’ tħassib, fil-livell tal-prodott, il-komponenti prinċipali tiegħu, jew il-partijiet ta’ rikambju;

(d) struzzjonijiet rilevanti għall-użu sikur tal-prodott;

(e) informazzjoni rilevanti għaż-żarmar.

Meta l-Kummissjoni tistabbilixxi rekwiżiti ta’ informazzjoni f’att delegat adottat skont l-Artikolu 4, din għandha:

(a) tistabbilixxi liema sustanzi jaqgħu fid-definizzjoni fl-Artikolu 2(28), il-punt (c), għall-finijiet tal-gruppi ta’ prodotti koperti;

(b) tistabbilixxi skadenzi għad-dħul fis-seħħ tar-rekwiżiti ta’ informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, b’differenzjazzjoni possibbli bejn is-sustanzi; u

(c) tipprovdi eżenzjonijiet għal sustanzi ta’ tħassib jew għal elementi ta’ informazzjoni mir-rekwiżiti ta’ informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu.

L-eżenzjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu, il-punt (c), jistgħu jiġu pprovduti abbażi tal-fattibbiltà teknika jew ir-rilevanza tat-traċċar ta’ sustanzi ta’ tħassib, il-ħtieġa li tiġi protetta informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali u f’każijiet oħra debitament ġustifikati.

Is-sustanzi ta’ tħassib li jaqgħu fid-definizzjoni fl-Artikolu 2(28), il-punt (a), ma għandhomx jiġu eżentati mir-rekwiżit ta’ informazzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu jekk ikunu preżenti fil-prodotti rilevanti, fil-komponenti ewlenin jew fil-partijiet ta’ rikambju tagħhom b’konċentrazzjoni aktar minn 0,1% tal-piż skont il-piż.

6. Ir-rekwiżiti ta’ informazzjoni għandhom jindikaw il-mod li bih għandha tkun disponibbli l-informazzjoni meħtieġa.

L-informazzjoni meħtieġa għandha, kif xieraq, tiġi pprovduta f’mill-inqas wieħed mill-modi li ġejjin:

(a) fuq il-prodott innifsu;

(b) fuq l-imballaġġ tal-prodott;

(c) fil-passaport tal-prodotti msemmi fl-Artikolu 8;

(d) fuq tikketta msemmija fl-Artikolu 14;

(e) f’manwal għall-utent;

(f) fuq sit web jew applikazzjoni b’aċċess liberu.

L-informazzjoni li tiżgura t-traċċabbiltà tas-sustanzi skont il-paragrafu 5 għandha tingħata jew fuq il-prodott jew tkun aċċessibbli permezz ta' mezz ta' *data* inkluż fuq il-prodott.

7. L-informazzjoni li trid tingħata skont ir-rekwiżiti ta' informazzjoni għandha tingħata b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment mill-konsumaturi u minn utenti finali oħra, kif determinat mill-Istat Membru li fih il-prodott għandu jsir disponibbli fis-suq jew fis-servizz.

KAPITOLU III - PASSAPORT DIĠITALI TAL-PRODOTTI

Artikolu 8

Passaport tal-prodotti

1. Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(1) għandhom jipprovdu li l-prodotti jistgħu jitqiegħdu fis-suq jew jitqiegħdu fis-servizz biss jekk ikun disponibbli passaport tal-prodotti f'konformità mal-att delegat applikabbli adottat skont l-Artikolu 4 u l-Artikoli 9 u 10.

2. Ir-rekwiżiti relatati mal-passaport tal-prodotti stabbiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 għandhom, kif xieraq għall-gruppi ta' prodotti koperti, jispeċifikaw dan li ġej:

   (a) l-informazzjoni li trid tiġi inkluża fil-passaport tal-prodotti skont l-Anness III;

   (b) it-tipi ta' mezzi ta' *data* li għandhom jintużaw;

   (c) it-tqassim li bih għandu jiġi ppreżentat il-mezz ta' *data* u l-pożizzjonament tiegħu;

   (d) jekk il-passaport tal-prodotti għandux jikkorrispondi mal-mudell, mal-lott, jew mal-livell tal-oġġett;

   (e) il-mod li bih il-passaport tal-prodotti għandu jsir aċċessibbli għall-klijenti qabel ma jkunu marbuta b'kuntratt ta' bejgħ, inkluż fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod;

   (f) l-atturi li għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni fil-passaport tal-prodotti u għal liema informazzjoni għandu jkollhom aċċess, inkluż il-klijenti, l-utenti finali, il-manifatturi, l-importaturi u d-distributuri, negozjanti, min isewwi, manifatturi mill-ġdid, riċiklaturi, awtoritajiet nazzjonali kompetenti, organizzazzjonijiet ta' interess pubbliku u l-Kummissjoni, jew xi organizzazzjoni li taġixxi f'isimhom;

   (g) l-atturi li jistgħu jintroduċu jew jaġġornaw l-informazzjoni fil-passaport tal-prodotti, inkluż meta meħtieġ il-ħolqien ta' passaport ġdid tal-prodotti, u liema informazzjoni jistgħu jintroduċu jew jaġġornaw, inkluż manifatturi, min isewwi, professjonisti tal-manutenzjoni, manifatturi mill-ġdid, riċiklaturi, awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u l-Kummissjoni, jew xi organizzazzjoni li taġixxi f'isimhom;

   (h) il-perjodu li għalih għandu jibqa' disponibbli l-passaport tal-prodotti.

3. Ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 għandhom:

(a) jiżguraw li l-atturi tul il-katina tal-valur, b'mod partikolari l-konsumaturi, l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, ikunu jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni dwar il-prodott rilevanti għalihom;

(b) jiffaċilitaw il-verifika tal-konformità tal-prodott mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti; u

(c) itejbu t-traċċabbiltà tal-prodotti tul il-katina tal-valur.

4. Meta tistabbilixxi r-rekwiżiti relatati mal-passaport tal-prodotti, il-Kummissjoni tista' teżenta lill-gruppi ta' prodotti mir-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu meta:

(a) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mhumiex disponibbli fir-rigward tar-rekwiżiti essenzjali inklużi fl-Artikolu 10; jew

(b) dritt tal-Unjoni ieħor jinkludi sistema għall-forniment diġitali ta' informazzjoni relatata ma' grupp ta' prodotti li għalih il-Kummissjoni tqis li tilħaq l-objettivi msemmija fil-paragrafu 3, il-punti (a) u (b).

Artikolu 9

Rekwiżiti ġenerali għall-passaport tal-prodotti

1. Il-passaport tal-prodotti għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) għandu jkun konness permezz ta' mezz ta' *data* ma' identifikatur uniku tal-prodott;

(b) il-mezz ta' *data* għandu jkun fiżikament preżenti fuq il-prodott, l-imballaġġ tiegħu jew fuq dokumentazzjoni li takkumpanja l-prodott, kif speċifikat fl-att delegat applikabbli adottat skont l-Artikolu 4;

(c) il-mezz ta' *data* u l-identifikatur uniku tal-prodott għandhom jikkonformaw mal-istandard ("ISO/IEC") 15459:2015;

(d) l-informazzjoni kollha inkluża fil-passaport tal-prodotti għandha tkun ibbażata fuq standards miftuħa, żviluppati b'format interoperabbli u għandha tkun tista' tinqara minn magna, strutturata u tista' titfittex, f'konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 10;

(e) l-informazzjoni inkluża fil-passaport tal-prodotti għandha tirreferi għall-mudell, il-lott, jew l-oġġett tal-prodott kif speċifikat fl-att delegat adottat skont l-Artikolu 4;

(f) l-aċċess għall-informazzjoni inkluża fil-passaport tal-prodotti għandu jkun regolat f'konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 10 u d-drittijiet speċifiċi ta' aċċess fil-livell tal-grupp ta' prodotti għandhom jiġu identifikati fl-att delegat applikabbli adottat skont l-Artikolu 4.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 66 biex temenda l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), ta' dan l-Artikolu fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku billi tissostitwixxi l-istandard imsemmi f'dak il-punt jew billi żżid standards Ewropej jew internazzjonali oħrajn li magħhom il-mezz ta' *data* u l-identifikaturi uniċi għandhom jikkonformaw għall-finijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Meta leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni tkun teħtieġ jew tippermetti l-inklużjoni ta' informazzjoni speċifika fil-passaport tal-prodotti, dik l-informazzjoni tista' tiżdied mal-informazzjoni li trid tiġi inkluża fil-passaport tal-prodotti skont l-att delegat applikabbli adottat skont l-Artikolu 4.

3. L-operatur ekonomiku li jqiegħed il-prodott fis-suq għandu jipprovdi lin-negozjanti b'kopja diġitali tal-mezz ta' *data* biex jippermetti lin-negozjant jagħmlu aċċessibbli għall-klijenti meta ma jkunux jistgħu jaċċessaw fiżikament il-prodott. L-operatur ekonomiku għandu jipprovdi dik il-kopja diġitali mingħajr ħlas u fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol mit-talba tan-negozjant.

Artikolu 10

Id-disinn tekniku u t-tħaddim tal-passaport tal-prodotti

Id-disinn tekniku u t-tħaddim tal-passaport tal-prodotti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali li ġejjin:

(a) il-passaporti tal-prodotti għandhom ikunu kompletament interoperabbli ma' passaporti oħra tal-prodotti meħtieġa minn atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 fir-rigward tal-aspetti tekniċi, semantiċi u organizzattivi tal-komunikazzjoni minn tarf sa tarf u tat-trasferiment tad-*data*;

(b) il-konsumaturi, l-operaturi ekonomiċi u atturi rilevanti oħra għandu jkollhom aċċess liberu għall-passaport tal-prodotti abbażi tad-drittijiet ta' aċċess rispettivi tagħhom stabbiliti fl-att delegat applikabbli adottat skont l-Artikolu 4;

(c) id-*data* inkluża fil-passaport tal-prodotti għandu jaħżinha l-operatur ekonomiku responsabbli għall-ħolqien tiegħu jew l-operaturi awtorizzati biex jaġixxu f'isimhom;

(d) jekk id-*data* inkluża fil-passaport tal-prodotti tinħażen jew tiġi pproċessata b'mod ieħor minn operaturi awtorizzati jaġixxu f'isimhom, dawk l-operaturi ma għandhomx jitħallew ibigħu, jerġgħu jużaw jew jipproċessaw tali *data*, kompletament jew parzjalment, lil hinn minn dak meħtieġ għall-forniment tas-servizzi rilevanti tal-ħżin jew tal-ipproċessar;

(e) il-passaport tal-prodotti għandu jibqa' disponibbli għall-perjodu speċifikat fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4, inkluż wara insolvenza, likwidazzjoni jew waqfien tal-attività fl-Unjoni tal-operatur ekonomiku li jkun ħoloq il-passaport tal-prodotti;

(f) id-drittijiet għall-aċċess u għall-introduzzjoni, il-modifika jew l-aġġornament tal-informazzjoni fil-passaport tal-prodotti għandhom ikunu ristretti abbażi tad-drittijiet ta' aċċess speċifikati fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4;

(g) għandhom ikunu żgurati l-awtentikazzjoni, l-affidabbiltà u l-integrità tad-*data*;

(h) il-passaporti tal-prodotti għandhom jitfasslu u jitħaddmu b'tali mod li jiżgura livell għoli ta' sigurtà u ta' privatezza u jevita l-frodi.

Artikolu 11

Identifikatur uniku tal-operatur u identifikatur uniku tal-faċilità

1. L-identifikaturi uniċi tal-operatur imsemmija fl-Anness III, il-punti (g) u (h), u l-identifikaturi uniċi tal-faċilità msemmija fl-Anness III, il-punt (i), għandhom jikkonformaw mal-istandard ISO/IEC 15459:2015.

2. Meta jkun għadu mhux disponibbli identifikatur uniku tal-operatur imsemmi fil-punt (h) tal-Anness III, l-operatur ekonomiku li joħloq il-passaport tal-prodotti għandu jitlob identifikatur uniku tal-operatur f'isem l-attur rilevanti.

   Qabel ma joħroġ talba kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-operatur ekonomiku li joħloq il-passaport tal-prodotti għandu jfittex konferma mill -attur ikkonċernat li ma jeżisti l-ebda identifikatur uniku tal-operatur u għandu jipprovdi lill-attur tal-katina tal-provvista kkonċernat bid-dettalji kollha tal-identifikatur uniku tal-operatur rilaxxat.

3. Meta identifikatur uniku tal-faċilità msemmi fl-Anness III, il-punt (i), ikun għadu mhux disponibbli, l-operatur ekonomiku li joħloq il-passaport tal-prodotti għandu jitlob identifikatur uniku tal-faċilità f'isem l-attur responsabbli għall-post jew għall-bini rilevanti.

   Qabel ma joħroġ talba kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-operatur ekonomiku li joħloq il-passaport tal-prodotti għandu jfittex konferma mill-attur responsabbli li ma jeżisti l-ebda identifikatur uniku tal-faċilità u jipprovdi lill-attur responsabbli bid-dettalji kollha tal-identifikatur uniku tal-faċilità rilaxxat.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 66 biex temenda l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku billi tissostitwixxi l-istandard imsemmi f'dak il-paragrafu jew iżżid standards Ewropej jew internazzjonali li magħhom l-identifikaturi uniċi tal-operatur imsemmija fl-Anness III, il-punti (g) u (h), u l-identifikaturi uniċi tal-faċilità msemmija fl-Anness III, il-punt (i), jistgħu jikkonformaw għall-finijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Artikolu 12

Reġistru tal-passaport tal-prodotti

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm reġistru li jaħżen l-informazzjoni inkluża fil-passaporti tal-prodotti meħtieġa mill-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4.

   Ir-reġistru msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu tal-anqas jinkludi lista tal-mezzi ta' *data* u tal-identifikaturi uniċi tal-prodott imsemmija fl-Artikolu 9(1).

   Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni maħżuna fir-reġistru msemmi fl-ewwel subparagrafu tiġi pproċessata b'mod sigur u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż ir-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data* personali.

2. Il-Kummissjoni għandha, fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4, tispeċifika l-informazzjoni li, apparti li tkun inkluża fil-passaport tal-prodotti, għandha tinħażen fir-reġistru msemmi fil-paragrafu 1, filwaqt li jitqiesu tal-anqas il-kriterji li ġejjin:

   (a) il-ħtieġa li tkun tista' ssir il-verifika tal-awtenticità tal-passaport tal-prodotti;

(b) ir-rilevanza tal-informazzjoni għat-titjib tal-effiċjenza u tal-effettività tal-kontrolli tas-sorveljanza tas-suq u tal-kontrolli doganali fir-rigward tal-prodotti koperti mill-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4;

(c) il-ħtieġa li jkun evitat piż amministrattiv sproporzjonat għall-operaturi ekonomiċi.

3. Fir-rigward tar-responsabbiltà tagħha li tistabbilixxi u timmaniġġja r-reġistru msemmi fil-paragrafu 1 u l-ipproċessar ta' kwalunkwe *data* personali li tista' tirriżulta minn dik l-attività, il-Kummissjoni għandha titqies bħala kontrollur kif definit fil-punt (8) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

4. L-operatur ekonomiku li jqiegħed il-prodott fis-suq jew li jpoġġih fis-servizz għandu jtella', fir-reġistru msemmi fil-paragrafu 1, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

5. Il-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-awtoritajiet doganali għandu jkollhom aċċess għar-reġistru msemmi f'dan l-Artikolu għat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

Artikolu 13

Kontrolli doganali relatati mal-passaport tal-prodotti

1. Il-Kummissjoni għandha tgħaqqad ir-reġistru msemmi fl-Artikolu 12(1) mal-Iskambju taċ-Ċertifikati tat-Tieqa Unika Doganali tal-UE (CSW-CERTEX tal-UE), u b'hekk tippermetti l-iskambju awtomatizzat ta' informazzjoni mas-sistemi doganali nazzjonali permezz tal-Ambjent tat-Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana stabbilita bir-Regolament (UE)…/…..

Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeċifika d-dettalji tal-arranġamenti ta' implimentazzjoni tal-interkonnessjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu.

Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(3).

L-interkonnessjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun fis-seħħ fi żmien erba' snin mid-data tal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fit-tieni subparagrafu.

Il-paragrafi 3 sa 6 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw mill-mument li tkun fis-seħħ l-interkonnessjoni.

2. Id-dikjaranti kif definiti fl-Artikolu 5, il-punt (15), tar-Regolament (UE) 952/2013 għandhom jinkludu l-identifikatur uniku tal-prodott imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 9(1), fid-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' kwalunkwe prodott kopert minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4.

Dan il-paragrafu għandu japplika mill-mument li r-reġistru msemmi fl-Artikolu 12(1) ikun fis-seħħ.

3. Qabel ma jippermettu r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, l-awtoritajiet doganali għandhom jivverifikaw jekk l-identifikatur uniku tal-prodott indikat mid-dikjarant skont il-paragrafu 2 jaqbilx ma' identifikatur uniku tal-prodott inkluż fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 12(1).

4. Meta l-informazzjoni inkluża fil-passaport tal-prodotti tinħażen ukoll fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 12(1), il-Kummissjoni tista' tispeċifika, fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4, li l-awtoritajiet doganali għandhom, minbarra l-verifika msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, jivverifikaw il-konsistenza bejn l-informazzjoni maħżuna fir-reġistru u d-dikjarazzjoni doganali qabel ma jippermettu r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera. F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tqis tal-anqas il-kriterji li ġejjin:

   (a) il-ħtieġa li tittejjeb il-konformità tal-prodotti mqiegħda fis-suq tal-Unjoni mar-rekwiżiti tal-ekodisinn;

   (b) il-ħtieġa li jkun evitat piż sproporzjonat għall-awtoritajiet doganali.

   Meta l-awtoritajiet doganali jistabbilixxu ulterjorment il-verifika stabbilita f'dan il-paragrafu li hemm diskrepanzi bejn l-informazzjoni maħżuna fir-reġistru u d-dikjarazzjoni doganali, l-awtoritajiet doganali għandhom jirrifjutaw ir-rilaxx ta' dak il-prodott għaċ-ċirkolazzjoni libera. L-awtoritajiet doganali jistgħu jieħdu kwalunkwe azzjoni oħra li jqisu xierqa f'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali, u jirreġistraw ukoll ir-rifjut fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 12(1) u jinnotifikaw lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bir-rifjut.

   Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera ma għandux jitqies bħala prova ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni.

5. Il-verifika msemmija fil-paragrafi 3 u 4 għandha ssir b'mod elettroniku u awtomatiku permezz tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana.

6. L-awtoritajiet doganali jistgħu jirkupraw u jużaw l-informazzjoni inkluża fil-passaport tal-prodotti u fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 12(1) għat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, inkluż għall-ġestjoni tar-riskju f'konformità mal-Artikoli 46 u 47 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

KAPITOLU IV - TIKKETTI

Artikolu 14

Tikketti

1. Meta r-rekwiżiti ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(1) jispeċifikaw li l-informazzjoni għandha tiġi inkluża f'tikketta skont l-Artikolu 7(6), il-punt (d), l-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 għandhom jispeċifikaw:

   (a) il-kontenut tat-tikketta;

   (b) it-tqassim tat-tikketta filwaqt li jitqiesu l-viżibbiltà u l-leġibbiltà;

   (c) il-mod li bih għandha tintwera t-tikketta lill-klijenti inkluż fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 26 u l-implikazzjonijiet għall-operaturi ekonomiċi rilevanti;

   (d) fejn xieraq, il-mezzi elettroniċi għall-ġenerazzjoni tat-tikketti.

2. Meta rekwiżit ta' informazzjoni jinvolvi l-inklużjoni f'tikketta tal-klassi ta' prestazzjoni ta' prodott kif imsemmi fl-Artikolu 7(4), it-tqassim tat-tikketta msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jippermetti lill-klijenti jqabblu faċilment il-prestazzjoni tal-prodott fir-rigward tal-parametru rilevanti tal-prodott u jagħżlu prodotti bi prestazzjoni aħjar.

3. Għall-prodotti relatati mal-enerġija, fejn l-informazzjoni dwar parametru ta' prodott rilevanti, inkluż dwar il-klassijiet ta' prestazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(4), ma tistax tiġi inkorporata fit-tikketta tal-enerġija stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2017/1369, il-Kummissjoni, wara li tivvaluta l-aħjar mod kif tikkomunika dwar din l-informazzjoni partikolari, tista', jekk ikun xieraq, tirrikjedi l-istabbiliment ta' tikketta f'konformità ma' dan ir-Regolament.

4. Meta tistabbilixxi r-rekwiżiti ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha, meta xieraq, titlob li t-tikketta tinkludi mezzi ta' *data* jew mezzi oħra biex tippermetti lill-klijenti jaċċessaw informazzjoni addizzjonali dwar il-prodott, inkluż mezzi li jippermettu aċċess għall-passaport tal-prodotti msemmi fl-Artikolu 8.

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu rekwiżiti komuni għat-tqassim tat-tikketti meħtieġa skont l-Artikolu 7(6), il-punt (d).

   Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(3).

Artikolu 15

Imitazzjoni tat-tikketti

Meta l-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 ma jeħtiġux li l-prodotti jkollhom tikketta, dawk il-prodotti ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq jew jitqiegħdu fis-servizz jekk jipprovdu jew juru tikketti li x'aktarx iqarrqu jew ifixklu lill-klijenti fir-rigward tat-tikketti previsti fl-Artikolu 14.

KAPITOLU V - PRIJORITIZZAZZJONI, IPPJANAR U KONSULTAZZJONI

Artikolu 16

Prijoritizzazzjoni u ppjanar

1. Meta tipprijoritizza l-prodotti li għandhom jiġu koperti mir-rekwiżiti tal-ekodisinn f'konformità ma' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tqis il-kontribut potenzjali tagħhom biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni dwar il-klima, l-ambjent u l-effiċjenza enerġetika, kif ukoll il-kriterji li ġejjin:

   (a) il-potenzjal għat-titjib tal-aspetti tal-prodott elenkati fl-Artikolu 5(1) mingħajr ma jinvolvu kostijiet sproporzjonati, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari:

      (i) in-nuqqas jew l-insuffiċjenza tad-dritt tal-Unjoni jew in-nuqqas ta' forzi tas-suq jew miżuri ta' awtoregolamentazzjoni adottati f'konformità mal-Artikolu 18 biex l-objettiv jiġi indirizzat kif xieraq; u

      (ii) d-disparità fil-prestazzjoni tal-prodotti disponibbli fis-suq b'funzjonalità ekwivalenti fir-rigward tal-aspetti tal-prodott elenkati fl-Artikolu 5(1);

   (b) il-volum tal-bejgħ u tal-kummerċ tal-prodott fl-Unjoni;

   (c) id-distribuzzjoni tal-impatti ambjentali, tal-użu tal-enerġija u tal-ġenerazzjoni tal-iskart tul il-katina tal-valur, b'mod partikolari jekk dawn iseħħux fl-Unjoni;

   (d) il-ħtieġa li l-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 jiġu riveduti u adattati b'mod regolari fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta u taġġorna b'mod regolari pjan ta' ħidma, li jkopri perjodu ta' mill-inqas tliet (3) snin, li jistabbilixxi lista ta' gruppi ta' prodotti li għalihom ikollha l-ħsieb li tistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn f'konformità ma' dan ir-Regolament. Dik il-lista għandha tinkludi l-aspetti tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 5(1) li għalihom il-Kummissjoni beħsiebha tadotta rekwiżiti orizzontali tal-ekodisinn stabbiliti skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2).

Meta tadotta jew taġġorna l-pjan ta' ħidma msemmi fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u għandha tikkonsulta l-Forum dwar l-Ekodisinn imsemmi fl-Artikolu 17.

Artikolu 17

Forum dwar l-Ekodisinn

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li meta twettaq l-attivitajiet tagħha, tiżgura parteċipazzjoni bilanċjata tar-rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-partijiet interessati kollha li jkunu involuti fil-prodott jew fil-grupp ta' prodotti inkwistjoni, bħall-industrija, inkluż l-SMEs u l-industrija tas-snajja', it-trade unions, il-kummerċjanti, il-bejjiegħa bl-imnut, l-importaturi, il-gruppi għall-protezzjoni ambjentali u l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur. Dawn il-partijiet għandhom jikkontribwixxu b'mod partikolari għat-tħejjija tar-rekwiżiti tal-ekodisinn, billi jeżaminaw l-effettività tal-mekkaniżmi stabbiliti ta' sorveljanza tas-suq u jivvalutaw il-miżuri ta' awtoregolamentazzjoni.

Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi grupp ta' esperti, li fih għandhom jiltaqgħu dawk il-partijiet, imsejjaħ il-"Forum dwar l-Ekodisinn".

Artikolu 18

Miżuri ta' awtoregolamentazzjoni

1. Żewġ operaturi ekonomiċi jew aktar jistgħu jippreżentaw miżura ta' awtoregolamentazzjoni li tistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-prodotti lill-Kummissjoni bħala alternattiva għal att delegat adottat skont l-Artikolu 4. Dawk l-operaturi għandhom jipprovdu evidenza li l-kriterji msemmija fil-paragrafu 3, il-punti (a) sa (e), huma ssodisfati. Fir-rigward tal-paragrafu 3, il-punt (a), dik l-evidenza għandha tikkonsisti f'analiżi teknika, ambjentali u ekonomika strutturata, li tiġġustifika r-rekwiżiti u l-objettivi tal-ekodisinn tal-miżura ta' awtoregolamentazzjoni, u li tivvaluta l-impatti tar-rekwiżiti tal-ekodisinn stabbiliti f'dik il-miżura ta' awtoregolamentazzjoni.

2. Il-miżura ta' awtoregolamentazzjoni għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

   (a) lista tal-operaturi ekonomiċi li huma firmatarji tal-miżura ta' awtoregolamentazzjoni;

   (b) ir-rekwiżiti tal-ekodisinn applikabbli għall-prodotti koperti mill-miżura ta' awtoregolamentazzjoni;

   (c) pjan ta' monitoraġġ dettaljat, trasparenti u oġġettiv, b'responsabbiltajiet identifikati b'mod ċar għall-industrija u għall-ispetturi indipendenti, inkluż il-kriterji stabbiliti fil-punt 6 tal-Anness VII;

   (d) regoli dwar l-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata mill-firmatarji u dwar l-ittestjar u l-ispezzjonijiet.

L-informazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu għandha tinżamm aġġornata u tkun disponibbli fuq sit web aċċessibbli għall-pubbliku.

3. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-miżura proposta ta' awtoregolamentazzjoni, u, fejn meħtieġ, għandha tfittex parir xjentifiku mill-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-valutazzjoni, din għandha tistabbilixxi jekk hix alternattiva valida għal att delegat adottat skont l-Artikolu 4 fejn jiġu ssodisfati l-kriterji li ġejjin:

   (a) il-miżura ta' awtoregolamentazzjoni tikkontribwixxi għat-titjib tas-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti u għall-iżgurar tal-moviment liberu fis-suq intern malajr jew bi spiża iżgħar minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4;

   (b) is-sehem mis-suq f'termini ta' volum tal-firmatarji għall-miżura ta' awtoregolamentazzjoni fir-rigward tal-prodotti koperti minn dik il-miżura hu mill-inqas 80% tal-unitajiet imqiegħda fis-suq jew fis-servizz;

   (c) il-miżura ta' awtoregolamentazzjoni tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Anness VII;

   (d) il-prodott kopert mill-miżura ta' awtoregolamentazzjoni ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' att delegat adottat skont l-Artikolu 4;

   (e) il-miżura ta' awtoregolamentazzjoni tikkonforma mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u mal-impenji kummerċjali internazzjonali tal-Unjoni.

   Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jkun fih lista ta' miżuri ta' awtoregolamentazzjoni stabbiliti bħala alternattivi validi għal att delegat adottat skont l-Artikolu 4. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' konsulenza msemmija fl-Artikolu 67(2).

4. Il-Kummissjoni tista' fi kwalunkwe ħin titlob lill-firmatarji ta' miżura ta' awtoregolamentazzjoni biex jissottomettu verżjoni riveduta u aġġornata ta' dik il-miżura fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi jew tas-suq rilevanti fi ħdan il-grupp ta' prodotti kkonċernat jew fejn ikollha raġuni biex temmen li l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3 ma għadhomx issodisfati.

5. Ladarba miżura ta' awtoregolamentazzjoni tkun ġiet elenkata f'att ta' implimentazzjoni adottat skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3, il-firmatarji ta' dik il-miżura għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni, f'intervalli regolari stabbiliti f'dak l-att ta' implimentazzjoni, dwar il-progress lejn il-kisba tal-objettivi tal-miżuri ta' awtoregolamentazzjoni u biex jintwera li l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3, il-punti (a) sa (e), jibqgħu ssodisfati. Dawk ir-rapporti għandhom ikunu disponibbli wkoll fuq sit web aċċessibbli għall-pubbliku.

6. Meta l-Kummissjoni tqis, abbażi tal-informazzjoni li tirċievi skont il-paragrafi 4 jew 5, li miżura ta' awtoregolamentazzjoni ma għadhiex tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3, din għandha tħassarha mil-lista msemmija f'dak il-paragrafu. F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tadotta rekwiżiti tal-ekodisinn applikabbli għall-prodott kopert minn dik il-miżura ta' awtoregolamentazzjoni.

Artikolu 19

Intrapriżi mikro, żgħar u medji

1. Fil-kuntest ta' programmi li minnhom jistgħu jibbenefikaw l-SMEs, il-Kummissjoni għandha tqis inizjattivi li jgħinu lill-SMEs biex fil-katina tal-valur tagħhom jintegraw aspetti ta' sostenibbiltà ambjentali, inkluż l-effiċjenza enerġetika.

2. Meta tadotta atti delegati skont l-Artikolu 4, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, takkumpanja dawk l-atti b'linji gwida li jkopru l-ispeċifiċitajiet tal-SMEs attivi fis-settur tal-prodott jew tal-grupp ta' prodotti affettwati għall-iffaċilitar tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament mill-SMEs.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jgħinu lill-SMEs japplikaw ir-rekwiżiti tal-ekodisinn stabbiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4.

   Dawk il-miżuri għandhom tal-anqas jinkludu l-iżgurar tad-disponibbiltà ta' punti uniċi ta' servizz jew mekkaniżmi simili biex titqajjem kuxjenza u jinħolqu opportunitajiet ta' networking għall-SMEs biex jadattaw għar-rekwiżiti.

   Barra minn hekk, mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat, tali miżuri jistgħu jinkludu:

   (a) appoġġ finanzjarju, inkluż billi jingħataw vantaġġi fiskali u billi jsiru investimenti fl-infrastruttura fiżika u diġitali;

   (b) aċċess għal finanzi;

   (c) ġestjoni speċjalizzata u taħriġ tal-persunal;

   (d) assistenza organizzazzjonali u teknika.

KAPITOLU VI - QERDA TA' PRODOTTI TAL-KONSUMATUR MHUX MIBJUGĦA

Artikolu 20

Qerda ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa

1. Operatur ekonomiku li jarmi prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa direttament, jew f'isem operatur ekonomiku ieħor, għandu jiżvela:

   (a) l-għadd ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa mormija fis-sena, differenzjati skont it-tip jew il-kategorija ta' prodotti;

   (b) ir-raġunijiet għar-rimi tal-prodotti;

   (c) il-konsenja ta' prodotti mormija għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid, il-manifattura mill-ġdid, ir-riċiklaġġ, l-irkupru tal-enerġija u l-operazzjonijiet ta' rimi f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart kif iddefinita mill-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE.

   L-operatur ekonomiku għandu jiżvela dik l-informazzjoni fuq sit web aċċessibbli liberament jew inkella jagħmilha disponibbli għall-pubbliku, sakemm att delegat adottat skont il-paragrafu 3 jibda japplika għall-kategorija ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa mormija mill-operatur inkwistjoni.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-format għall-iżvelar tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, inkluż it-tip jew il-kategorija u kif l-informazzjoni għandha tiġi vverifikata.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(3).

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 66 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tipprojbixxi lill-operaturi ekonomiċi milli jeqirdu prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa fl-Unjoni, fejn il-qerda ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa li jaqgħu f'ċertu grupp ta' prodotti jkollha impatt ambjentali sinifikanti.

Fl-atti delegati adottati skont l-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi ċerti eżenzjonijiet għal dawk il-projbizzjonijiet fejn ikun xieraq fid-dawl ta':

(a) tħassib dwar is-saħħa u s-sikurezza;

(b) ħsara fil-prodotti b'riżultat tal-immaniġġjar tagħhom jew identifikata wara li prodott ikun ġie rritornat minn konsumatur;

(c) idoneità tal-prodott għall-iskop li għalih ikun maħsub, filwaqt li jitqiesu, fejn applikabbli, id-dritt tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali u l-istandards tekniċi;

(d) rifjut tal-prodotti għad-donazzjoni, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid jew il-manifattura mill-ġdid.

4. Meta tħejji att delegat adottat skont il-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha:

(a) tivvaluta l-prevalenza u l-impatt ambjentali tal-qerda ta' prodotti speċifiċi tal-konsumatur;

(b) tqis l-informazzjoni żvelata mill-operaturi ekonomiċi skont il-paragrafu 1;

(c) twettaq valutazzjoni tal-impatt ibbażata fuq l-aħjar evidenza u analiżi disponibbli, u fuq studji addizzjonali kif meħtieġ.

Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Forum dwar l-Ekodisinn imsemmi fl-Artikolu 17, u tqis il-fehmiet tagħha dwar il-projbizzjonijiet possibbli tal-qerda ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa msemmija fil-paragrafu 3, qabel it-tħejjija tal-atti delegati li jistabbilixxu dawk il-projbizzjonijiet.

5. Meta xi prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa jinqerdu skont eżenzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3, l-operatur ekonomiku responsabbli għandu jiżvela fuq sit web aċċessibbli liberament jew inkella jagħmel disponibbli għall-pubbliku:

(a) l-għadd ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa meqruda;

(b) ir-raġunijiet għall-qerda tagħhom, b'referenza għall-eżenzjoni applikabbli;

(c) il-konsenja tal-prodotti meqruda għall-operazzjonijiet ta' riċiklaġġ, ta' rkupru tal-enerġija u ta' rimi f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart kif iddefinita mill-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE.

Id-dettalji u l-format għall-iżvelar tal-informazzjoni pprovduta fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 għandhom japplikaw għall-informazzjoni li għandha tiġi żvelata skont dan il-paragrafu, sakemm l-att delegat adottat skont il-paragrafu 3 ma jipprevedix mod ieħor.

6. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-SMEs.

Madankollu, il-Kummissjoni tista', fl-atti delegati adottati skont il-paragrafu 3, tipprevedi li l-projbizzjoni li jinqerdu prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa

msemmija fil-paragrafu 3 jew l-obbligu ta' żvelar imsemmi fil-paragrafu 4 għandhom japplikaw għal:

(a) intrapriżi medji, meta jkun hemm biżżejjed evidenza li dawn jammontaw għal proporzjon sostanzjali ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa li qed jinqerdu;

(b) mikrointrapriżi, intrapriżi żgħar jew intrapriżi medji, meta jkun hemm biżżejjed evidenza li jistgħu jintużaw biex tkun evitata l-projbizzjoni li jinqerdu l-prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa msemmija fil-paragrafu 3 jew l-obbligu ta' żvelar msemmi fil-paragrafu 4.

KAPITOLU VII - OBBLIGI TAL-OPERATURI EKONOMIĊI

Artikolu 21

Obbligi tal-manifatturi

1. Meta jqiegħdu prodotti koperti minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4 fis-suq jew fis-servizz, il-manifatturi għandhom jiżguraw li:

(a) dawk il-prodotti jkunu ġew iddisinjati u manifatturati f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6 u mal-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4;

(b) dawk il-prodotti jkunu akkumpanjati mill-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 7 u mill-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4;

(c) ikun disponibbli passaport tal-prodotti f'konformità mal-Artikolu 8 u mal-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4.

2. Qabel ma jqiegħdu prodott kopert minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4 fis-suq jew fis-servizz, il-manifatturi għandhom iwettqu l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità speċifikata fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 u jfasslu d-dokumentazzjoni teknika meħtieġa, jew jaraw li din titwettaq f'isimhom.

Meta l-konformità ta' prodott kopert minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4 mar-rekwiżiti applikabbli tkun intweriet permezz ta' dik il-proċedura, il-manifatturi għandhom ifasslu dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE f'konformità mal-Artikolu 37 u jwaħħlu l-markatura CE f'konformità mal-Artikolu 39. Madankollu, meta l-Kummissjoni tkun speċifikat regoli alternattivi skont l-Artikolu 4, it-tielet subparagrafu, il-punt (f), il-manifattur għandu jfassal dikjarazzjoni ta' konformità u jwaħħal il-markatura tal-konformità f'konformità ma' dawk ir-regoli.

3. Il-manifatturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni teknika u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għal 10 snin wara li l-prodott ikun tqiegħed fis-suq jew fis-servizz. L-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 jistgħu jispeċifikaw perjodu itwal jew iqsar minn għaxar (10) snin biex titqies in-natura tal-prodotti jew tar-rekwiżiti kkonċernati.

4. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li jkollhom fis-seħħ proċeduri biex il-produzzjoni tas-serje tibqa' konformi mar-rekwiżiti applikabbli. Il-bidliet fil-proċess tal-produzzjoni, fid-disinn tal-prodott jew fil-karatteristiċi, kif ukoll il-bidliet fl-istandards armonizzati, fl-ispeċifikazzjonijiet komuni jew fi speċifikazzjonijiet tekniċi oħra li b'referenza għalihom tiġi ddikjarata l-konformità tal-prodott jew li permezz tagħhom tiġi vverifikata l-konformità tiegħu, għandhom jitqiesu b'mod adegwat mill-manifatturi u, f'każ li jsibu li l-konformità tal-prodott tiġi affettwata, il-

manifatturi għandhom iwettqu valutazzjoni mill-ġdid f'konformità mal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità speċifikata fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4, jew jaraw li din titwettaq f'isimhom.

5. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-prodotti tagħhom ikollhom fuqhom numru tat-tip, tal-lott jew tas-serje jew element ieħor li jippermetti l-identifikazzjoni tagħhom, jew, fejn id-daqs jew in-natura tal-prodott ma jippermettux dan, li l-informazzjoni meħtieġa għandha tingħata fuq l-imballaġġ jew f'dokument li jakkumpanja l-prodott.

6. Il-manifatturi għandhom jindikaw fuq il-prodott isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom u l-indirizz postali u, fejn disponibbli, mezz elettroniku ta' komunikazzjoni fejn ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati jew, fejn dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tiegħu, f'dokument li jakkumpanja l-prodott jew, fejn disponibbli, fil-passaport tal-prodotti. L-indirizz għandu jindika punt uniku fejn jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur. Id-dettalji ta' kuntatt għandhom ikunu ċari, jinftiehmu u jistgħu jinqraw.

7. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li prodott kopert minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4 ikun akkumpanjat minn struzzjonijiet biex il-konsumaturi u utenti finali oħra jkunu jistgħu jarmaw, jinstallaw, joperaw, jaħżnu, iżommu, isewwu u jarmu b'mod sikur il-prodott b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment mill-konsumaturi u minn utenti finali oħra, kif determinat mill-Istat Membru kkonċernat. Tali struzzjonijiet għandhom ikunu ċari, jinftiehmu u jinqraw u jinkludu mill-inqas l-informazzjoni speċifikata fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 u skont l-Artikolu 7(2)(b), il-punt (ii).

8. Il-manifatturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li prodott kopert minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4 li jkun tqiegħed fis-suq jew tqiegħed fis-servizz ma jkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dawk l-atti delegati għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak il-prodott isir konformi, biex jiġi rtirat jew jissejjaħ lura, jekk ikun xieraq.

   Il-manifattur għandu jinforma minnufih lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri li fihom ikun għamel il-prodott disponibbli dwar in-nuqqas ta' konformità suspettat u dwar kwalunkwe miżura korrettiva meħuda.

9. Il-manifatturi għandhom, wara talba raġunata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdu l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juru l-konformità tal-prodott, inkluż id-dokumentazzjoni teknika b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità. Dik l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni għandhom jiġu pprovduti f'forma stampata jew f'forma elettronika. Id-dokumenti rilevanti għandhom ikunu disponibbli fi żmien 10 ijiem minn meta tasal talba mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

   Il-manifatturi għandhom jikkooperaw mal-awtorità nazzjonali kompetenti, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġi rrimedjat kwalunkwe każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'att delegat adottat skont l-Artikolu 4 li permezz tiegħu jkun kopert il-prodott inkwistjoni.

Artikolu 22

Rappreżentanti awtorizzati

1. Il-manifattur jista', permezz ta' mandat bil-miktub, jaħtar rappreżentant awtorizzat.

L-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 21(1) u t-tfassil tad-dokumentazzjoni teknika ma għandhomx jifformaw parti mill-mandat tar-rappreżentant awtorizzat.

2. Ir-rappreżentant awtorizzat għandu jwettaq il-kompiti speċifikati fil-mandat li jkun irċieva mingħand il-manifattur. Il-mandat għandu jippermetti lir-rappreżentant awtorizzat biex tal-inqas jagħmel dan li ġej:

(a) iżomm id-dikjarazzjoni ta' konformità u d-dokumentazzjoni teknika tal-UE għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq għal għaxar (10) snin wara li prodott kopert minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4 ikun tqiegħed fis-suq jew tqiegħed fis-servizz;

(b) jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, fuq talba tagħhom, fuq kwalunkwe miżura meħuda fir-rigward tan-nuqqas ta' konformità tal-prodott kopert mill-mandat tar-rappreżentant awtorizzat;

(c) abbaži ta' talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jagħti lil dik l-awtorità l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-prodott b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità;

(d) abbaži ta' talba minn awtorità nazzjonali kompetenti, jagħmel disponibbli d-dokumenti rilevanti fi żmien 10 ijiem mill-wasla ta' tali talba;

(e) itemm il-mandat jekk il-manifattur jaġixxi kontra l-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament u l-att delegat adottat skont l-Artikolu 4.

Artikolu 23

Obbligi tal-importaturi

1. L-importaturi għandhom iqiegħdu fis-suq biss prodotti koperti minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4 li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-atti delegati applikabbli.

2. Qabel ma jqiegħdu prodott kopert minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4 fis-suq, l-importaturi għandhom jiżguraw li:

(a) il-proċedura xierqa ta' valutazzjoni tal-konformità tkun twettqet mill-manifattur u li l-manifattur ikun fassal id-dokumentazzjoni teknika;

(b) il-prodotti jkunu akkumpanjati mill-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 7 u mill-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4;

(c) ikun disponibbli passaport tal-prodotti f'konformità mal-Artikolu 8 u mal-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4.

L-importatur għandu jiżgura wkoll li l-prodott ikollu l-markatura CE meħtieġa msemmija fl-Artikolu 38, jew il-markatura tal-konformità alternattiva kif stabbilit f'att delegat adottat skont l-Artikolu 4, it-tielet subparagrafu, il-punt (f), u jkun akkumpanjat mid-dokumenti meħtieġa, u li l-manifattur ikun ikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 21(5) u (6).

Meta l-importaturi jqisu jew ikollhom raġuni biex jemmnu li prodott ma jkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-atti delegati applikabbli adottati skont l-Artikolu 4, dawn ma għandhomx iqiegħdu l-prodott fis-suq jew fis-servizz sakemm dan ikun sar konformi.

3. L-importaturi għandhom jindikaw fuq il-prodott isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark reġistrata tagħhom u l-indirizz postali u, fejn disponibbli, mezz elettroniku ta' komunikazzjoni, fejn ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati jew, fejn dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ, f'dokument li jakkumpanja l-prodott jew, fejn disponibbli, f'passaport tal-prodotti. Id-dettalji ta' kuntatt għandhom ikunu ċari, jinftiehmu u jistgħu jinqraw.

4. L-importaturi għandhom jiżguraw li l-prodott ikun akkumpanjat minn struzzjonijiet biex il-konsumatur ikun jista' jarma, jinstalla, jopera, jaħżen, iżomm, isewwi u jarmi l-prodott, b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment mill-konsumaturi u minn utenti finali oħra, kif determinat mill-Istat Membru kkonċernat. Tali struzzjonijiet għandhom ikunu ċari, jinftiehmu u jinqraw u għandhom jinkludu mill-inqas l-informazzjoni speċifikata fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4.

5. L-importaturi għandhom jiżguraw li, waqt li prodott ikun fir-responsabbiltà tagħhom, il-kundizzjonijiet tal-ħżin jew tat-trasport ma jipperikolawx il-konformità tiegħu mar-rekwiżiti stabbiliti f'att delegat adottat skont l-Artikolu 4 li jkun kopert bih.

6. Importaturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li prodott kopert minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4, li huma jkunu qiegħdu fis-suq jew fis-servizz, ma jkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dak l-att għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak il-prodott isir konformi, biex jiġi rtirat jew jissejjaħ lura, jekk ikun xieraq.

   L-importaturi għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri li fihom ikunu għamlu l-prodott disponibbli dwar in-nuqqas ta' konformità suspettat u dwar kwalunkwe miżura korrettiva meħuda.

7. L-importaturi għandhom, għal għaxar (10) snin jew għall-perjodu speċifikat minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4, iżommu kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u jiżguraw li d-dokumentazzjoni teknika tkun disponibbli għal dawk l-awtoritajiet, fuq talba.

8. L-importaturi għandhom, fuq talba raġunata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovduha bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juru l-konformità tal-prodott, inkluż id-dokumentazzjoni teknika, b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità. Dik l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni għandhom jiġu pprovduti f'forma stampata jew f'forma elettronika. Id-dokumenti relevanti għandhom ikunu disponibbli fi żmien għaxart (10) ijiem wara l-irċevuta tat-talba min-naħa tal-awtorità kompetenti ta' Stat Membru.

   L-importaturi għandhom jikkooperaw mal-awtorità nazzjonali kompetenti dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġi rrimedjat kwalunkwe każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'att delegat adottat skont l-Artikolu 4 li permezz tiegħu jkun kopert il-prodott inkwistjoni.

Artikolu 24

Obbligi tad-distributuri

1. Meta jagħmlu prodott kopert minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4 disponibbli fis-suq, id-distributuri għandhom jaġixxu bl-attenzjoni dovuta fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti f'dak l-att.

2. Qabel ma jagħmlu prodott kopert minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4 disponibbli fis-suq, id-distributuri għandhom jivverifikaw li:

(a) il-prodott ikollu l-markatura CE skont l-Artikoli 38 u 39 jew il-markatura tal-konformità alternattiva adottata skont l-Artikolu 4, it-tielet subparagrafu, il-punt (f), u, fejn rilevanti, ikun ittikkettat jew ikun marbut ma' passaport tal-prodotti f'konformità ma' dawk l-atti delegati;

(b) il-prodott ikun akkumpanjat mid-dokumenti meħtieġa u mill-istruzzjonijiet, biex il-konsumatur ikun jista' jarma, jinstalla, jopera, jaħżen, iżomm, u jarmi l-prodott, f'lingwa li tista' tinftiehem faċilment mill-konsumaturi u minn utenti finali oħra, kif iddeterminat mill-Istat Membru li fih il-prodott għandu jsir disponibbli fis-suq, u li tali struzzjonijiet ikunu ċari, jinftiehmu u jinqraw u jinkludu mill-inqas l-informazzjoni stabbilita fil-punt (b) tal-Artikolu 7(2), il-punt (ii), kif stabbilit fl-att delegat adottat skont l-Artikolu 4;

(c) il-manifattur u l-importatur ikunu kkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 21(5) u (6) u fl-Artikolu 23(3).

3. Meta distributur iqis jew ikollu raġuni biex jemmen li prodott, qabel ma jagħmlu disponibbli fis-suq, jew il-manifattur tiegħu ma jkunx qed jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'att delegat adottat skont l-Artikolu 4, ma għandux jagħmel il-prodott disponibbli fis-suq sakemm il-prodott ikun sar konformi jew il-manifattur jikkonforma.

Id-distributuri għandhom jiżguraw li, filwaqt li prodott ikun fir-responsabbiltà tagħhom, il-kundizzjonijiet tal-ħżin jew tat-trasport ma jipperikolawx il-konformità tiegħu mar-rekwiżiti stabbiliti fl-att delegat adottat skont l-Artikolu 4.

4. Id-distributuri li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li prodott li huma jkunu qiegħdu fis-suq ma jkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'att delegat adottat skont l-Artikolu 4 għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex il-prodott isir konformi, jirtirawh jew issir sejħa lura tiegħu, jekk xieraq.

Id-distributuri għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri li fihom huma jkunu għamlu l-prodott disponibbli dwar in-nuqqas ta' konformità suspettat u dwar kwalunkwe miżura korrettiva meħuda.

5. Id-distributuri għandhom, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdu lill-awtorità bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha li għalihom għandhom aċċess u li hija rilevanti biex tintwera l-konformità ta' prodott. Dik l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni għandhom jiġu pprovduti f'forma stampata jew f'forma elettronika.

Id-distributuri għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità dwar kwalunkwe azzjoni korrettiva meħuda biex jiġi rrimedjat kwalunkwe każ ta' nuqqas ta' konformità ma' att delegat adottat skont l-Artikolu 4 li permezz tiegħu jkun kopert il-prodott inkwistjoni.

Artikolu 25

Obbligi tan-negozjanti

1. In-negozjanti għandhom jiżguraw li l-klijenti tagħhom ikollhom aċċess għal kwalunkwe informazzjoni rilevanti meħtieġa mill-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4, inkluż fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod.

2. In-negozjanti għandhom jiżguraw li l-passaport tal-prodotti jkun faċilment aċċessibbli għall-klijenti, inkluż fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod, kif speċifikat fl-Artikolu 8 u l-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 li permezz tiegħu jkun kopert il-prodott.

3. In-negozjanti għandhom:

(a) juru lill-klijenti, b'mod viżibbli, inkluż għall-bejgħ online mill-bogħod, it-tikketti pprovduti f'konformità mal-Artikolu 26(2) jew (3);

(b) jagħmlu referenza għall-informazzjoni inkluża fit-tikketti pprovduti skont l-Artikolu 26(2) jew (3) f'reklamar viżiv jew f'materjal promozzjonali tekniku għal mudell speċifiku, f'konformità mal-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 li bihom jiġi kopert il-prodott;

(c) ma jipprovdux jew juru tikketti, marki, simboli jew skrizzjonijiet oħra li aktarx iqarrqu jew ifixklu lill-klijenti fir-rigward tal-informazzjoni inkluża fuq it-tikketta.

Artikolu 26

Obbligi relatati mat-tikketti

1. Meta att delegat adottat skont l-Artikolu 4 jirrikjedi li l-prodotti jkollhom tikketta kif imsemmi fl-Artikolu 14, l-operatur ekonomiku li jqiegħed il-prodott fis-suq jew li jpoġġih fis-servizz għandu jiżgura li l-prodotti jkunu akkumpanjati, għal kull unità individwali u mingħajr ħlas, permezz ta' tikketti stampati f'konformità ma' dak l-att delegat.

2. Meta att delegat adottat skont l-Artikolu 4 jirrikjedi li l-prodotti jkollhom tikketta kif imsemmi fl-Artikolu 14, l-operatur ekonomiku li jqiegħed il-prodott fis-suq jew li jpoġġih fis-servizz għandu jipprovdi tikketti stampati jew kopji diġitali tat-tikketta lin-negozjant mingħajr ħlas, minnufih u fi kwalunkwe każ fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol mit-talba tan-negozjant.

3. Meta att delegat adottat skont l-Artikolu 4 jirrikjedi li l-prodotti jkollhom tikketta kif imsemmi fl-Artikolu 14, l-operatur ekonomiku li jqiegħed il-prodott fis-suq jew li jpoġġih fis-servizz għandu jiżgura li t-tikketti tiegħu jkunu preċiżi u għandu, bħala parti mill-proċedura applikabbli ta' valutazzjoni tal-konformità, jipproduċi dokumentazzjoni teknika suffiċjenti biex tippermetti li tiġi vvalutata l-preċiżjoni.

4. Meta att delegat adottat skont l-Artikolu 4 jirrikjedi li l-prodotti jkollhom tikketta kif imsemmi fl-Artikolu 14, l-operatur ekonomiku li jqiegħed il-prodott fis-suq jew li jdaħħlu fis-servizz għandu:

(a) jagħmel referenza għall-informazzjoni inkluża fit-tikketta, f'reklamar viżiv jew f'materjal promozzjonali tekniku għal mudell speċifiku f'konformità mal-att delegat rilevanti adottat skont l-Artikolu 4;

(b) ma jipprovdux jew juru tikketti, marki, simboli jew skrizzjonijiet oħra li aktarx iqarrqu jew ifixklu lill-klijenti fir-rigward tal-informazzjoni inkluża fuq it-tikketta.

Artikolu 27

Obbligi tal-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni

Il-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni għandhom jiżguraw li, għal prodotti li jkunu qed jimmaniġġjaw u li jkunu koperti minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4, il-kundizzjonijiet waqt il-ħażna, l-imballaġġ, l-indirizzar jew id-dispaċċ, ma jipperikolawx il-konformità tal-prodotti mar-rekwiżiti stabbiliti f'dak l-att delegat.

Artikolu 28

Każijiet fejn l-obbligi tal-manifatturi japplikaw għall-importaturi u għad-distributuri

L-importatur jew id-distributur għandu jitqies bħala manifattur għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għandu jkun soġġett għall-obbligi ta' manifattur skont l-Artikoli 21, meta:

(1) iqiegħdu prodott kopert minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4 fis-suq b'isimhom jew bit-trademark tagħhom;

(2) jimmodifikaw tali prodott li jkun diġà tqiegħed fis-suq b'mod li jaffettwa l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 li permezz tiegħu jkun kopert il-prodott.

Artikolu 29

Obbligi tas-swieq online u tal-magni tat-tiftix online

1. Il-kooperazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2019/1020 għandha, fir-rigward tas-swieq online u għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, tinkludi b'mod partikolari:

   (a) il-kooperazzjoni biex ikunu żgurati miżuri effettivi tas-sorveljanza tas-suq, inkluż billi jkun evitat li jiġu stabbiliti ostakli għal tali miżuri;

   (b) li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jiġu infurmati bi kwalunkwe azzjoni meħuda;

   (c) l-istabbiliment ta' skambju regolari u strutturat ta' informazzjoni dwar offerti li tneħħew abbażi ta' dan l-Artikolu minn swieq online;

   (d) li jkunu permessi għodod online operati mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq biex jaċċessaw l-interfaċċi tagħhom biex jidentifikaw prodotti mhux konformi;

   (e) fuq talba tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, meta s-swieq online jew il-bejjiegħa online ikunu daħħlu fis-seħħ ostakli tekniċi għall-estrazzjoni tad-*data* mill-interfaċċi online tagħhom, jiġi permess li dawk l-awtoritajiet jikkupjaw tali *data* għall-finijiet tal-konformità tal-prodotti abbażi tal-parametri ta' identifikazzjoni pprovduti mill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq li jagħmlu t-talba.

2. Għall-finijiet tar-rekwiżiti ta' [l-Artikolu 22(7)] tar-Regolament (UE) …/… [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali], is-swieq online għandhom ifasslu u jorganizzaw l-interfaċċa online tagħhom b'mod li jippermetti lin-negozjanti jissodisfaw l-obbligi

tagħhom stabbiliti fl-Artikolu 25 u jippermetti lill-operaturi ekonomiċi jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 30(1) ta' dan ir-Regolament.

L-informazzjoni għandha tkun tista' tiġi pprovduta għal kull prodott offrut u muri jew inkella ssir faċilment aċċessibbli mill-klijenti fuq l-elenkar ta' prodott.

B'mod partikolari, fejn l-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 jirrikjedu li r-reklamar viżiv online għal ċerti prodotti jkun akkumpanjat minn informazzjoni elettronika online li għandha tintwera fuq il-mekkaniżmu tal-wiri, is-swieq online għandhom jippermettu lin-negozjanti juru dan. Dan l-obbligu għandu japplika wkoll għall-magni tat-tiftix online u għal pjattaformi online oħra li jipprovdu reklamar viżiv online għall-prodotti kkonċernati.

3. F'dak li jikkonċerna s-setgħat mogħtija mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2019/1020, l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tagħhom is-setgħa, għall-prodotti kollha koperti minn att delegat rilevanti adottat skont l-Artikolu 4, biex jordnaw lil suq online biex ineħħi kontenut illegali speċifiku li jirreferi għal prodott mhux konformi mill-interfaċċa online tiegħu, jiddiżattiva l-aċċess għalih jew juri twissija espliċita lill-utenti finali meta jaċċessawh. Tali ordnijiet għandhom jikkonformaw ma' [l-Artikolu 8(1)] tar-Regolament (UE) …/… [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali].

4. Is-swieq online għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jirċievu u jipproċessaw l-ordnijiet imsemmija fil-paragrafu 2 f'konformità ma' [l-Artikolu 8] tar-Regolament (UE) …/… [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali].

5. Is-swieq online għandhom jistabbilixxu punt ta' kuntatt uniku li jippermetti komunikazzjoni diretta mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fir-rigward tal-konformità ma' dan ir-Regolament u mal-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4.

Dan il-punt ta' kuntatt jista' jkun l-istess punt ta' kuntatt bħal dak imsemmi fl-[Artikolu 20(1)] tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament Ġenerali dwar is-Sikurezza tal-Prodotti] jew [l-Artikolu 10(1)] tar-Regolament (UE) …/… [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali].

Artikolu 30

Obbligi ta' informazzjoni tal-operaturi ekonomiċi

1. Meta l-prodotti jsiru disponibbli fis-suq online jew permezz ta' mezzi oħra ta' bejgħ mill-bogħod mill-operaturi ekonomiċi rilevanti, l-offerta rilevanti tal-prodott għandha tindika b'mod ċar u viżibbli mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

   (a) l-isem, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tal-manifattur, kif ukoll l-indirizz postali jew elettroniku fejn jistgħu jiġu kkuntattjati;

   (b) f'każ li l-manifattur ma jkunx stabbilit fl-Unjoni, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon u l-indirizz tal-posta elettronika tal-operatur ekonomiku stabbilit fl-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/1020;

   (c) informazzjoni biex jiġi identifikat il-prodott, inkluż it-tip tiegħu u, meta disponibbli, in-numru tal-lott jew tas-serje tiegħu u kwalunkwe identifikatur ieħor tal-prodott.

2. L-operaturi ekonomiċi għandhom, fuq talba, jipprovdu lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq bi:

(a) l-isem ta' kwalunkwe operatur ekonomiku li jkun fornihom bi prodott li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' att delegat adottat skont l-Artikolu 4;

(b) kwalunkwe operatur ekonomiku li lilu jkunu pprovdew tali prodotti, kif ukoll il-kwantitajiet u l-mudelli eżatti.

L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu jistgħu jipprovdu din l-informazzjoni għal għaxar (10) snin wara li jkunu ġew ipprovduti bil-prodotti rilevanti u għal għaxar (10) snin wara li jkunu pprovdew tali prodotti. Meta tadotta atti delegati skont l-Artikolu 4, il-Kummissjoni tista' tispeċifika perjodu ta' aktar minn għaxar (10) snin jew ta' anqas biex tqis in-natura tal-prodotti jew tar-rekwiżiti rilevanti.

3. Meta jirrikjedu li l-manifatturi, ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom jew l-importaturi jagħmlu partijiet mid-dokumentazzjoni teknika relatata mal-prodott rilevanti disponibbli b'mod diġitali skont l-Artikolu 4, it-tielet subparagrafu, il-punt (a), il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:

(a) il-ħtieġa li tiġi ffaċilitata l-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti applikabbli mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq;

(b) il-ħtieġa li jkun evitat piż amministrattiv sproporzjonat għall-operaturi ekonomiċi.

Il-Kummissjoni għandha tispeċifika l-mod li bih għandhom ikunu disponibbli l-partijiet rilevanti tad-dokumentazzjoni teknika. Meta disponibbli, id-dokumentazzjoni teknika għandha ssir disponibbli permezz tal-passaport tal-prodotti.

Artikolu 31

Obbligi ta' monitoraġġ u ta' rapportar tal-operaturi ekonomiċi

1. Meta jirrikjedu li l-manifatturi, ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom jew l-importaturi jagħmlu disponibbli għall-Kummissjoni, l-informazzjoni dwar il-kwantitajiet ta' prodott kopert mill-atti delegati adottati skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(b), il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:

(a) id-disponibbiltà ta' evidenza dwar il-penetrazzjonijiet tas-suq tal-prodott rilevanti biex tiġi ffaċilitata r-reviżjoni tal-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 applikabbli għal dak il-prodott;

(b) il-ħtieġa li jkun evitat piż amministrattiv sproporzjonat għall-operaturi ekonomiċi.

Il-Kummissjoni għandha tispeċifika l-perjodu ta' żmien li għalih għandha tkun relatata l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu. Dik l-informazzjoni għandha tkun differenzjata skont il-mudell tal-prodott.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li d-*data* li tirriżulta tiġi pproċessata b'mod sigur u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

F'dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tispeċifika l-mezzi li permezz tagħhom għandha ssir disponibbli l-informazzjoni rilevanti u l-perjodiċità tagħha.

2. Meta tirrikjedi li prodott ikun jista' jkejjel l-enerġija li jikkonsma jew il-prestazzjoni tiegħu fir-rigward ta' parametri rilevanti oħra tal-prodott imsemmija fl-Anness I waqt

l-użu, skont l-Artikolu 4, it-tielet subparagrafu, il-punt (c), il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:

(a) l-utilità tad-*data* waqt l-użu għall-utenti finali biex jifhmu u jimmaniġġjaw l-użu jew il-prestazzjoni tal-enerġija tal-prodott;

(b) il-fattibbiltà teknika tar-reġistrazzjoni tad-*data* waqt l-użu;

(c) il-ħtieġa li jkun evitat piż amministrattiv sproporzjonat għall-operaturi ekonomiċi.

Il-prodotti koperti minn rekwiżit stabbilit skont l-Artikolu 4, it-tielet subparagrafu, il-punt (c), għandhom jirreġistraw id-*data* waqt l-użu li tirriżulta u jagħmluha viżibbli għall-utent finali.

3. Meta l-manifatturi, ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom jew l-importaturi jintalbu jiġbru, janonimizzaw jew jirrapportaw lill-Kummissjoni d-*data* waqt l-użu msemmija fil-paragrafu 2, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(d), il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:

(a) l-utilità tad-*data* waqt l-użu għall-Kummissjoni meta tirrevedi r-rekwiżiti tal-ekodisinn jew tgħin lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq b'informazzjoni statistika għall-analiżi tagħhom ibbażata fuq ir-riskju;

(b) il-ħtieġa li jkun evitat piż amministrattiv sproporzjonat għall-operaturi ekonomiċi.

Tali rekwiżiti msemmija fl-ewwel subparagrafu jistgħu jikkonsistu b'mod partikolari minn:

(a) ġbir tad-*data* waqt l-użu jekk din tkun tista' tiġi aċċessata mill-bogħod bl-internet, sakemm l-utent finali ma jirrifjutax b'mod espliċitu li jagħmel dik id-*data* disponibbli;

(b) anonimizzazzjoni tad-*data* miġbura skont il-punt (a) u r-rapportar tagħha lill-Kummissjoni mill-inqas darba fis-sena. L-operatur ekonomiku għandu jinkludi n-numru ta' identifikazzjoni tal-bażi tad-*data* tal-prodotti tal-mudell kif imsemmi fl-Artikolu 12(5) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1369 u, jekk rilevanti għall-prestazzjoni tagħhom, l-informazzjoni ġeografika dwar il-prodotti.

Il-Kummissjoni għandha tispeċifika d-dettalji u l-format għar-rapportar tad-*data* waqt l-użu kif imsemmi fit-tieni subparagrafu, il-punt (b).

4. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta perjodikament id-*data* waqt l-użu li tirċievi skont il-paragrafu 3 u għandha, meta xieraq, tippubblika settijiet tad-*data* aggregati.

KAPITOLU VIII - KONFORMITÀ TAL-PRODOTTI

Artikolu 32

Metodi ta' ttestjar, kejl u kalkolu

1. Għall-finijiet tal-konformità u l-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti, it-testijiet, il-kejl u l-kalkoli tal-ekodisinn għandhom isiru bl-użu ta' metodi affidabbli, preċiżi u riproduċibbli li jqisu l-metodi l-aktar avvanzati rikonoxxuti b'mod ġenerali. Dawn il-

metodi għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-test, tal-kejl u tal-kalkolu stabbiliti fl-atti delegati rilevanti adottati skont l-Artikolu 4.

2. Meta meħtieġ, biex tkun żgurata l-konformità mar-rekwiżiti tal-ekodisinn stabbiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4, it-tielet subparagrafu, il-punt (e), Il-Kummissjoni tista' titlob l-użu ta' għodod online għall-kalkolu tal-prestazzjoni tal-prodotti fir-rigward tal-parametru tal-prodott rilevanti msemmi fl-Anness I li jirrifletti r-rekwiżiti ta' kalkolu applikabbli.

Meta tistabbilixxi tali rekwiżiti għall-użu ta' għodod online, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:

(a) il-ħtieġa li tkun żgurata l-applikazzjoni armonizzata tar-rekwiżiti tal-kalkolu;

(b) il-ħtieġa li jiġi mminimizzat il-piż amministrattiv impost fuq l-operaturi ekonomiċi li jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti.

L-għodod online għandhom ikunu aċċessibbli liberament għall-operaturi ekonomiċi li jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti.

Artikolu 33

Ċirkomvenzjoni

1. Il-prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' att delegat adottat skont l-Artikolu 4 ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq jew jitqiegħdu fis-servizz jekk ikunu tfasslu biex ibiddlu l-imġiba jew il-proprjetajiet tagħhom meta jiġu ttestjati biex jiksbu riżultat aktar favorevoli għal xi wieħed mill-parametri tal-prodott regolati fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 li bihom huma koperti l-prodotti.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-prodotti mfassla biex ikunu jistgħu jindividwaw li qed jiġu ttestjati u li jbiddlu awtomatikament il-prestazzjoni tagħhom b'rispons u l-prodotti mqiegħda minn qabel biex ibiddlu l-prestazzjoni tagħhom fil-ħin tal-ittestjar għandhom jikkostitwixxu prodotti mfassla biex ibiddlu l-imġiba jew il-proprjetajiet tagħhom meta jiġu ttestjati.

2. L-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu prodott kopert minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4 ma għandhomx jippreskrivu struzzjonijiet speċifiċi għall-ittestjar li jbiddlu l-imġiba jew il-proprjetajiet tal-prodotti biex jinkiseb riżultat aktar favorevoli għal xi wieħed mill-parametri tal-prodott regolati fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 li bihom huma koperti l-prodotti.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-istruzzjonijiet li jwasslu għal tibdil manwali tal-prodott qabel test li jibdel il-prestazzjoni tal-prodott għandhom jikkostitwixxu struzzjonijiet speċifiċi għall-ittestjar li jbiddlu l-imġiba jew il-proprjetajiet tal-prodotti.

3. Il-prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' att delegat adottat skont l-Artikolu 4 ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq jew jitqiegħdu fis-servizz jekk ikunu mfassla biex ibiddlu l-imġiba jew il-proprjetajiet tagħhom f'perjodu qasir wara li l-prodott jitqiegħed fis-servizz u dan iwassal għal deterjorament tal-prestazzjoni tagħhom fir-rigward ta' kwalunkwe wieħed mill-parametri tal-prodott regolati fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 li permezz tagħhom ikunu koperti l-prodotti jew il-prestazzjoni funzjonali tagħhom mill-perspettiva tal-utent.

4. L-aġġornamenti tas-software jew tal-firmware ma għandhomx jaggravaw il-prestazzjoni tal-prodott rigward xi wieħed mill-parametri tal-prodott regolati fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 li bihom jiġu koperti l-prodotti jew il-prestazzjoni funzjonali mill-perspettiva tal-utent meta mkejla bil-metodu ta' ttestjar użat għall-valutazzjoni tal-konformità, ħlief bil-kunsens espliċitu tal-utent finali qabel l-aġġornament. Ma għandu jsir l-ebda tibdil fil-prestazzjoni minħabba r-rifjut tal-aġġornament.

L-aġġornamenti tas-software jew tal-firmware ma għandhomx jaggravaw il-prestazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu sal-punt li l-prodott ma jkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 applikabbli fiż-żmien tat-tqegħid fis-suq jew tat-tqegħid fis-servizz tal-prodott.

Artikolu 34

Preżunzjoni tal-konformità

1. It-testijiet, il-kejl jew il-metodi ta' kalkolu msemmija fl-Artikolu 32 li jkunu konformi mal-istandards armonizzati jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu preżunt li jkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dak l-Artikolu u mar-rekwiżiti tat-test, tal-kejl u tal-kalkolu stabbiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 sa fejn dawk ir-rekwiżiti jkunu koperti minn tali standards armonizzati jew partijiet minnhom.

2. Il-prodotti konformi ma' standards armonizzati jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom ikunu preżunti li huma konformi mar-rekwiżiti tal-ekodisinn stabbiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 sa fejn dawk ir-rekwiżiti jkunu koperti minn tali standards armonizzati jew partijiet minnhom.

3. Il-prodotti koperti minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4, li jkunu ngħataw l-Ekotikketta tal-UE skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 għandhom ikunu preżunti li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ekodisinn stabbiliti f'dak l-att delegat sakemm dawk ir-rekwiżiti jkunu koperti mill-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE stabbiliti skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (KE) Nru 66/2010.

Artikolu 35

Speċifikazzjonijiet komuni

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni għar-rekwiżiti tal-ekodisinn, ir-rekwiżiti essenzjali għall-passaporti tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 10 jew għall-metodi ta' ttestjar, kejl jew kalkolu msemmija fl-Artikolu 32, fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

   (a) tkun talbet lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew aktar biex tfassal standard armonizzat fir-rigward ta' rekwiżit jew metodu tal-ekodisinn li ma jkunx kopert minn standard armonizzat jew parti minnu, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u jkun hemm dewmien bla bżonn fil-proċedura ta' standardizzazzjoni jew it-talba ma tkun ġiet aċċettata mill-ebda waħda mill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni;

(b) il-Kummissjoni tkun iddeċidiet f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(5) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 li żżomm b'restrizzjoni jew li tirtira r-referenzi għall-istandards armonizzati jew partijiet minnhom li bihom ikunu koperti ir-rekwiżiti jew il-metodu tal-ekodisinn.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(3).

2. Il-metodi tat-test, tal-kejl u tal-kalkolu msemmija fl-Artikolu 32 li jkunu konformi mal-ispeċifikazzjoni komuni jew ma' partijiet minnha għandhom jiġu preżunti li huma konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dak l-Artikolu u mar-rekwiżiti tat-test, tal-kejl u tal-kalkolu stabbiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 sa fejn dawk ir-rekwiżiti jkunu koperti minn tali speċifikazzjoni komuni jew partijiet minnha.

3. Il-prodotti li jkunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet komuni jew ma' partijiet minnhom għandhom jitqiesu li huma konformi mar-rekwiżiti tal-ekodisinn stabbiliti fl-att delegat adottat skont l-Artikolu 4 li permezz tiegħu dawk il-prodotti jkunu koperti sa fejn dawk ir-rekwiżiti jkunu koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom.

Artikolu 36

Valutazzjoni tal-konformità

1. Meta tispeċifika l-proċedura applikabbli ta' valutazzjoni tal-konformità skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-kriterji li ġejjin:

(a) jekk il-modulu kkonċernat huwiex xieraq għat-tip ta' prodott u proporzjonat għall-interess pubbliku segwit;

(b) in-natura tal-parametri tal-prodott imsemmija fl-Anness I li fuqhom huma bbażati r-rekwiżiti rilevanti tal-ekodisinn, b'mod partikolari jekk il-prestazzjoni fir-rigward ta' dawk il-parametri tal-prodott tistax tiġi vverifikata fuq il-prodott innifsu;

(c) fejn l-involviment ta' parti terza jkun obbligatorju, il-ħtieġa tal-manifattur li jkollu għażla bejn il-moduli tal-assigurazzjoni tal-kwalità u taċ-ċertifikazzjoni tal-prodott stabbiliti fl-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE.

2. Meta rilevanti, ir-reġistri u l-korrispondenza li għandhom x'jaqsmu mal-valutazzjoni tal-konformità għandhom jitfasslu b'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-korp notifikat involut fi proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità msemmija fil-paragrafu 1, jew b'lingwa aċċettata minn dak il-korp.

Artikolu 37

Dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE

1. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandha tiddikjara li l-issodisfar tar-rekwiżiti tal-ekodisinn speċifikati fl-atti delegati applikabbli adottati skont l-Artikolu 4 ikun intwera.

2. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandu jkollha l-istruttura tal-mudell stabbilita fl-Anness V, għandu jkun fiha l-elementi speċifikati fil-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità applikabbli u referenza għall-atti delegati applikabbli adottati skont l-Artikolu 4. Din għandha tiġi aġġornata kontinwament. Għandha tiġi

tradotta għal-lingwa/i meħtieġa mill-Istat Membru fejn jitqiegħed il-prodott jew fejn isir disponibbli.

3. Meta prodott kopert minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4 ikun soġġett għal aktar minn att wieħed tal-Unjoni li jirrikjedi dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, għandha titfassal dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE unika fir-rigward tat-tali atti tal-Unjoni kollha. Dik id-dikjarazzjoni għandha tiddikjara l-atti tal-Unjoni kkonċernati u r-referenzi tal-pubblikazzjoni tagħhom. Tista' tkun dossier magħmul minn dikjarazzjonijiet ta' konformità tal-UE individwali rilevanti.

4. Meta jagħmel id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, il-manifattur għandu jassumi r-responsabbiltà għall-konformità tal-prodott.

Artikolu 38

Prinċipji ġenerali tal-markatura CE

Il-markatura CE għandha tkun soġġetta għall-prinċipji ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

Artikolu 39

Regoli u kundizzjonijiet għat-twaħħil tal-markatura CE

1. Il-markatura CE għandha titwaħħal mal-prodott b'mod li tkun viżibbli, tista' tinqara u ma titħassarx. Meta dan ma jkunx possibbli jew ma jkunx jaqbel li jsir minħabba n-natura tal-prodott, din għandha titwaħħal mal-imballaġġ u mad-dokumenti li jakkumpanjawh.

2. Il-markatura CE għandha titwaħħal qabel ma l-prodott jitqiegħed fis-suq.

3. Għal prodott li fil-valutazzjoni tal-konformità tiegħu jipparteċipa korp notifikat, wara l-markatura CE għandu jitniżżel in-numru ta' identifikazzjoni ta' dak il-korp notifikat.

   In-numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat għandu jitwaħħal mill-korp innifsu jew, fuq istruzzjonijiet tiegħu, mill-manifattur jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

4. Il-markatura CE u, meta applikabbli, in-numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat jistgħu jiġu segwiti minn pittogramma jew markatura oħra li tindika riskju jew użu speċjali.

5. L-Istati Membri għandhom ikomplu jiżviluppaw il-mekkaniżmi eżistenti biex jiżguraw l-implimentazzjoni korretta tar-reġim li jirregola il-markatura CE u jieħdu azzjoni adatta f'każ ta' użu skorrett tal-markatura.

Artikolu 40

Dikjarazzjonijiet u markaturi ta' konformità alternattivi

Meta tispeċifika regoli alternattivi dwar id-dikjarazzjoni ta' konformità jew markaturi li jindikaw il-konformità mar-rekwiżiti applikabbli skont id-dritt tal-Unjoni skont l-Artikolu 4, it-tielet subparagrafu, il-punt (f), il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:

(a) il-ħtieġa li jiġi mminimizzat il-piż amministrattiv għall-operaturi ekonomiċi;

(b) il-ħtieġa li tkun żgurata l-koerenza ma' dikjarazzjonijiet u markaturi oħra tal-konformità applikabbli għal prodott speċifiku;

(c) il-ħtieġa li tkun evitata l-konfużjoni dwar it-tifsira tad-dikjarazzjonijiet u l-markaturi tal-konformità skont dritt tal-Unjoni ieħor.

KAPITOLU IX - NOTIFIKA TAL-KORPI TA' VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ

Artikolu 41

Notifika

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bil-korpi awtorizzati li jagħmlu xogħol ta' terzi fil-valutazzjoni tal-konformità previst skont l-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4.

Artikolu 42

Awtoritajiet notifikanti

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità notifikanti li tkun responsabbli biex tistabbilixxi u tesegwixxi l-proċeduri meħtieġa għall-valutazzjoni u n-notifika ta' korpi tal-valutazzjoni tal-konformità u għall-monitoraġġ ta' korpi notifikati, inkluż il-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 47.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-valutazzjoni u l-monitoraġġ imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitwettqu minn korp nazzjonali ta' akkreditament skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u f'konformità miegħu.

3. Meta l-awtorità notifikanti tiddelega jew inkella tafda l-valutazzjoni, in-notifika jew il-monitoraġġ imsemmija fil-paragrafu 1 lil korp li ma jkunx entità governattiva, dak il-korp għandu jkun entità legali u għandu jikkonforma *mutatis mutandis* mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 43. Barra minn hekk, għandu jkollu arranġamenti biex ikopri obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-attivitajiet tiegħu.

4. L-awtorità notifikanti għandha tieħu responsabbiltà sħiħa tal-kompiti mwettqa mill-korp imsemmi fil-paragrafu 3.

Artikolu 43

Rekwiżiti marbuta mal-awtoritajiet notifikanti

1. L-awtorità notifikanti għandha tkun stabbilita b'mod li ma jkunx hemm kunflitt ta' interess ma' korpi ta' valutazzjoni tal-konformità jew ma' korpi notifikati.

2. L-awtorità notifikanti għandha tkun organizzata u titmexxa b'mod li jkunu salvagwardjati l-oġġettività u l-imparzjalità tal-attivitajiet tagħha.

3. L-awtorità notifikanti għandha tkun organizzata b'tali mod li kull deċiżjoni relatata man-notifika ta' korp ta' valutazzjoni tal-konformità tittieħed minn persuni kompetenti differenti minn dawk li jkunu wettqu l-valutazzjoni.

4. L-awtorità notifikanti ma għandhiex toffri jew tipprovdi attivitajiet li jwettqu l-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità, jew servizzi ta' konsulenza fuq bażi kummerċjali jew kompetittiva.

5. L-awtorità notifikanti għandha tissalvagwardja l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li tikseb. Iżda meta tintalab, din għandha tiskambja informazzjoni dwar il-korpi notifikati mal-Kummissjoni, mal-awtoritajiet notifikanti ta' Stati Membri oħrajn u ma' awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħra.

6. L-awtorità notifikanti għandha tieħu bħala bażi għan-notifika biss il-korp speċifiku ta' valutazzjoni tal-konformità li japplika għan-notifika u ma tqisx il-kapaċitajiet jew il-persunal tal-kumpaniji omm jew oħt. L-awtorità għandha tivvaluta dak il-korp skont ir-rekwiżiti rilevanti kollha u l-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità.

7. L-awtorità notifikanti għandu jkollha numru suffiċjenti ta' persunal kompetenti u finanzjament suffiċjenti għad-dispożizzjoni tagħha biex jitwettqu korrettament il-kompiti tagħha.

   Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu għadd minimu ta' ekwivalenti ta' full-time meqjusa suffiċjenti għall-monitoraġġ xieraq tal-korpi notifikati, meta xieraq fir-rigward ta' kompiti speċifiċi ta' valutazzjoni tal-konformità. Meta l-monitoraġġ jitwettaq minn korp nazzjonali ta' akkreditament jew korp imsemmi fl-Artikolu 42(3), dan in-numru minimu għandu japplika għal dak il-korp.

   Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(3).

Artikolu 44

Obbligu ta' informazzjoni fuq l-awtoritajiet notifikanti

L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar il-proċeduri tagħhom għall-valutazzjoni u n-notifika ta' korpi ta' valutazzjoni tal-konformità u dwar il-monitoraġġ tal-korpi notifikati, u dwar kwalunkwe bidla fihom.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

Artikolu 45

Rekwiżiti fir-rigward ta' korpi notifikati

1. Għall-finijiet ta' notifika, il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 11.

2. Il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkun stabbilit skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru u jkollu personalità ġuridika.

3. Il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkun korp terz indipendenti mill-organizzazzjoni jew mill-prodott li jivvaluta. Ma għandu jkollu l-ebda rabta kummerċjali ma' organizzazzjonijiet li għandhom interess fil-prodotti li jivvaluta, b'mod partikolari l-manifatturi, is-sħab kummerċjali tagħhom u l-investituri azzjonarji tagħhom. Dan ma għandux jipprekludi lill-korp ta' valutazzjoni tal-konformità milli jwettaq attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità għall-manifatturi li jikkompetu ma' xulxin.

4. Il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità, l-ogħla livell tal-amministrazzjoni tiegħu u l-persunal responsabbli mit-twettiq tal-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità ma għandhomx ikunu d-disinjatur, il-manifattur, il-fornitur, l-importatur, id-distributur, l-installatur, ix-xerrej, is-sid, l-utent jew dak responsabbli mill-manutenzjoni tal-

prodotti li huma jivvalutaw, u lanqas ir-rappreżentant ta' xi waħda minn dawk il-partijiet. Dan ma għandux jipprekludi l-użu tal-prodotti vvalutati li huma meħtieġa għall-operazzjonijiet tal-korp ta' valutazzjoni tal-konformità jew l-użu ta' tali prodotti għal għanijiet personali.

Il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità, l-ogħla livell tal-ġestjoni tiegħu u l-persunal responsabbli mit-twettiq tal-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità ma għandhomx ikunu direttament involuti fid-disinn, fil-manifattura jew fil-kostruzzjoni, fil-kummerċjalizzazzjoni, fl-installazzjoni, fl-użu jew fil-manutenzjoni ta' dawk il-prodotti, u lanqas ma għandhom jirrappreżentaw lill-partijiet involuti f'dawk l-attivitajiet. Dawn ma għandhom ikunu involuti fl-ebda attività li tista' toħloq kunflitt mal-indipendenza tal-ġudizzju jew l-integrità tagħhom b'rabta mal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità li għalihom ikunu notifikati. Dan għandu japplika b'mod partikolari għas-servizzi ta' konsulenza.

Il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità għandhom jiżguraw li l-attivitajiet tal-kumpaniji omm jew oħt tagħhom, tas-sussidjarji jew tas-sottokuntratturi ma jaffettwawx il-kunfidenzjalità, l-oġġettività jew l-imparzjalità tal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità tagħhom.

L-istabbiliment u s-superviżjoni ta' proċeduri interni, politiki ġenerali, kodiċijiet ta' kondotta jew regoli interni oħrajn, l-assenjazzjoni ta' persunal għal kompiti speċifiċi u d-deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni tal-konformità ma jistgħux jiġu delegati lil sottokuntrattur jew sussidjarja.

5. Il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità u l-persunal tagħhom għandhom iwettqu l-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità bl-ogħla livell ta' integrità professjonali u l-kompetenza teknika meħtieġa fil-qasam speċifiku. Għandhom ikunu ħielsa minn kull pressjoni u persważjoni, b'mod partikolari finanzjarja, li tista' tinfluwenza l-ġudizzju tagħhom jew ir-riżultati tal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità tagħhom, speċjalment fir-rigward ta' persuni jew gruppi ta' persuni b'interess fir-riżultati ta' dawk l-attivitajiet.

6. Il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkun kapaċi jwettaq il-kompiti kollha ta' valutazzjoni tal-konformità assenjati lilu permezz tal-att delegat rilevanti adottat skont l-Artikolu 4 u li fir-rigward tiegħu jkun ġie notifikat, kemm jekk dawk il-kompiti jitwettqu mill-korp ta' valutazzjoni tal-konformità nnifsu kif ukoll jekk f'ismu u fir-responsabbiltà tiegħu.

F'kull żmien u għal kull proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità, u għal kull tip jew kategorija ta' prodotti li dwarhom ikun ġie notifikat, il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu:

(a) il-persunal meħtieġ b'għarfien tekniku, u b'esperjenza suffiċjenti u xierqa biex iwettaq il-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità. Il-persunal responsabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' valutazzjoni għandu jiġi impjegat mill-korp ta' valutazzjoni tal-konformità skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru notifikanti, ma għandu jkollu l-ebda kunflitt ta' interess potenzjali ieħor, għandu jkun kompetenti biex jivverifika l-valutazzjonijiet magħmula minn persunal, esperti esterni jew sottokuntratturi oħra. L-għadd ta' tali persunal għandu jkun biżżejjed biex jiżgura l-kontinwità tan-negozju u approċċ konsistenti għall-valutazzjonijiet tal-konformità;

(b) id-deskrizzjonijiet tal-proċeduri li f'konformità magħhom tiġi mwettqa l-valutazzjoni tal-konformità, li jiżguraw it-trasparenza ta' dawn il-proċeduri u l-

kapaċità li jiġu riprodotti. Dan għandu jinkludi matriċi tal-kwalifiki li taqbel mal-persunal rilevanti, l-istatus u l-kompiti rispettivi tagħhom fi ħdan il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità mal-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità li fir-rigward tagħhom il-korp ikun biħsiebu jiġi notifikat;

(c) politiki u proċeduri xierqa biex issir distinzjoni bejn il-kompiti li jwettaq bħala korp notifikat u attivitajiet oħra;

(d) proċeduri għat-twettiq ta' attivitajiet li jqisu kif xieraq id-daqs tal-impriża, is-settur li topera fih, l-istruttura tagħha, il-grad ta' kumplessità tat-teknoloġija tal-prodott inkwistjoni u n-natura tal-massa jew tas-serje tal-proċess ta' produzzjoni.

Għandu jkollu l-mezzi neċessarji biex iwettaq il-kompiti tekniċi u amministrattivi konnessi mal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità b'mod xieraq u għandu jkollu aċċess għat-tagħmir jew il-faċilitajiet kollha meħtieġa.

7. Il-persunal responsabbli biex iwettaq l-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkollu dawn li ġejjin:

(a) taħriġ tekniku u vokazzjonali sod li jkopri l-attivitajiet kollha ta' valutazzjoni tal-konformità li għalihom il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità jkun ġie notifikat;

(b) għarfien sodisfaċenti tar-rekwiżiti tal-valutazzjonijiet li jwettqu u awtorità adegwata biex iwettqu dawk il-valutazzjonijiet, inkluż għarfien u fehim xierqa tal-leġiżlazzjoni, ir-rekwiżiti tat-test, tal-kejl u tal-kalkolu rilevanti, tal-istandards armonizzati jew tal-ispeċifikazzjonijiet komuni applikabbli u tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament, u tal-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4;

(c) il-kapaċità li jifformula ċertifikati, rekords u rapporti li juru li l-valutazzjonijiet ikunu twettqu.

8. Għandha tkun iggarantita l-imparzjalità tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità u tal-ogħla livell ta' amministrazzjoni tagħhom u tal-persunal tal-valutazzjoni.

Ir-remunerazzjoni tal-ogħla livell ta' amministrazzjoni u tal-persunal tal-valutazzjoni ta' korp ta' valutazzjoni tal-konformità ma għandhiex tiddependi mill-għadd ta' valutazzjonijiet imwettqa jew mir-riżultati tagħhom.

9. Il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità għandhom jagħmlu polza ta' assigurazzjoni ta' responsabbiltà sakemm ir-responsabbiltà ma tkunx imġarrba mill-Istat f'konformità mal-liġi nazzjonali, jew sakemm l-Istat Membru nnifsu ma jkunx direttament responsabbli għall-valutazzjoni tal-konformità.

10. Il-persunal ta' korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu josserva s-segretezza professjonali fir-rigward tal-informazzjoni kollha miksuba fit-twettiq tal-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità skont l-atti delegati rilevanti adottati skont l-Artikolu 4, ħlief fir-rigward tal-awtoritajiet notifikanti u awtoritajiet nazzjonali oħra tal-Istat Membru li fih jitwettqu l-attivitajiet tiegħu. Id-drittijiet ta' proprjetà għandhom ikunu protetti.

11. Il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità għandhom jipparteċipaw fi, jew jiżguraw li l-persunal tal-valutazzjoni tagħhom jiġi informat dwar, l-attivitajiet ta' standardizzazzjoni rilevanti u japplikaw bħala gwida ġenerali d-deċiżjonijiet u d-dokumenti amministrattivi prodotti bħala riżultat tal-ħidma ta' dak il-grupp.

Artikolu 46

Suppożizzjoni ta' konformità tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità

Meta korp ta' valutazzjoni tal-konformità juri l-konformità tiegħu mal-kriterji stabbiliti fl-istandards armonizzati rilevanti jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f*'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, dan għandu jkun preżunt konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 45 sa fejn l-istandards armonizzati applikabbli jkopru dawk ir-rekwiżiti.

Artikolu 47

Sussidjarji ta' u sottokuntrattar minn korpi notifikati

1. Meta korp notifikat jagħti b'sottokuntratt kompiti speċifiċi konnessi mal-valutazzjoni tal-konformità jew iqabbad sussidjarja, dan għandu jiżgura li s-sottokuntrattur jew is-sussidjarja jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 45 u għandu jinforma lill-awtorità notifikanti dwar dan.

2. Il-korpi notifikati għandhom jerfgħu r-responsabbiltà kollha tal-kompiti mwettqa mis-sottokuntratturi jew mis-sussidjarji kull fejn dawn ikunu stabbiliti. Il-korpi notifikati rilevanti għandhom jistabbilixxu proċeduri għall-monitoraġġ kontinwu tal-kompetenza, l-attivitajiet u l-prestazzjoni tas-sottokuntratturi jew tas-sussidjarji tagħhom, filwaqt li jqisu l-matriċi tal-kwalifiki msemmija fl-Artikolu 45(6).

3. L-attivitajiet jistgħu jingħataw b'sottokuntratt jew isiru minn sussidjarja biss meta jkun hemm il-qbil mal-klijent.

4. Il-korpi notifikati għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tal-awtorità notifikanti d-dokumenti rilevanti li jikkonċernaw il-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-kwalifiki tas-sottokuntrattur jew tas-sussidjarja u tal-ħidma li għamlu l-atti delegati rilevanti adottati skont l-Artikolu 4.

Artikolu 48

Talba għal notifika

1. Il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jissottometti applikazzjoni għal notifika lill-awtorità notifikanti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit.

2. Ma' dik l-applikazzjoni għandha tingħata deskrizzjoni tal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità, il-modulu jew moduli ta' valutazzjoni tal-konformità u l-prodott jew prodotti li fihom dak il-korp jiddikjara li hu kompetenti, il-matriċi tal-kwalifiki msemmija fl-Artikolu 45(6), kif ukoll ċertifikat ta' akkreditament, jekk jeżisti, maħruġ minn korp nazzjonali ta' akkreditament li jafferma li l-korp ta' valutazzjoni tal-konformità jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 45. Iċ-ċertifikat ta' akkreditament għandu jkun relatat biss mal-korp legali preċiż li japplika għan-notifika u għandu jkun ibbażat, minbarra l-istandards armonizzati rilevanti, fuq ir-rekwiżiti speċifiċi u l-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità stabbiliti fl-att delegat rilevanti adottat skont l-Artikolu 4.

3. Meta l-korp ta' valutazzjoni tal-konformità kkonċernat ma jistax jipprovdi ċertifikat ta' akkreditament, dan għandu jipprovdi lill-awtorità notifikanti l-evidenza

dokumentata kollha meħtieġa għall-verifika, ir-rikonoxximent u l-monitoraġġ regolari tal-konformità tiegħu mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 45.

Artikolu 49

Proċedura tan-notifika

1. L-awtoritajiet notifikanti jinnotifikaw biss lil korpi ta' valutazzjoni tal-konformità li jkunu ssodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 45.

2. Dawn għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bl-użu tal-mezz elettroniku ta' notifika żviluppat u ġestit mill-Kummissjoni.

3. In-notifika għandha tinkludi d-dettalji kollha dwar l-attivitajiet ta' valutazzjoni ta' konformità, tal-modulu jew moduli tal-valutazzjoni ta' konformità u tal-prodott jew prodotti inkwistjoni u ta' l-affermazzjoni rilevanti tal-kompetenza.

4. Meta notifika ma tkunx ibbażata fuq ċertifikat ta' akkreditament kif imsemmi fl-Artikolu 48(2), l-awtorità notifikanti għandha tipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn il-prova dokumentata li tafferma l-kompetenza tal-korp ta' valutazzjoni tal-konformità u l-arranġamenti stabbiliti biex ikun żgurat li dak il-korp se jiġi mmonitorjat regolarment u se jkompli jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 45.

5. Il-korp ikkonċernat jista' jwettaq l-attivitajiet ta' korp notifikat jekk il-Kummissjoni jew l-Istati Membri l-oħra ma jqajmu l-ebda oġġezzjoni fi żmien ġimagħtejn (2) minn notifika meta jintuża ċertifikat ta' akkreditament, jew fi żmien xahrejn (2) minn notifika meta ma jintużax akkreditament.

   Korp bħal dan biss għandu jitqies bħala korp notifikat għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

6. In-notifika għandha ssir valida l-jum wara li l-korp ikun inkluż fil-lista tal-korpi notifikati msemmija fl-Artikolu 50(2) mill-Kummissjoni. Il-korp ikkonċernat jista' jwettaq l-attivitajiet ta' korp notifikat biss wara li n-notifika tkun saret valida.

   Il-Kummissjoni ma għandhiex tippubblika notifika jekk tkun jew issir taf li l-korp notifikat rilevanti ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 45.

7. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra għandhom jiġu notifikati jekk isir tibdil sussegwenti rilevanti fin-notifika.

Artikolu 50

Numri ta' identifikazzjoni u listi ta' korpi notifikati

1. Il-Kummissjoni għandha tassenja numru ta' identifikazzjoni lil korp notifikat.

   Għandha tassenja numru wieħed bħal dan, anke meta l-korp ikun notifikat skont diversi atti tal-Unjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista tal-korpi notifikati skont dan ir-Regolament, inkluż in-numri ta' identifikazzjoni li jkunu ġew assenjati lilhom u l-attivitajiet li dwarhom ikunu ġew notifikati.

   Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dik il-lista tinżamm aġġornata.

Artikolu 51

Tibdil fin-notifika

1. Meta awtorità notifikanti tkun ċerta jew ġiet informata li korp notifikat ma għadux konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 45, jew ma jkunx qed jaqdi l-obbligi tiegħu, l-awtorità notifikanti għandha tillimita, tissospendi jew tirtira n-notifika kif xieraq, skont kemm ikun gravi n-nuqqas fir-rigward tar-rekwiżiti jew tal-obbligi li jridu jiġu ssodisfati. Din għandha tgħarraf minnufih b'dan lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, skont il-każ.

2. Fil-każ li tiġi limitata, sospiża jew irtirata n-notifika, jew meta l-korp notifikat ma jkunx għadu attiv, l-Istat Membru notifikanti għandu jieħu l-passi meħtieġa biex jiżgura li l-fajls ta' dak il-korp jiġu pproċessati minn korp notifikat ieħor jew jinżammu disponibbli għall-awtoritajiet notifikanti u ta' sorveljanza tas-suq li jkunu responsabbli meta jintalbu.

Artikolu 52

Kontestazzjoni tal-kompetenza ta' korpi notifikati

1. Il-Kummissjoni għandha tinvestiga l-każijiet kollha meta jkollha jew issir taf b'xi dubju dwar il-kompetenza ta' korp notifikat, jew jekk korp notifikat ikunx għadu jissodisfa r-rekwiżiti u r-responsabbiltajiet li hu soġġett għalihom.

2. L-Istat Membru notifikanti għandu jipprovdi lill-Kummissjoni, fuq talba, bl-informazzjoni kollha relatata mal-bażi għan-notifika jew iż-żamma tal-kompetenza tal-korp ikkonċernat.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni sensittiva kollha miksuba matul l-investigazzjonijiet tagħha tiġi ttrattata b'mod kunfidenzjali.

4. Meta l-Kummissjoni taċċerta ruħha li korp notifikat ma jissodisfax jew ma jkunx għadu jissodisfa r-rekwiżiti għan-notifika tiegħu, għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jirrikjedi lill-Istat Membru notifikanti biex jieħu l-azzjoni korrettiva meħtieġa, inkluż l-irtirar tan-notifika jekk dan ikun meħtieġ. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' konsulenza msemmija fl-Artikolu 67(2).

   Il-Kummissjoni għandha taġġorna l-lista tal-korpi notifikati msemmija fl-Artikolu 50(2) fi żmien ġimagħtejn (2) mill-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni.

Artikolu 53

Obbligi ta' operazzjonijiet għal korpi notifikati

1. Il-korpi notifikati għandhom iwettqu l-valutazzjonijiet tal-konformità f'konformità mal-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità previsti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4.

2. Il-valutazzjonijiet tal-konformità għandhom jitwettqu b'mod proporzjonat, billi jkunu evitati piżijiet bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi. Il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità għandhom iwettqu l-attivitajiet tagħhom billi jieħdu kont debitu tad-daqs tal-impriża, is-settur li fiha hija topera, l-istruttura tagħha, il-livell ta'

kumplessità tat-teknoloġija tal-prodott ikkonċernat u tan-natura massiva jew serjali tal-proċess ta' produzzjoni.

B'dan il-mod, dawn għandhom iżda jirrispettaw il-grad ta' rigorożità u l-livell ta' protezzjoni meħtieġa għall-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti rilevanti.

3. Meta korp notifikat isib li manifattur ma jissodisfax ir-rekwiżiti rilevanti jew l-istandards armonizzati korrispondenti, l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew speċifikazzjonijiet tekniċi oħra, dan għandu jitlob lil dak il-manifattur jieħu miżuri korrettivi xierqa fid-dawl tat-tieni u l-aħħar valutazzjoni tal-konformità, sakemm in-nuqqasijiet ma jkunux jistgħu jissewwew, f'liema każ ma għandux joħroġ ċertifikat jew deċiżjoni ta' approvazzjoni.

4. Meta, waqt il-monitoraġġ tal-konformità wara l-ħruġ ta' ċertifikat jew ta' deċiżjoni ta' approvazzjoni, korp notifikat isib li l-prodott jew il-manifattur ma jkunux jew ma għadhomx konformi, dan għandu jeżiġi mingħand il-manifattur li dan jieħu miżuri korrettivi xierqa u għandu jissospendi jew jirtira ċ-ċertifikat jew id-deċiżjoni ta' approvazzjoni jekk ikun meħtieġ.

5. Meta ma jittieħdux miżuri korrettivi jew meta dawn ma jħallux l-effett meħtieġ, il-korp notifikat għandu jillimita, jissospendi jew jirtira kull ċertifikat jew deċiżjoni ta' approvazzjoni, kif ikun xieraq.

6. Meta jieħdu deċiżjonijiet ta' valutazzjoni tal-konformità, inkluż meta jiddeċiedu dwar il-ħtieġa li jissospendu jew jirtiraw ċertifikat jew deċiżjonijiet ta' approvazzjoni fid-dawl ta' nuqqas ta' konformità possibbli, il-korpi notifikati għandhom japplikaw kriterji ċari u ddeterminati minn qabel.

7. Il-korpi notifikati għandhom jiżguraw rotazzjoni fost il-persunal li jwettaq kompiti differenti ta' valutazzjoni tal-konformità.

Artikolu 54

Obbligu ta' informazzjoni fuq il-korpi notifikati

1. Il-korpi notifikati għandhom jinformaw lill-awtorità notifikanti dwar dan li ġej:

   (a) kwalunkwe rifjut, restrizzjoni, sospensjoni jew irtirar ta' ċertifikat;

   (b) kwalunkwe ċirkostanza li jkollha effett fuq l-ambitu u fuq il-kundizzjonijiet għan-notifika;

   (c) kwalunkwe talba għal informazzjoni li huma jkunu rċevew minn awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq rigward attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità;

   (d) fuq talba, l-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità mwettqa fl-ambitu tan-notifika tagħhom u kull attività oħra mwettqa, inkluż l-attivitajiet transfruntieri u s-sottokuntrattar.

2. Il-korpi notifikati għandhom jipprovdu lill-korpi l-oħra notifikati skont dan ir-Regolament li jwettqu attivitajiet simili ta' valutazzjoni tal-konformità li jkopru l-istess prodotti b'informazzjoni rilevanti dwar kwistjonijiet relatati ma' riżultati negattivi tal-valutazzjoni tal-konformità u, jekk jintalbu, dawk pożittivi.

3. Meta l-Kummissjoni jew l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru tressaq talba lil korp notifikat stabbilit fit-territorju ta' Stat Membru ieħor b'rabta mal-valutazzjoni tal-konformità mwettqa minn dak il-korp notifikat, din għandha tibgħat kopja ta' dik it-talba lill-awtorità notifikanti ta' dak l-Istat Membru l-ieħor. Il-korp

notifikat ikkonċernat għandu jwieġeb din it-talba mingħajr dewmien u fi żmien 15-il jum. L-awtorità notifikanti għandha tiżgura li tali talbiet jissolvew mill-korp notifikat sakemm ma jkunx hemm raġuni leġittima biex dan ma jsirx.

4. Meta l-korpi notifikati jkollhom jew jirċievu evidenza li:

(a) korp notifikat ieħor ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 45 jew mal-obbligi tiegħu; jew

(b) prodott imqiegħed fis-suq ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-ekodisinn stabbiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 li permezz tagħhom ikun kopert dak il-prodott; jew

(c) prodott imqiegħed fis-suq, minħabba l-kundizzjoni fiżika tiegħu, aktarx li jikkawża riskju serju;

dawn għandhom iwissu u jikkondividu tali evidenza mal-awtorità rilevanti tas-sorveljanza tas-suq jew notifikanti, kif xieraq.

Artikolu 55

Skambji ta' esperjenza

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi għall-organizzazzjoni ta' skambji ta' esperjenza bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli mill-politika tan-notifiki.

Artikolu 56

Koordinazzjoni ta' korpi notifikati

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jiġu stabbiliti koordinazzjoni u kooperazzjoni xierqa bejn il-korpi notifikati skont dan ir-Regolament u li dawn jitħaddmu kif xieraq fil-forma ta' grupp jew gruppi ta' korpi notifikati, meta xieraq, inkluż gruppi ta' korpi notifikati skont l-istess att delegat adottat skont l-Artikolu 4 jew fir-rigward ta' kompiti simili ta' valutazzjoni tal-konformità.

Il-korpi notifikati għandhom jipparteċipaw fil-ħidma ta' kwalunkwe grupp rilevanti, direttament jew permezz ta' rappreżentanti maħturin.

2. Il-korpi notifikati għandhom japplikaw bħala gwida ġenerali kull dokument rilevanti maħluq permezz tal-ħidma tal-gruppi msemmija fil-paragrafu 1.

3. Il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fil-gruppi msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollhom l-għan li jiżguraw l-applikazzjoni armonizzata ta' dan ir-Regolament u tal-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4. Meta jagħmlu dan, il-gruppi għandhom isegwu bħala gwida ġenerali kwalunkwe dokument rilevanti prodott mill-grupp ta' kooperazzjoni amministrattiva stabbilit skont l-Artikolu 30(2) tar-Regolament (UE) 2019/1020.

KAPITOLU X - INĊENTIVI

Artikolu 57

Inċentivi tal-Istati Membri

1. L-inċentivi tal-Istati Membri relatati ma' prodotti koperti minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4 li jiddetermina l-klassijiet ta' prestazzjoni skont l-Artikolu 7(4), fir-rigward ta' parametru ta' prodott imsemmi fl-Anness I, għandhom jikkonċernaw l-aktar żewġ klassijiet ta' prestazzjoni li huma popolati fil-livell tal-Unjoni jew, meta rilevanti, prodotti b'Ekotikketta tal-UE, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dak l-att delegat.

2. Meta att delegat adottat skont l-Artikolu 4 jiddetermina l-klassijiet ta' prestazzjoni skont l-Artikolu 7(4), fir-rigward ta' aktar minn parametru wieħed tal-prodott imsemmi fl-Anness I jew fejn huma stabbiliti klassijiet ta' prestazzjoni kemm skont ir-Regolament (UE) 2017/1369 u skont dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' tispeċifika aktar fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4, it-tielet subparagrafu, il-punt (g), liema parametri tal-prodott għandhom jikkonċernaw l-inċentivi tal-Istati Membri.

   Hija u tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:

   (a) l-għadd ta' prodotti f'kull klassi ta' prestazzjoni;

   (b) l-affordabbiltà relattiva tal-prodotti f'kull klassi ta' prestazzjoni;

   (c) il-ħtieġa li tkun żgurata domanda suffiċjenti għal prodotti aktar sostenibbli mil-lat ambjentali.

3. Meta att delegat adottat skont l-Artikolu 4 ma jiddeterminax il-klassijiet ta' prestazzjoni, il-Kummissjoni tista' tispeċifika fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4, it-tielet subparagrafu, il-punt (g), ir-rekwiżiti relatati mal-parametri tal-prodott li l-prodotti kkonċernati mill-inċentivi tal-Istati Membri għandhom jissodisfaw.

   Hija u tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:

   (a) l-affordabbiltà relattiva tal-prodotti li jissodisfaw dawk ir-rekwiżiti;

   (b) il-ħtieġa li tkun żgurata domanda suffiċjenti għal prodotti aktar sostenibbli mil-lat ambjentali.

Artikolu 58

Akkwist pubbliku ekoloġiku

1. Ir-rekwiżiti skont l-Artikolu 4, it-tielet subparagrafu, il-punt (h) għall-kuntratti pubbliċi mogħtija mill-awtoritajiet kontraenti, kif definit fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/24/UE jew l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2014/25/UE, jew l-entitajiet kontraenti, kif definiti fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/25/UE, jistgħu jieħdu l-forma ta' speċifikazzjonijiet tekniċi obbligatorji, kriterji tal-għażla, kriterji għall-għoti, klawżoli dwar l-eżekuzzjoni ta' kuntratt, jew miri, kif xieraq.

2. Meta tistabbilixxi rekwiżiti skont l-Artikolu 4, it-tielet subparagrafu, il-punt (h), għall-kuntratti pubbliċi, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:

(a) il-valur u l-volum tal-kuntratti pubbliċi mogħtija għal dak il-grupp ta' prodotti partikolari jew għas-servizzi jew ix-xogħlijiet li jużaw il-grupp ta' prodotti partikolari;

(b) il-ħtieġa li tkun żgurata domanda suffiċjenti għal prodotti aktar ambjentalment sostenibbli;

(c) il-fattibbiltà ekonomika għall-awtoritajiet kontraenti jew għall-entitajiet kontraenti biex jixtru prodotti aktar ambjentalment sostenibbli, mingħajr ma jinvolvu kostijiet sproporzjonati.

KAPITOLU XI - SORVELJANZA TAS-SUQ

Artikolu 59

Pjanijiet ta' azzjoni għas-sorveljanza tas-suq

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2019/1020, kull Stat Membru għandu, mill-inqas kull sentejn (2), ifassal pjan ta' azzjoni li jiddeskrivi l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq ippjanati biex ikun żgurat li jsiru l-kontrolli xierqa fuq skala adegwata rigward dan ir-Regolament u tal-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4. Kull Stat Membru għandu jfassal l-ewwel tali pjan ta' azzjoni sas-[16 ta' Lulju 2024].

   Il-pjan ta' azzjoni msemmi fil-paragrafu 1 għandu tal-anqas jinkludi:

   (a) il-prodotti jew ir-rekwiżiti identifikati bħala prijoritajiet għas-sorveljanza tas-suq, filwaqt li jitqiesu l-prijoritajiet komuni identifikati mill-grupp ta' kooperazzjoni amministrattiva skont l-Artikolu 62(1), il-punt (a), u f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 5;

   (b) l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq ippjanati biex jonqos in-nuqqas ta' konformità għal dawk il-prodotti jew ir-rekwiżiti identifikati bħala prijoritajiet, inkluż in-natura u l-għadd minimu ta' kontrolli li għandhom jitwettqu matul il-perjodu kopert mill-pjan ta' azzjoni.

2. Il-prijoritajiet għas-sorveljanza tas-suq imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), għandhom jiġu identifikati abbażi ta' kriterji oġġettivi, inkluż:

   (a) il-livelli ta' nuqqas ta' konformità osservati fis-suq;

   (b) l-impatti ambjentali tan-nuqqas ta' konformità;

   (c) l-għadd ta' prodotti rilevanti magħmula disponibbli fis-swieq nazzjonali; u

   (d) l-għadd ta' operaturi ekonomiċi rilevanti attivi f'dawk is-swieq.

3. In-natura u l-għadd ta' kontrolli ppjanati skont il-paragrafu 1, il-punt (b), għandhom ikunu proporzjonati għall-kriterji oġġettivi użati biex jiġu identifikati l-prijoritajiet f'konformità mal-paragrafu 2.

4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw il-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħra permezz tas-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2019/1020.

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jelenkaw il-prodotti jew ir-rekwiżiti li l-Istati Membri għandhom tal-anqas iqisu bħala prijoritajiet għas-sorveljanza tas-suq skont il-paragrafu 1, il-punt (a).

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' konsulenza msemmija fl-Artikolu 67(2).

Artikolu 60

Għadd minimu ta' kontrolli

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 66 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi l-għadd minimu ta' kontrolli li għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' kull Stat Membru fuq prodotti speċifiċi koperti minn atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 jew fir-rigward tar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti f'tali atti delegati. L-att delegat jista', meta rilevanti, jispeċifika n-natura tal-kontrolli meħtieġa u l-metodi li għandhom jintużaw.

   L-għadd minimu ta' kontrolli għandu jiġi stabbilit abbażi tal-kriterji li ġejjin:

   (a) il-kriterji elenkati fl-Artikolu 59(2);

   (b) l-attivitajiet ippjanati fil-pjanijiet ta' azzjoni tal-Istati Membri;

   (c) il-prijoritajiet komuni identifikati mill-grupp ta' kooperazzjoni amministrattiva skont l-Artikolu 62(1), il-punt (a);

   (d) meta rilevanti, il-prijoritajiet inklużi fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 59(5).

2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandu jkollhom id-dritt li jirkupraw mingħand l-operatur ekonomiku responsabbli l-kostijiet tal-ispezzjoni tad-dokumenti u tal-ittestjar fiżiku tal-prodotti f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4.

Artikolu 61

Rapportar u valutazzjoni komparattiva

1. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom idaħħlu fis-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2019/1020 informazzjoni dwar in-natura u s-severità ta' kwalunkwe penali imposta fir-rigward tan-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni għandha, kull sentejn (2), tfassal rapport sat-30 ta' Ġunju abbażi tal-informazzjoni mdaħħla mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fis-sistema tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2019/1020. L-ewwel wieħed minn dawn ir-rapporti għandu jiġi ppubblikat minn [*OP: Żid id-data: sentejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*].

   Ir-rapport għandu jinkludi:

   (a) informazzjoni dwar in-natura u l-għadd ta' kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq matul is-sentejn kalendarji preċedenti skont l-Artikolu 34(4) u (5) tar-Regolament (UE) 2019/1020;

   (b) informazzjoni dwar il-livelli ta' nuqqas ta' konformità identifikati u dwar in-natura u s-severità tal-penali imposti għas-sentejn kalendarji preċedenti fir-rigward ta' prodotti koperti minn atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament;

(c) tqabbil ta' din l-informazzjoni mal-attivitajiet ippjanati fil-kuntest tal-pjanijiet ta' azzjoni mfassla skont l-Artikolu 59(1);

(d) parametri referenzjarji indikattivi għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fir-rigward tal-frekwenza tal-kontrolli u tan-natura u s-severità tal-penali imposti.

3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapport imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu fis-sistema tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2019/1020 u għandha tippubblika sommarju tar-rapport.

Artikolu 62

Koordinazzjoni u appoġġ tas-sorveljanza tas-suq

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-grupp ta' kooperazzjoni amministrattiva ("ADCO") stabbilit skont l-Artikolu 30(2) tar-Regolament (UE) 2019/1020 għandu jiltaqa' f'intervalli regolari u, meta meħtieġ, fuq talba motivata tal-Kummissjoni jew ta' żewġ awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq parteċipanti jew aktar.

Fil-kuntest tat-twettiq tal-kompiti tiegħu stabbiliti fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2019/1020, l-ADCO għandu jappoġġa l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni mfassla skont l-Artikolu 59(1) u għandu jidentifika:

(a) prijoritajiet komuni għas-sorveljanza tas-suq kif imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 59(1), ibbażati fuq kriterji oġġettivi kif imsemmi fl-Artikolu 59(2);

(b) prijoritajiet għall-appoġġ tal-Unjoni skont il-paragrafu 2;

(c) rekwiżiti stabbiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 li jiġu applikati jew interpretati b'mod differenti li jenħtieġ li jkunu prijoritajiet għall-organizzazzjoni ta' taħriġ komuni jew għall-adozzjoni ta' linji gwida skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Abbażi tal-prijoritajiet identifikati mill-ADCO, il-Kummissjoni għandha:

(a) torganizza proġetti konġunti ta' sorveljanza tas-suq u ta' ttestjar f'oqsma ta' interess komuni;

(b) torganizza investiment konġunt fil-kapaċitajiet tas-sorveljanza tas-suq, inkluż it-tagħmir u l-għodod tal-IT;

(c) torganizza taħriġ komuni għall-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, l-awtoritajiet notifikanti u l-korpi notifikati, inkluż dwar l-interpretazzjoni korretta u l-applikazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 u dwar il-metodi u t-tekniki rilevanti għall-applikazzjoni jew għall-verifika tal-konformità ma' tali;

(d) telabora linji gwida għall-applikazzjoni u l-infurzar tar-rekwiżiti stabbiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4, inkluż prattiki u metodoloġiji komuni għal sorveljanza effettiva tas-suq.

L-Unjoni għandha,meta xieraq, tiffinanzja l-azzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c).

3. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi appoġġ tekniku u loġistiku biex tiżgura li l-ADCO jissodisfa l-kompiti tiegħu stabbiliti fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2019/1020 u f'dan l-Artikolu.

KAPITOLU XII - PROĊEDURI TA' SALVAGWARDJA

Artikolu 63

Proċedura fir-rigward ta' prodotti li jippreżentaw riskju fil-livell nazzjonali

1. Meta l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru wieħed ikollhom raġuni suffiċjenti biex jemmnu li prodott kopert minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4 jippreżenta riskju, dawn għandhom iwettqu evalwazzjoni li tkopri r-rekwiżiti kollha rilevanti għar-riskju u stabbiliti f'dan ir-Regolament jew fl-att delegat rilevanti. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw kif meħtieġ mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

   Meta, tul dik l-evalwazzjoni, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq isibu li l-prodott ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-atti delegati applikabbli adottati skont l-Artikolu 4, dawn għandhom, mingħajr dewmien, jitolbu lill-operatur ekonomiku rilevanti jieħu azzjoni korrettiva xierqa u proporzjonata, f'perjodu raġonevoli preskritt mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u proporzjonat man-natura u, meta rilevanti, il-grad tan-nuqqas ta' konformità, biex jintemm in-nuqqas ta' konformità. L-azzjoni korrettiva meħtieġa li trid tittieħed mill-operatur ekonomiku tista' tinkludi l-azzjonijiet elenkati fl-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2019/1020.

   L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jinfurmaw b'dan lill-korp notifikat rilevanti.

2. Meta l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq iqisu li n-nuqqas ta' konformità ma jkunx limitat għat-territorju nazzjonali tagħhom, dawn għandhom jinformaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bir-riżultati tal-evalwazzjoni u bl-azzjonijiet li eżiġew li jieħu l-operatur ekonomiku.

3. L-operatur ekonomiku għandu jiżgura li tittieħed l-azzjoni korrettiva xierqa kollha fir-rigward tal-prodotti kkonċernati kollha li jkun qiegħed għad-dispożizzjoni fis-suq fl-Unjoni kollha.

4. Meta l-operatur ekonomiku rilevanti ma jieħux azzjoni korrettiva fil-perjodu ta' żmien imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 jew jekk jippersisti n-nuqqas ta' konformità, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu l-miżuri provviżorji xierqa kollha biex jipprojbixxu jew jirrestrinġu d-disponibbiltà tal-prodott ikkonċernat fis-suq nazzjonali tagħhom, biex jirtiraw il-prodott minn dak is-suq jew biex isejħuh lura.

   Dawn għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, mingħajr dewmien, b'dawk il-miżuri.

5. L-informazzjoni lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra msemmija fil-paragrafu 4 għandha tiġi kkomunikata permezz tas-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2019/1020 u għandha tinkludi d-dettalji kollha disponibbli, b'mod partikolari d-*data* meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-prodott mhux konformi, l-oriġini tal-prodott, in-natura tal-allegat nuqqas ta' konformità u n-nuqqas ta' konformità involut, in-natura u t-tul tal-miżuri nazzjonali meħuda u l-argumenti mressqa mill-operatur ekonomiku rilevanti. L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jindikaw ukoll jekk in-nuqqas ta' konformità huwiex minħabba:

(a) in-nuqqas tal-prodott li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-att delegat rilevanti adottat skont l-Artikolu 4; jew

(b) nuqqasijiet fl-istandards armonizzati jew fl-ispeċifikazzjoni komuni msemmijin fl-Artikoli 34 u 35 li jagħtu preżunzjoni ta' konformità.

6. L-Istati Membri għajr l-Istat Membru li jibda l-proċedura għandhom mingħajr dewmien jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bi kwalunkwe miżura adottata u bi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali għad-dispożizzjoni tagħhom relatata man-nuqqas ta' konformità tal-prodott ikkonċernat, u, f'każ li jkun hemm nuqqas ta' qbil mal-miżura nazzjonali notifikata, tal-oġġezzjonijiet tagħhom.

7. Jekk, fi żmien tliet xhur minn meta tasal l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, ma tkun saret ebda oġġezzjoni minn xi Stat Membru jew mill-Kummissjoni fuq miżura proviżorja meħuda minn Stat Membru, dik il-miżura għandha titqies li tkun ġustifikata. Il-miżuri jistgħu jispeċifikaw perjodu itwal jew iqsar minn tliet xhur biex jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-prodotti jew tar-rekwiżiti kkonċernati.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri restrittivi xierqa fir-rigward tal-prodott jew tal-manifattur ikkonċernat, bħall-irtirar tal-prodott mis-suq tagħhom, mingħajr dewmien.

Artikolu 64

Proċedura ta' salvagwardja tal-Unjoni

1. Meta, wara li tkun tlestiet il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 63(3) u (4), isiru oġġezzjonijiet kontra miżura nazzjonali meħuda minn Stat Membru jew meta l-Kummissjoni tqis li miżura nazzjonali tikser il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien tidħol f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u mal-operatur jew operaturi ekonomiċi rilevanti u għandha tevalwa l-miżura nazzjonali. Abbażi tar-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, jekk il-miżura nazzjonali hijiex ġustifikata jew le.

   Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(3).

2. Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u għandha tikkomunikaha minnufih lilhom u lill-operatur jew operaturi ekonomiċi rilevanti.

   Jekk il-miżura nazzjonali titqies ġustifikata, l-Istati Membri kollha għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-prodott li ma jkunx konformi jiġi irtirat mis-suq tagħhom, u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni skont dan.

   Jekk il-miżura nazzjonali titqies li ma tkunx ġustifikata, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirtira l-miżura.

3. Meta l-miżura nazzjonali titqies ġustifikata u n-nuqqas ta' konformità tal-prodott jiġi attribwit għal nuqqasijiet fl-istandards armonizzati msemmija fl-Artikolu 34 ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tapplika l-proċedura prevista fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

4. Meta l-miżura nazzjonali titqies ġustifikata u n-nuqqas ta' konformità tal-prodott jiġi attribwit għan-nuqqasijiet fl-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fl-Artikolu 35, il-

Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tadotta atti ta' implimentazzjoni li jemendaw jew iħassru l-ispeċifikazzjonijiet komuni kkonċernati.

L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(3).

Artikolu 65

Nuqqas ta' konformità formali

1. Meta Stat Membru jagħmel waħda minn dawn is-sejbiet, dan għandu jeżiġi li l-operatur ekonomiku rilevanti ma jkomplix bin-nuqqas ta' konformità kkonċernat:

   (a) il-markatura CE tkun twaħħlet bi ksur tal-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 jew tal-Artikolu 39 ta' dan ir-Regolament;

   (b) il-markatura CE ma tkunx twaħħlet;

   (c) in-numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat ikun twaħħal bi ksur tal-Artikolu 39 jew ma jkunx twaħħal fejn meħtieġ;

   (d) id-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE ma tkunx saret;

   (e) id-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE ma tkunx saret kif suppost;

   (f) id-dokumentazzjoni teknika ma tkunx disponibbli, ma tkunx kompleta jew ikun fiha żbalji;

   (g) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 21(6) jew fl-Artikolu 23(3) tkun nieqsa, falza jew inkompleta;

   (h) kwalunkwe rekwiżit amministrattiv ieħor previst fl-Artikolu 21 jew fl-Artikolu 23 jew fl-att delegat applikabbli adottat skont l-Artikolu 4, ma jiġix issodisfat.

2. Meta jippersisti n-nuqqas ta' konformità msemmi fil-paragrafu 1, l-Istat Membru konċernat għandu jieħu l-miżuri xierqa kollha biex jillimita jew jipprojbixxi li l-prodott jitqiegħed fis-suq jew jiżgura li dan jittieħed lura jew jiġi rtirat mis-suq.

KAPITOLU XIII - SETGĦAT DELEGATI U PROĊEDURA TAL-KUMITAT

Artikolu 66

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 4, l-Artikolu 9(1), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 11(4), l-Artikolu 20(3), u l-Artikolu 61(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' sitt snin minn *[xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-att*]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' sitt snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4, l-Artikolu 9(1), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 11(4), l-Artikolu 20(3), u l-Artikolu 61(1) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe

mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti maħtura minn kull Stat Membru li jaġixxu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4, l-Artikolu 9(1), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 11(4), l-Artikolu 20(3), u l-Artikolu 61(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 67

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

KAPITOLU XIV - DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 68

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali stipulati għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, u għandhom iqisu l-grad ta' nuqqas ta' konformità u n-numru ta' unitajiet ta' prodotti li mhumiex konformi mqiegħda fis-suq tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn [*sena wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*] u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien rigward kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

Artikolu 69

Evalwazzjoni

Mhux aktar tard minn [*8 snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tal-kontribut tiegħu għall-funzjonament tas-suq intern u għat-titjib tas-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar is-sejbiet prinċipali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Reġjuni. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għat-tħejjija tar-Rapport.

Meta l-Kummissjoni ssib li jkun xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva għal emenda tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 70

Tħassir u dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. Id-Direttiva 2009/125/KE hija mħassra.
2. Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VIII.
3. L-Artikolu 1(3), l-Artikolu 2, l-Artikolu 3(1), l-Artikoli 4, 5 u 8, l-Artikolu 9(3), l-Artikolu 10 u l-Annessi IV, V u VI tad-Direttiva 2009/125/KE, kif applikabbli fi [OP: *daħħal il-jum qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], għandhom ikomplu japplikaw għall-miżuri ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 15 ta' dik id-Direttiva.
4. L-Artikoli 3, 33 u l-Artikoli 59 sa 65 ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-miżuri ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2009/125/KE.
5. Għall-prodotti mqiegħda fis-suq jew fis-servizz skont id-Direttiva 2009/125/KE qabel id-data tal-applikazzjoni ta' att delegat adottat skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament li jkopri l-istess prodotti, il-manifattur għandu, għal perjodu ta' għaxar (10) snin mid-data meta ġie manifatturat l-aħħar prodott, jagħmel verżjoni elettronika tad-dokumentazzjoni relatata mal-valutazzjoni tal-konformità u mad-dikjarazzjoni tal-konformità disponibbli għall-ispezzjoni fi żmien għaxart (10) ijiem minn talba li tasal mingħand l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jew mill-Kummissjoni.

Artikolu 71

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil, inkluż kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" hu l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat/i

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

03 - Suq Uniku

09 - Ambjent u Azzjoni Klimatika

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☐ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[86]

☑ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☑ **fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

Dan ir-Regolament għandu l-objettivi li jitjieb is-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti u jkun żgurat il-moviment liberu fis-suq intern tal-prodotti li għalihom huma stabbiliti rekwiżiti ta' sostenibbiltà.

Dan jagħmlu billi jipprevedi l-adozzjoni ta' atti delegati li jkun fihom rekwiżiti relatati mad-durabbiltà tal-prodott, l-użu mill-ġdid, l-aġġornament u l-possibbiltà ta' tiswija, il-preżenza ta' sustanzi ta' tħassib fil-prodotti, l-effiċjenza enerġetika u fir-riżorsi tal-prodott, il-kontenut riċiklat fil-prodotti, il-manifattura mill-ġdid tal-prodott u r-riċiklaġġ ta' kwalità għolja, u għat-tnaqqis tal-impronti tal-karbonju u ambjentali tal-prodotti. Dan jipprevedi wkoll il-ħolqien ta' passaport diġitali tal-prodotti ("passaport tal-prodotti"), għall-istabbiliment ta' kriterji obbligatorji ta' akkwist pubbliku ekoloġiku u joħloq qafas biex ikun evitat li l-prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa jinqerdu.

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

B'segwitu għall-objettiv ġenerali, l-objettivi speċifiċi huma li:

- It-titjib tas-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti u l-aċċess għal informazzjoni dwar is-sostenibbiltà tul il-katina tal-provvista
- L-inċentivar ta' prodotti u ta' mudelli tan-negozju aktar sostenibbli biex tittejjeb iż-żamma tal-valur
- It-titjib fl-applikazzjoni ta' qafas leġiżlattiv sostenibbli għall-prodotti

1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

[86] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Ir-riżultati u l-impatti mistennija tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament huma dawn li ġejjin:

F'termini ta' prodotti mtejba, is-sostenibbiltà ambjentali u l-aċċess għal informazzjoni dwar is-sostenibbiltà tul il-katina tal-provvista

- Żieda fl-għadd ta' prodotti (mhux tal-ikel) koperti
- Ir-rekwiżiti tal-prodott li jkopru aħjar il-katina tal-valur tal-prodotti, l-aspetti taċ-ċirkolarità u l-aċċess għall-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà
- Impatti ambjentali aktar baxxi, effiċjenza aħjar fl-enerġija u fir-riżorsi fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti, inkluż permezz tal-indirizzar tal-ħajja tal-prodott u tal-materjali użati.

F'termini ta' inċentivi għal prodotti u mudelli tan-negozju aktar sostenibbli

- Żieda fl-investiment fid-disinn, fil-produzzjoni u fis-servizzi ta' wara l-bejgħ ta' prodotti aktar sostenibbli li twassal għal sehem mis-suq ogħla għalihom.
- Valur ekonomiku miżjud tas-setturi tar-riċiklaġġ u tat-tiswija u tal-użu mill-ġdid

F'termini ta' applikazzjoni mtejba tal-qafas leġiżlattiv sostenibbli għall-prodotti

- Żieda fl-għadd ta' prodotti koperti mir-rekwiżiti ta' sostenibbiltà
- Ir-rekwiżiti tal-prodott li jkopru aħjar il-katina tal-valur tal-prodotti, l-aspetti taċ-ċirkolarità u l-aċċess għall-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà
- Livell imnaqqas ta' nuqqas ta' konformità dwar ir-rekwiżiti ta' sostenibbiltà għall-prodotti mqiegħda fis-suq tal-UE

Għan-negozji li joperaw bejn il-fruntieri tal-UE, ir-rekwiżiti armonizzati fil-livell tal-UE x'aktarx li jnaqqsu l-kostijiet ġenerali tal-konformità, minħabba li se jissostitwixxu diversi rekwiżiti eżistenti jew ippjanati fil-livell nazzjonali. Se jkun hemm ukoll benefiċċji diretti għall-kompetittività tan-negozji, inkluż minn bidla fl-attività mill-ipproċessar tal-materja prima primarja lejn materja prima sekondarja u mill-produzzjoni ta' prodotti għall-manutenzjoni, l-użu mill-ġdid, ir-rinnovazzjoni, it-tiswija u l-bejgħ ta' oġġetti użati, li mistenni jkun ta' benefiċċju għall-SMEs b'mod sinifikanti minħabba li huma aktar attivi f'dawn is-setturi.

Mistenni wkoll li dan ir-Regolament se jibdel l-imġiba tal-konsumatur. Dan se jwieġeb għall-problema identifikata li għadu diffiċli wisq għall-operaturi ekonomiċi u għaċ-ċittadini biex jagħmlu għażliet ta' xiri sostenibbli minħabba li l-informazzjoni rilevanti u l-għażliet affordabbli biex isir dan huma nieqsa. Dan se jwassal lill-konsumaturi lejn xiri li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent billi jeskludi l-prodotti l-inqas sostenibbli mis-suq (u għalhekk jissimplifika l-għażliet tal-konsumaturi) u billi jipprovdi informazzjoni aktar ċara u aktar aċċessibbli, inkluż għal xi prodotti l-klassijiet ta' prestazzjoni tagħhom u possibbilment tikketti relatati. Il-Passaport Diġitali tal-Prodotti se jkompli jżid l-informazzjoni disponibbli u jiffaċilita l-aċċess. Dan se jippermetti lill-fornituri privati jiżviluppaw applikazzjonijiet u servizzi li jtejbu l-kapaċità tal-konsumaturi li jivvalutaw il-prodotti u jqabbluhom.

Il-Passaport Diġitali tal-Prodotti se jagħmel ukoll l-informazzjoni rilevanti dwar il-prodott disponibbli b'mod diġitali għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq (MSAs) u possibbilment għall-Awtoritajiet Doganali, filwaqt li jiffaċilita l-verifika tal-konformità u jtejjeb l-effiċjenza tal-attivitajiet ta' infurzar mill-Istati Membri.

Madankollu, l-ambitu estiż tal-qafas tal-Ekodisinn b'ambizzjonijiet ogħla ta' sostenibbiltà jista' jkun ta' suċċess biss jekk ir-riżorsi kemm tal-Kummissjoni Ewropea kif ukoll tal-Istati Membri jissaħħu għal livell proporzjonat mal-ambizzjonijiet.

1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Is-sett ewlieni ta' indikaturi li ġej se jintuża għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u tal-impatti:

F'termini ta' prodotti mtejba, is-sostenibbiltà ambjentali u l-aċċess għal informazzjoni dwar is-sostenibbiltà tul il-katina tal-provvista

- L-għadd ta' gruppi ta' prodotti koperti minn atti delegati skont l-Artikolu 5
- Bidla stmata fl-emissjonijiet tas-Sustanzi Niġġiesa u tal-Gassijiet Serra (GHG) (inkluż permezz tal-assorbimenti) mill-ktajjen tal-valur tal-manifattura li jipprovdu prodotti regolati lis-Suq Intern tal-UE
- Bidla stmata fl-użu tal-enerġija u fl-effiċjenza u fl-użu tal-ilma u fl-effiċjenza tal-prodotti regolati rilevanti mqiegħda jew fis-servizz fis-Suq Intern tal-UE; produttività tar-riżorsi (effiċjenza tal-materjali)
- It-tul medju tal-ħajja tal-prodotti regolati rilevanti bħala konsegwenza ta' (1) id-durabbiltà intrinsika tiegħu, (2) l-operazzjonijiet ta' manutenzjoni, tiswija u aġġornament li kien soġġett għalihom, u (3) l-għadd tal-utenti suċċessivi tiegħu
- Il-kontribut tal-materja prima rriċiklata wara l-konsumatur għad-domanda tas-Suq Intern għall-materja prima - għall-metalli mhux prezzjużi, għall-Materja Prima Kritika, u għall-plastik.
- Rata tal-użu tal-materjali ċirkolari - Sehem tad-domanda għall-materjali ssodisfat minn materja prima sekondarja (% tal-użu totali tal-materjali)

F'termini ta' inċentivi għal prodotti u mudelli tan-negozju aktar sostenibbli

- Il-valur miżjud u l-komponenti tiegħu skont l-attività
- L-akkwist pubbliku ekoloġiku - is-sehem tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku ogħla mil-limiti tal-UE (fin-numru u fil-valur) li jinkludu elementi ambjentali
- L-impatt fuq il-konsumaturi minħabba bidla fil-kost tal-prodotti u bidla fil-valur mill-użu tagħhom
- "Investiment gross f'oġġetti tanġibbli", "Għadd ta' persuni impjegati" u "Valur miżjud bil-kostijiet tal-fattur" fis-settur tar-riċiklaġġ u fis-settur tat-tiswija u tal-użu mill-ġdid.

F'termini ta' applikazzjoni mtejba tal-qafas leġiżlattiv sostenibbli għall-prodotti

- tipi ta' rekwiżiti stabbiliti inkluż il-passaport diġitali tal-prodotti stabbilit
- Ir-rata ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stabbiliti għall-prodotti koperti mill-atti delegati

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil, inkluż kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

Il-proposta tibni fuq Direttiva u struttura diġà eżistenti li ntużaw biex jirregolaw il-prodotti relatati mal-enerġija permezz ta' leġiżlazzjoni sekondarja għal aktar minn 15-il sena. Bl-istess mod, il-biċċa l-kbira tal-miżuri introdotti f'dan ir-Regolament mhumiex applikabbli minnufih iżda jenħtieġ li jsegwu l-adozzjoni tal-att legali permezz tal-adozzjoni ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni. Huma biss il-miżuri dwar iċ-ċirkomvenzjoni u dwar l-iżvelar tal-qerda ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa li huma applikabbli minnufih.

Wara l-adozzjoni tal-att legali, il-Kummissjoni għandha tadotta pjan ta' ħidma li jistabbilixxi lista indikattiva ta' gruppi ta' prodotti li għalihom ikollha l-ħsieb li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 4. Dan se jieħu f'idejh il-ħidma kontinwa skont id-Direttiva eżistenti li se tinġieb fir-Regolament il-ġdid.

Dawn l-atti delegati għandhom jistabbilixxu rekwiżiti tal-ekodisinn applikabbli għal gruppi speċifiċi ta' prodotti jew għal firxa ta' gruppi ta' prodotti meta dawk il-gruppi ta' prodotti jippreżentaw xebh li jippermetti l-istabbiliment ta' rekwiżiti komuni tal-ekodisinn. Dawn l-atti delegati jistgħu jinkludu rekwiżiti applikabbli għall-kuntratti pubbliċi u l-ħolqien ta' passaporti diġitali tal-prodotti.

L-atti delegati jistgħu jiġu adottati wkoll dwar il-projbizzjoni tar-rimi ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa u dwar l-għadd ta' kontrolli li għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet tas-Sorveljanza tas-Suq.

Jistgħu jiġu adottati atti ta' implimentazzjoni biex jiġi speċifikat il-format għall-iżvelar tal-informazzjoni dwar il-qerda ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa u biex jiġu elenkati l-prodotti jew ir-rekwiżiti li l-Istati Membri għandhom tal-anqas iqisu bħala prijoritajiet għall-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq.

L-atti delegati u, meta xieraq, l-atti ta' implimentazzjoni se jiġu adottati wara valutazzjoni bir-reqqa tal-impatti u l-konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati, f'konformità mal-linji gwida għal regolamentazzjoni aħjar.

L-atti delegati dwar ir-rekwiżiti tal-ekodisinn u dwar il-projbizzjoni tar-rimi ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa se jiġu implimentati minn atturi ekonomiċi, b'mod partikolari manifatturi, importaturi u distributuri. L-industrija se tkun appoġġata mill-għoti ta' linji gwida dwar il-Mudelli tan-Negozju Ċirkolari (CBM) appoġġati minn ċentru madwar l-UE li jappoġġa l-adozzjoni ta' mudelli tan-negozju ċirkolari, li jindirizza l-informazzjoni u s-servizzi inklużi is-sensibilizzazzjoni, il-kooperazzjoni, il-forniment ta' taħriġ, l-iskambju tal-aħjar prattiki, eċċ.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" hu l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell Ewropew (*ex ante*)

Meta mqabbla mar-raġunament għal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-Ekodisinn, l-Istati Membri waħedhom ma jkollhomx il-possibbiltà li jippromulgaw miżuri xierqa mingħajr ma joħolqu diverġenzi fir-rekwiżiti għall-operaturi ekonomiċi, u ostakli

għall-moviment liberu tal-prodotti, piż regolatorju u kostijiet eċċessivi għall-operaturi ekonomiċi. Barra minn hekk, l-Istati Membri waħedhom inevitabbilment jiżviluppaw għodod li jvarjaw u jagħmlu l-għażliet tal-konsumatur aktar ikkumplikati. Jekk l-Istati Membri jaġixxu individwalment, għalhekk ikun hemm riskju għoli li jispiċċaw b'sistemi kompetituri differenti, abbażi ta' metodi u approċċi differenti, speċjalment prodotti nnegozjati fis-suq intern, u b'hekk tinħoloq frammentazzjoni tas-suq, u x'aktarx iwasslu għal livelli mhux uniformi ta' għarfien u informazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti madwar l-UE u kostijiet addizzjonali għall-kumpaniji li jinnegozjaw b'mod transfruntier.

Valur miżjud tal-Unjoni li mistenni jkun iġġenerat (*ex post*)

L-azzjoni fil-livell tal-Unjoni hija aktar effettiva mill-azzjoni fil-livell nazzjonali minħabba li azzjoni tal-UE biss tista' tistabbilixxi rekwiżiti komuni armonizzati tal-prodott u rekwiżiti ta' informazzjoni dwar il-karatteristiċi tas-sostenibbiltà li jiżguraw il-moviment liberu tal-merkanzija u li jippermettu lill-konsumaturi jagħmlu użu minn informazzjoni pertinenti u affidabbli dwar il-karatteristiċi sostenibbli u l-karatteristiċi ċirkolari ta' prodotti fi kwalunkwe Stat Membru li jinxtraw. Hemm valur miżjud ċar fl-istabbiliment ta' rekwiżiti komuni fil-livell tal-UE, għax dan se jiżgura suq intern armonizzat u li jiffunzjona tajjeb fl-Istati Membri kollha u, għalhekk, ambjent ekwu għan-negozji li joperaw fis-suq intern. B'rekwiżiti minimi u ta' informazzjoni armonizzati stabbiliti fil-livell tal-UE, prodotti sostenibbli u prattiki ċirkolari se jiġu promossi fl-Istati Membri kollha, u b'hekk jinħoloq suq akbar u aktar effiċjenti u b'hekk inċentivi akbar għall-industrija biex dawn jiġu żviluppati. Fl-aħħar nett, id-daqs tas-suq intern jipprovdi massa kritika li tippermetti lill-UE tippromwovi s-sostenibbiltà tal-prodott u tinfluwenza d-disinn tal-prodott u l-ġestjoni tal-katina tal-valur madwar id-dinja.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Hemm esperjenza twila fir-regolamentazzjoni l-ewwel tal-prodotti li jużaw l-enerġija u mbagħad ta' dawk relatati mal-enerġija fil-livell tal-UE. Id-Direttiva 2009/125 attwali, id-Direttiva dwar l-Ekodisinn tipprovdi l-bażi għall-miżuri speċifiċi għall-prodott li ġew adottati. Il-benefiċċji ġew dokumentati f'rapporti annwali tal-kontabbiltà tal-impatt tal-Ekodisinn li juru l-benefiċċji prinċipali tal-enerġija akkumpanjati minn benefiċċji oħra tal-emissjonijiet u tar-riżorsi.

